KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SHARPSTON
ippreżentati fit-8 ta' Ġunju 2017[1]

**Kawża C-490/16**

**A.S.**
**vs**
**Ir-Repubblika tas-Slovenja**
**[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Vrhovno sodišče Republike Slovenije (qorti suprema tar-Repubblika tas-Slovenja)]**
**u**
**Kawża C-646/16**
**Jafari**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgerichtshof Wien (qorti amministrattiva suprema, Vjenna, l-Awstrija)]

"Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Fruntieri, ażil u immigrazzjoni – Determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli sabiex jeżamina applikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz għall-ażil – Kriterji għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli sabiex jeżamina applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali – Interpretazzjoni tal-Artikoli 12, 13 u 14 tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 – Interpretazzjoni tal-Artikolu 5(4)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006"

## Introduzzjoni

1. Jekk wieħed iħares lejn mappa tal-Ewropa u jpoġġi fuqha mappa tal-Unjoni Ewropea, u b'attenzjoni jiġu mmarkati l-fruntieri esterni tal-Unjoni, jirriżultaw ċerti veritajiet ovvji. Hemm fruntiera tal-art estiża lejn il-Lvant li tmiss ma' disa' Stati Membri tal-Unjoni[2]. Kif tersaq lejn il-Balkani, il-ġeografija – bħall-istorja – issir ftit ikkumplikata[3]. Il-punt essenzjali li għandu jiġi enfasizzat huwa li "pont ta' art" iwassal direttament mit-Turkija għal ġewwa l-Unjoni. Fin-Nofsinhar tat-territorju tal-Unjoni jinsab il-Mediterran – li jista' jinqasam b'dgħajjes imħejjija ta' malajr jekk il-kundizzjonijiet f'art twelidek huma tal-waħx biżżejjed sabiex iwassluk tipprova dik l-avventura ddisprata. L-eqreb punti ta' qsim

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 Nimxu mit-Tramuntana san-Nofsinhar: il-Finlandja, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, is-Slovakkja, l-Ungerija, il-Bulgarija u r-Rumanija. It-territorju Russu ta' Kaliningrad Oblast huwa mdawwar mill-Polonja, mil-Litwanja u mill-Baħar Baltiku.

3 Għalhekk, il-Kroazja, minbarra l-fruntieri tagħha mal-ġirien tagħha tal-Unjoni s-Slovenja u l-Ungerija, għandha wkoll fruntieri esterni mal-Bosnja-Ħerzegovina, mas-Serbja u mal-Montenegro. Il-Greċja għandha fruntiera interna tal-Unjoni mal-Bulgarija u fruntieri esterni mal-Albanija, ma' dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (iktar 'il quddiem il-"FYROM") u mat-Turkija.

iwasslu għall-artijiet tal-Greċja, ta' Malta jew tal-Italja – jew, fit-tarf estrem tal-Punent, ta' Spanja. Il-fruntieri tal-Lvant u tax-Xlokk tal-Unjoni huma għalhekk potenzjalment miftuħa għall-migrazzjoni fuq l-art[4]; filwaqt li l-fruntiera tan-Nofsinhar hija potenzjalment miftuħa għall-migrazzjoni mill-Mediterran.

2. It-tarf tal-Punent tal-Unjoni huwa ferm inqas miftuħ għall-migrazzjoni. L-ewwel nett, hemm il-kosta Atlantika matul it-tarf tal-Punent kollu tat-territorju tal-Unjoni. Imbagħad, fit-Tramuntana, hemm iktar baħar – il-Baħar Irlandiż, iċ-Channel u l-Baħar tat-Tramuntana[5]; is-Skagerrak[6], il-Kattegat u l-Baħar Baltiku[7]. Flimkien mal-Baħar Baltiku fuq il-fruntiera tan-Nofsinhar tagħha, l-Isvezja għandha fruntiera fuq l-art lejn it-tramuntana mal-ġar ŻEE tagħha, in-Norveġja. Il-Finlandja[8] għandha kemm fruntieri mal-baħar kif ukoll fruntieri fuq l-art[9]. Għalhekk lejn il-Punent u t-Tramuntana, il-ġeografija u l-klima jingħaqdu sabiex jagħmlu l-migrazzjoni ferm iktar diffiċli.

3. Is-"sistema ta' Dublin"[10] ma tiħux il-mappa tal-Ewropa li għadni kif iddeskrivejt bħala l-punt tat-tluq tagħha. Pjuttost, hija tassumi taċitament li l-applikanti kollha għall-protezzjoni internazzjonali se jaslu bl-ajru. Kieku kellhom jagħmlu hekk, fit-teorija kien ikun hemm xi ħaġa eqreb lejn possibbiltà ugwali li (approssimattivament ħafna) numri ugwali ta' applikanti jaslu f'kull wieħed mit-28 Stat Membru[11]. F'dan l-isfond, is-sistema fis-seħħ tagħmel sens raġonevoli ħafna.

4. Element ieħor essenzjali tas-sistema ta' Dublin huwa li tiffoka fuq l-applikant individwali għall-protezzjoni internazzjonali. Huwa dak l-applikant individwali [kif iddefinit fl-Artikolu 2(c) tar-Regolament Dublin III] li jiġi evalwat b'riferiment għall-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu III sabiex jiġi ddeterminat liema Stat Membru huwa responsabbli sabiex jikkunsidra l-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali. Ir-regolament kollu huwa fformulat f'termini tal-individwu. Dan huwa b'mod evidenti minnu nnifsu ġust u xieraq. Bnedmin individwali li qed ifittxu l-protezzjoni ma humiex statistika; huma għandhom jiġu ttrattati b'mod uman u b'rispett lejn id-drittijiet fundamentali tagħhom. Fi żminijiet normali, sabiex jingħata effett lill-approċċ stabbilit fir-Regolament Dublin III jista' jeħtieġ koordinazzjoni u kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri differenti, imma ma jkun hemm l-ebda diffikultà intrinsika jew li ma tistax tingħeleb.

4 Il-Konvenzjoni ta' Genève (ara l-punt 19 iktar 'il quddiem) tiddefinixxi refuġjati bħala nies li qed jaħarbu kunflitt jew persekuzzjoni; it-terminu "refuġjati" huwa wkoll użat f'sens wiesa' sabiex ikopri dawk in-nies li huma parti minn fluss minn pajjiż jew reġjun li jkunu milquta minn kunflitt, qabel ma jkollhom l-opportunità li japplikaw formalment għal u li jingħataw status ta' refuġjat. Il-migrazzjoni hija kunċett differenti ħafna. Fil-livell internazzjonali ma hemm l-ebda definizzjoni universalment aċċettata tal-kelma "migrant". It-terminu normalment jinftiehem fis-sens li jkopri l-każijiet kollha fejn id-deċiżjoni li wieħed jemigra tkun ittieħdet liberament mill-individwu kkonċernat għal raġunijiet ta' "konvenjenza personali" u mingħajr l-intervent ta' fattur ta' ġegħil estern. Din hija differenza kruċjali bejn "migranti" u "refuġjati". L-espressjoni "migrant" hija ta' spiss użata fl-istampa sabiex tkopri l-hekk imsejħa "migranti ekonomiċi" – dawk li jitilqu mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom purament għal raġunijiet ekonomiċi li ma humiex relatati mal-kunċett ta' "refuġjat", sabiex ifittxu titjib materjali għall-kwalità tal-ħajja tagħhom; ara l-Glossarju tal-Uffiċċju Internazzjonali għall-Migrazzjoni u l-Glossarju tan-Netwerk Ewropew tal-Migrazzjoni, kif ukoll id-dikjarazzjoni maħruġa mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (iktar 'il quddiem l-"UNHCR") tal-11 ta' Lulju 2016, "'Refugee' or 'migrant' – which is right?" ["Refuġjat" jew "migrant" - liema hija t-tajba?].

5 Bejn (rispettivament): l-Irlanda u r-Renju Unit; ir-Renju Unit u Franza u l-Belġju; u r-Renju Unit u l-Pajjiżi l-Baxxi u l-Ġermanja.

6 Is-Skaggerak jissepara d-Danimarka mill-ġar tagħha taż-ŻEE, in-Norveġja.

7 Il-Kattegat u l-Baħar Baltiku jisseparaw lid-Danimarka u lill-Ġermanja mill-Isvezja.

8 Il-Baħar Baltiku, il-Golf ta' Bothnia u l-Golf tal-Finlandja.

9 Il-fruntieri tal-art tal-Finlandja huma l-Isvezja (Stat Membru sieħeb tal-Unjoni), in-Norveġja (stat taż-ŻEE) u r-Russja (pajjiż terz).

10 Nuża dan it-terminu sabiex niddeskrivi, suċċessivament, sensiela ta' strumenti legali. Inizjalment kien hemm il-Konvenzjoni ta' Dublin (Konvenzjoni li tiddetermina l-Istat responsabbli sabiex jeżamina applikazzjonijiet għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej; ĠU 1997, C 254, p. 1.). L-Istati Membri ffirmaw dik il-konvenzjoni f'Dublin fil-15 ta' Ġunju 1990. Il-Konvenzjoni ta' Dublin daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 1997 għat-12-il firmatarju oriġinali, fl-1 ta' Ottubru 1997 għar-Repubblika tal-Awstrija u għar-Renju tal-Isvezja, u fl-1 ta' Jannar 1998 għar-Repubblika tal-Finlandja. Din ġiet issostitwita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003, tat-18 ta' Frar 2003, li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 109, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Dublin II"). Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2013, li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU 2013, L 180, p. 31 u rettifika fil-ĠU 2017, L 49, p. 50; iktar 'il quddiem ir-"Regolament Dublin III") ħassar ir-Regolament Dublin II u huwa l-verżjoni attwali fis-seħħ.

11 Ninnota li, fil-prattika, liema Stati Membri huma moqdija faċilment minn liema linji tal-ajru li jaslu minn liema destinazzjonijiet ikollu sehem fid-determinazzjoni ta' liema hu l-Istat Membru li fih applikant għall-protezzjoni internazzjonali li jasal bl-ajru jinżel l-ewwel.

5. Bejn Settembru 2015 u Marzu 2016, iż-żminijiet xejn ma kienu normali.

6. Dan huwa kif il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea ddeskriva l-kawża ewlenija tal-migrazzjoni għall-għarrieda u qawwija lejn l-Unjoni:

"Hemm infern fuq l-art. Jissejjaħ is-Sirja. Huwa minn ewl id-dinja li miljuni ta' nies jippruvaw jaħarbu minn dak infern. Huwa minn ewl id-dinja wkoll li jippruvaw jibqgħu qrib id-djar tagħhom kemm jista' jkun. U huwa evidenti minnu nnifsu li huma jippruvaw isibu kenn x'imkien ieħor li jkun sigur jekk ma jirnexxilhomx. [...] Iktar u iktar nies qed jaħarbu. Is-sitwazzjoni fil-pajjiżi ġirien toffri ftit jew xi kultant l-ebda tama. Għalhekk in-nies tfittex il-kenn [permezz tat-Turkija li hija stess tħares fi ħdanha iktar minn żewġ miljun refuġjat] fl-Ewropa. Il-problema ma hijiex se ssolvi lilha nnifisha. L-influss tar-refuġjati mhux se jieqaf sakemm il-gwerra tkompli. Għandu jsir ħafna sabiex jintemm dan il-kunflitt, u d-dinja kollha se tkun involuta. Fil-frattemp, irridu nagħmlu kull sforz sabiex nieħdu ħsieb il-fluss ta' refuġjati, sabiex noffru lin-nies post sigur fejn joqogħdu, fir-reġjun, fl-Unjoni u fil-bqija tad-dinja" [12]. [traduzzjoni mhux uffiċjali]

7. Numru kbir ħafna ta' persuni spostati Sirjani għalhekk ingħaqdu ma' xejriet eżistenti ta' persuni li qabdu triqithom lejn l-Unjoni mill-irkejjen oħra ta' gwerer u ġuħ madwar id-dinja [13]: mill-Afganistan, u mill-Iraq. It-traġedji marittimi terribbli ta' qxur tal-baħar li jintefħu mgħobbijin iżżejjed u li jagħmlu l-ilma li għerqu jaqsmu l-Mediterran matul ix-xhur tas-sajf tal-2015 ġibdu l-parti l-kbira tal-attenzjoni tal-midja. Imma kien hemm rotta migratorja ewlenija oħra fuq l-art lejn l-Unjoni: "ir-Rotta tal-Balkani tal-Punent".

8. Dik ir-rotta kienet tinvolvi vjaġġ bil-baħar u/jew bl-art mit-Turkija lejn il-Punent lejn il-Greċja, imbagħad għal ġol-Balkani tal-Punent. L-individwi vvjaġġaw primarjament mill-FYROM, mis-Serbja, mill-Kroazja, mill-Ungerija u mis-Slovenja. [14] Ir-rotta l-ewwel saret passaġġ popolari għal ġewwa l-Unjoni fl-2012 meta restrizzjonijiet tal-viża ta' Schengen ġew irrilassati għal ħames pajjiżi tal-Balkani – l-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Montenegro, is-Serbja u l-FYROM. Sa Marzu 2016 ħafna nies setgħu għalhekk jivvjaġġaw fuq rotta waħda maġġuri li twassal mit-Turkija lejn il-Greċja u mbagħad lejn it-Tramuntana permezz tal-Balkani tal-Punent [15].

9. Dawk li jivvjaġġaw matul ir-Rotta tal-Balkani tal-Punent ma ridux jibqgħu joqogħdu fil-pajjiżi li kellhom jgħaddu minnhom sabiex jaslu fid-destinazzjoni tal-għażla tagħhom. Dawk il-pajjiżi lanqas ma xtaquhom jibqgħu hemmhekk. Il-FYROM u l-awtoritajiet Serbi pprovdew it-trasport (li kien tħallas mill-individwi li użawh) [16] u ppermettew lil nies li użaw ir-rotta sabiex jaqsmu l-fruntiera mal-Kroazja, b'mod partikolari wara li l-fruntiera mal-Ungerija ngħalqet. L-awtoritajiet Kroati u Sloveni pprovdew ukoll trasport (din id-darba, mingħajr ħlas) u ppermettew lill-individwi sabiex jaqsmu l-fruntieri rispettivi tagħhom lejn l-Awstrija u l-Ġermanja. Il-politika tal-Istati Balkani tal-Punent meta ppermettew lil dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jidħlu fit-territorji tagħhom u meta pprovdew faċilitajiet bħal trasport sabiex jeħduhom lejn il-fruntiera fi triqithom lejn id-destinazzjoni tal-għażla tagħhom ġiet deskritta bħala tolleranti ("waving through" jew "wave through").

12 Kummenti Editorjali fil-*Common Market Law Review 52*, Nru 6, tas-6 ta' Diċembru 2015, paġni 1437 sa 1450, li jiċċitaw l-ittra tal-Ewwel Viċi President Frans Timmermans lill-grupp S & D fil-Parlament Ewropew tal-21 ta' Ottubru 2015.

13 Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-Sitwazzjoni Attwali rigward l-Implimentazzjoni tal-Azzjonijiet Prijoritarji fl-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni [COM (2016) 85 final].

14 Deskritti kollettivament bħala l-"Istati ta' tranżitu".

15 "Migration to Europe through the Western Balkans – Serbia & the Former Yugoslav Republic of Macedonia, Report, December 2015 to May 2016" minn REACH, p. 4. Ir-rotta hija deskritta bħala passaġġ ta' faċilità u sigurtà relattiva meta mqabbla ma' rotot oħra; ara p. 19 ta' dak ir-rapport.

16 "*At the Gate of Europe*", rapport dwar ir-refuġjati fuq ir-Rotta tal-Balkani tal-Punent minn Šelo Šabić u Sonja Borić. Ladarba l-influss ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi wasal f'Šid, belt fuq il-fruntiera Kroata, ġie pprovdut it-trasport b'xejn sabiex jaqsmu l-fruntiera lejn ċentru ta' akkoljenza fil-Kroazja.

10. Fis-27 ta' Mejju 2015 il-Kummissjoni pproponiet, *inter alia*, deċiżjoni tal-Kunsill ibbażata fuq l-Artikolu 78(3) TFUE sabiex jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' emerġenza sabiex jassisti prinċipalment lill-Italja u lill-Greċja billi kienu ġeneralment l-ewwel Stati Membri tad-dħul u għalhekk ġew ikkonfrontati b'influss f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Din kienet l-ewwel proposta li saret sabiex tiġi attivata dik id-dispożizzjoni. Fl-14 ta' Settembru 2015 il-Kunsill adotta deċiżjoni fuq il-bażi ta' dik il-proposta[17]. Meta għamel hekk il-Kunsill innota li s-sitwazzjoni speċifika tal-Greċja u l-Italja kellha implikazzjonijiet f'reġjuni ġeografiċi oħra, bħar-"Rotta migratorja tal-Balkani tal-Punent"[18]. L-għanijiet tad-Deċiżjoni 2015/1523 kienu jinkludu r-rilokazzjoni tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li ppreżentaw applikazzjonijiet għall-ażil f'wieħed minn dawk l-Istati. Għan ieħor kien li tiġi permessa s-sospensjoni temporanja tar-regoli previsti fir-Regolament Dublin III, notevolment il-kriterju li poġġa r-responsabbiltà sabiex ikunu eżaminati applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali fuq l-Istat Membru tal-ewwel dħul fejn l-applikant ikun qasam b'mod irregolari l-fruntiera minn pajjiż terz. L-għan iddikjarat tal-miżura kien li jiġu rrilokati 40 000 applikant fi żmien sentejn lejn Stati Membri oħra. Id-deċiżjoni ġiet adottata b'vot unanimu.

11. Fi żmien ġimgħa l-Kunsill adotta t-tieni deċiżjoni li tipprovdi għal skema ta' rilokazzjoni għal 120 000 ċittadini ta' pajjiżi terzi li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali[19]. Id-Deċiżjoni 2015/1601 introduċiet wkoll skeda ta' tqassim li tindika kif iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati kellhom jitqiegħdu fl-Istati Membri[20]. Dik id-deċiżjoni kienet politikament kontroversjali u ġiet adottata b'vot ta' maġġoranza kkwalifikata[21]. Fil-25 ta' Ottubru 2015 saret laqgħa ta' livell għoli fuq stedina tal-President tal-Kummissjoni li inkludiet Stati kemm tal-Unjoni kif ukoll Stati li ma humiex[22]. Il-parteċipanti qablu fuq sensiela ta' miżuri (stabbiliti fi "Stqarrija"), sabiex titjieb il-kooperazzjoni u sabiex tiġi stabbilita konsultazzjoni bejn il-pajjiżi tul il-Rotta tal-Balkani tal-Punent. Huma ddeċidew ukoll dwar miżuri (li kellhom jiġu implementati immedjatament) immirati sabiex jillimitaw il-movimenti sekondarji, sabiex jiġi pprovdut kenn għal ċittadini ta' pajjiżi terzi, sabiex jiġu ġestiti l-fruntieri u sabiex jiġu miġġielda l-kontrabandu u t-traffikar[23]. Kemm il-bażi legali preċiża kif ukoll l-effett legali preċiż ta' dawn il-miżuri ma humiex ċari[24].

12. Sadanittant, fil-21 ta' Awwissu 2015, il-Ġermanja ġiet deskritta fl-istampa li "eżentat" liċ-ċittadini Sirjani mir-Regolament Dublin III[25]. F'Settembru 2015 hija reġgħet stabbiliet kontrolli fuq il-fruntieri mal-Awstrija wara li rċeviet mijiet ta' eluf ta' nies fi ftit jiem. Hija neħħiet l-hekk imsejħa "eżenzjoni" f'Novembru 2015.

17 Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1523, tal-14 ta' Settembru 2015, li tistabbilixxi miżuri provviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u tal-Greċja (ĠU 2015, L 239, p. 146).

18 Premessa 7 tad-Deċiżjoni 2015/1523.

19 Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1601, tat-22 ta' Settembru 2015, li tistabbilixxi miżuri provviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja (ĠU 2015, L 248, p. 80).

20 Sa Frar 2017 (18-il xahar mill-bidu tal-perijodu ta' rilokazzjoni), total ta' 11 966 applikant għall-ażil kienu ġew irrilokati mill-Greċja u l-Italja: ara r-rapport tad-Direttorat Ġenerali għall-politiki interni intitolat "Implementation of the 2015 Council decisions establishing provisional measures in the area of international protection for the benefit of Italy and of Greece" ("Implementazzjoni tal-deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-2015 li jistabbilixxu l-miżuri provviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u tal-Greċja"), ippubblikat mill-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni ddeskriviet il-livell ta' implementazzjoni tal-iskema ta' rilokazzjoni bħala "mhux sodisfaċenti": Komunikazzjoni mill-Kummissjoni għall-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill, L-ewwel rapport dwar ir-rilokazzjoni u r-risistemazzjoni, tas-16 ta' Marzu 2016 (COM (2016) 165 final).

21 L-Ungerija ma kkunsidratx lilha nnifisha bħala Stat li qiegħed fuq il-linja ta' quddiem u qieset li ma kinitx se tibbenefika mill-miżura. Ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, is-Slovakkja u r-Rumanija vvotaw kontra, il-Finlandja astjeniet – ara r-rapport "Legislation on emergency relocation of asylum seekers in the European Union" ("Il-leġiżlazzjoni dwar ir-rilokazzjoni ta' emerġenza ta' dawk li jfittxu ażil fl-Unjoni Ewropea") tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew.

22 Dawk li ħadu sehem kienu l-Albanija, l-Awstrija, il-Bulgarija, il-Kroazja, il-FYROM, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Serbja u s-Slovenja.

23 Stqarrija għall-Istampa tal-Kummissjoni IP/15/5904 tal-25 ta' Ottubru 2015.

24 L-analiżi l-iktar plawsibbli hija forsi li dan kien maħsub bħala azzjoni bejn Stati taħt id-dritt internazzjonali iktar milli taħt id-dritt tal-Unjoni. Għalkemm qiegħed jingħad dan, ma huwiex ċar jekk l-Istati Membri żammewx il-kompetenza meħtieġa sabiex jieħdu azzjoni bħal din.

25 Dan ma jidhirlix li hija riflessjoni strettament eżatta tal-pożizzjoni. Hija turi, madankollu, kif is-sitwazzjoni kienet meqjusa minn xi wħud.

13. Fil-15 ta' Settembru 2015 l-Ungerija għalqet il-fruntiera tagħha mas-Serbja. Konsegwenza tal-għeluq kienet li influss kbir ta' nies ġie dirett minflok lejn is-Slovenja. Fis-16 ta' Ottubru 2015 l-Ungerija bniet ilqugħ tul il-fruntiera tagħha mal-Kroazja. Bejn Novembru 2015 u Frar 2016 il-FYROM bniet ilqugħ tul il-fruntiera tagħha mal-Greċja.

14. Sa tmiem Ottubru 2015 kważi 700 000 persuna kienu vvjaġġaw tul ir-Rotta tal-Balkani tal-Punent mill-Greċja lejn l-Ewropa Ċentrali. In-numri ġew deskritti kemm bħala "mingħajr preċedent", bħala "influss massiv" u "eċċezzjonali". L-istatistika dwar id-dħul u r-reġistrazzjoni tvarja bejn il-pajjiżi tul ir-rotta. Wasliet ta' kuljum approssimattivi fis-Serbja kienu ta' 10 000 (Ottubru) u 5 000 (Novembru)[26].

15. Fil-11 ta' Novembru 2015 is-Slovenja bdiet tibni lqugħ tul il-fruntiera tagħha mal-Kroazja. F'Diċembru tal-2015 l-Awstrija bniet ilqugħ fil-qsim ewlieni tal-fruntieri mas-Slovenja. L-Awstrija kienet sadanittant introduċiet temporanjament mill-ġdid kontrolli fuq il-fruntieri interni fis-16 ta' Settembru 2015.

16. Fl-14 ta' Frar 2016 l-Awstrija ħabbret li kienet qed iddaħħal nies mill-Afganistan, mill-Iraq u mis-Sirja biss. Fit-18 ta' Frar 2016 il-kapijiet ta' diversi servizzi tal-pulizija kellhom laqgħa f'Żagreb u nħarġet Stqarrija[27]. Il-politika li n-nies jitħallew jgħaddu mill-Istati Balkani tal-Punent waqfet meta l-Awstrija bidlet il-politika tal-ażil liberali tagħha (jiġifieri fi Frar 2016).

17. Fir-rigward ta' Stati oħra, Franza introduċiet mill-ġdid temporanjament kontrolli fuq il-fruntieri interni bejn Lulju 2016 u Jannar 2017. Id-Danimarka introduċiet inizjattiva simili, u sussegwentement tawlet il-kontrolli mill-4 ta' Jannar 2016 sat-12 ta' Novembru 2016. In-Norveġja introduċiet mill-ġdid kontrolli fuq il-fruntieri interni mis-26 ta' Novembru 2015 sal-11 ta' Frar 2017 u l-Isvezja adottat miżuri tal-istess tip mit-12 ta' Novembru 2015 sal-11 ta' Novembru 2016.

18. Il-kwantità kbira ta' nies li vvjaġġaw tul il-Rotta tal-Balkani tal-Punent fl-ispazju relattivament qasir ta' żmien fl-aħħar tal-2015 u kmieni fl-2016 flimkien mad-diffikultajiet politiċi li segwew huma komunement deskritti flimkien fil-qosor bħala "l-kriżi tar-refuġjati" jew "il-kriżi umanitarja" fil-Balkani tal-Punent. Dan kien l-ikbar moviment ta' massa ta' persuni fi ħdan l-Ewropa mit-Tieni Gwerra Dinjija lil hawn u jikkostitwixxi ċ-ċirkustanzi kompletament eċċezzjonali li jiffurmaw l-isfond għal dawn iż-żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari.

## Id-dritt internazzjonali

### *Il-Konvenzjoni ta' Genève*

19. L-Artikolu 31(1) tal-Konvenzjoni ta' Genève[28] dwar l-istatus tar-refuġjati, jipprojbixxi l-impożizzjoni ta' penalitajiet, minħabba d-dħul illegali tagħhom jew il-preżenza tagħhom, fuq refuġjati li jaħarbu minn territorju fejn ħajjithom jew il-libertà tagħhom kienu mhedda, fejn huma preżenti fi Stat mingħajr awtorizzazzjoni, sakemm dawn jippreżentaw ruħhom lill-awtoritajiet u juru li għandhom kawża tajba għad-dħul jew il-preżenza illegali tagħhom. Skont l-Artikolu 31(2), l-Istati ma għandhomx

26 Id-diversi rapporti dwar is-sitwazzjoni jinkludu "d-dikjarazzjoni Frontex dwar ix-xejriet u r-rotot li jikkonċernaw il-Rotta tal-Balkani tal-Punent".

27 Iltaqgħu l-kapijiet tas-servizzi tal-pulizija tal-Awstrija, tal-Kroazja, tal-FYROM, tas-Serbja u tas-Slovenja. Il-punti 5, 6 u 7 ta' dik l-istqarrija jgħidu li l-parteċipanti qablu li jawtorizzaw l-ewwel dħul biss ta' persuni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Ċittadini tal-Iraq u s-Sirja kellhom jitħallew jidħlu għal raġunijiet umanitarji sakemm dawn jissodisfaw ċertu kundizzjonijiet (bħal pereżempju prova ta' nazzjonalità); u ġew stabbiliti kriterji komuni li kellhom jiġu vverifikati waqt ir-reġistrazzjoni. Kien hemm numru ta' inizjattivi fil-livell tal-Unjoni u minn diversi Stati Membri (deskritti fil-punti 12 sa 17 iktar 'il fuq). Jien semmejt din l-istqarrija partikolari minħabba li hija relatata direttament mad-domandi preliminari.

28 Iffirmata f'Genève fit-28 ta' Lulju 1951 u li daħlet fis-seħħ fit-22 ta' April 1954 [Serje ta' Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, Vol. 189, p. 150, Nru 2545 (1954)], kif issupplimentata mill-Protokoll dwar l-Istatus tar-Refuġjati, konkluż fi New York fil-31 ta' Jannar 1967, li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Ottubru 1967 (iktar 'il quddiem, flimkien, il-"Konvenzjoni ta' Genève").

japplikaw restrizzjonijiet fuq il-movimenti tar-refuġjati fit-territorju tagħhom għajr dawk li huma meħtieġa. Kwalunkwe restrizzjonijiet għandhom jiġu applikati biss sakemm l-istatus tar-refuġjati jiġi rregolarizzat jew jiksbu dħul f'pajjiż ieħor. L-Istati għandhom jippermettu lir-refuġjati perijodu raġonevoli u l-faċilitajiet meħtieġa sabiex jiksbu dħul lejn pajjiż ieħor.

### *Il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali*

20. L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [29] jipprovdi li ħadd ma għandu jkun suġġett għal tortura jew trattament jew piena inumana jew degradanti.

## Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni

### *Il-Karta*

21. L-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [30] jikkorrispondi mal-Artikolu 3 tal-KEDB. L-Artikolu 18 tal-Karta jiggarantixxi d-dritt għall-ażil bir-rispett dovut għar-regoli tal-Konvenzjoni ta' Genève.

### *Is-sistema ta' Dublin*

#### *Ir-Regolament Dublin III*

22. Ir-regoli dwar il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tar-Regolament Dublin III huma kumplessi. Il-predeċessur tiegħu, ir-Regolament Dublin II, kien japplika fid-Danimarka mill-2006 bis-saħħa tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil iddepożitata fid-Danimarka jew f'xi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u "Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin [31]. Ma hemm l-ebda ftehim korrispondenti fir-rigward tar-Regolament Dublin III. Skont l-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, mehmuż mat-TUE u mat-TFUE, dawk l-Istati Membri nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni tar-Regolament Dublin III. Ir-Regolament japplika għal Stati Membri oħra tal-Unjoni bil-mod ordinarju, mingħajr kwalifika.

23. Bis-saħħa tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera rigward il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli sabiex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata fi Stat Membru jew fl-Isvizzera, ir-Regolament Dublin III japplika għal dak l-Istat [32].

29 Iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB").

30 ĠU 2010, C 83, p. 389 (iktar 'il quddiem il-"Karta"). Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona fl-1 ta' Diċembru 2009, il-Karta ngħatat l-istatus ta' dritt primarju [Artikolu 6(1) TUE].

31 Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/188/KE, tal-21 ta' Frar 2006, dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka li jestendi għad-Danimarka d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 dwar l-istabbiliment ta' Eurodac għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin (ĠU L 335M, 13.12.2008, p. 72.)

32 Il-Ftehim u l-Protokoll mal-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat ta' Liechtenstein daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2008 (ĠU 2008, L 53, p. 5). Il-Ftehim kien approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/147/KE, tat-28 ta' Jannar 2008 (ĠU 2008 L 53, p. 3) u l-Protokoll bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/487/KE, tal-24 ta' Ottubru 2008 (ĠU 2009 L 161, p. 6). Għalhekk, is-sistema ta' Dublin tapplika wkoll għall-Prinċipat tal-Liechtenstein. L-Islanda u n-Norveġja japplikaw ukoll is-sistema ta' Dublin permezz ta' ftehimiet bilaterali mal-Unjoni Ewropea li ġew approvati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/258, tal-15 ta' Marzu 2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 76).

24. Il-preambolu tar-Regolament Dublin III jinkludi l-istqarrijiet li ġejjin.

– Is-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (iktar ’il quddiem is-“SEKA”) hija parti mill-għan tal-Unjoni sabiex tistabbilixxi progressivament spazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja miftuħa għal dawk li, imġiegħla miċ-ċirkustanzi, ifittxu b’mod leġittimu protezzjoni fl-Unjoni. Din is-sistema hija bbażata fuq l-applikazzjoni sħiħa u inklużiva tal-Konvenzjoni ta’ Genève. Is-SEKA għandha tinkludi, f’terminu qasir, metodu ċar u li jiffunzjona sabiex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta’ applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali [33].

– Tali metodu għandu jkun ibbażat fuq kriterji oġġettivi u ġusti kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-persuni kkonċernati. B’mod partikolari, dan il-metodu għandu jippermetti li jiġi ddeterminat minnufih l-Istat Membru responsabbli, sabiex ikun iggarantit aċċess effettiv għall-proċeduri għall-għoti ta’ protezzjoni internazzjonali u sabiex ma jkunx kompromess l-għan tal-ipproċessar bil-ħeffa ta’ applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali [34].

– Is-sistema ta’ Dublin hija l-pedament tas-SEKA billi talloka b’mod ċar ir-responsabbiltà fost l-Istati Membri għall-eżami ta’ applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali [35].

– Fl-applikazzjoni tas-sistema ta’ Dublin huwa meħtieġ li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-acquis tal-ażil tal-Unjoni [36].

– Il-protezzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal u r-rispett għall-ħajja tal-familja huma kunsiderazzjonijiet primarji fl-applikazzjoni tar-Regolament Dublin III [37]. L-ipproċessar flimkien ta’ applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali tal-membri ta’ familja waħda minn Stat Membru wieħed jikkonforma mal-osservanza tal-prinċipju ta’ unità tal-familja [38].

– Sabiex tkun iggarantita l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-persuni kkonċernati għandhom ikun stabbiliti salvagwardji legali u d-dritt għal rimedju effettiv fir-rigward ta’ deċiżjonijiet dwar it-trasferimenti lejn l-Istat Membru responsabbli, inkonformità, b’mod partikolari, mal-Artikolu 47 tal-Karta. Sabiex tiġi żgurata l-osservanza tad-dritt internazzjonali, rimedju effettiv kontra tali deċiżjonijiet għandu jkopri kemm l-eżami tal-applikazzjoni ta’ dan ir-regolament kif ukoll l-eżami tas-sitwazzjoni legali u fattwali fl-Istat Membru li lejh jiġi ttrasferit l-applikant [39].

– Il-ħolqien progressiv ta’ żona mingħajr fruntieri interni li fiha l-moviment liberu ta’ persuni jkun iggarantit skont it-TFUE u l-istabbiliment ta’ politika tal-Unjoni dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul u s-soġġorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi, inklużi sforzi komuni lejn l-amministrazzjoni ta’ fruntieri esterni, jeħtieġ li jinstab bilanċ bejn kriterji ta’ responsabbiltà fi spirtu ta’ solidarjetà [40].

33 Premessi 2, 3 u 4.

34 Premessa 5.

35 Premessa 7.

36 Il-premessi 10, 11, u 12 jirreferu għal dawn l-atti: (i) id-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta’ Diċembru 2011, dwar standards għall-kwalifika ta’ ċittadini nazzjonali ta’ pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta’ protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU 2011 L 337, p. 9; iktar ’il quddiem id-“Direttiva dwar il-kwalifika”); (ii) id-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta’ Ġunju 2013, dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013 L 180, p. 6; iktar ’il quddiem id-“Direttiva dwar il-proċeduri”); u (iii) id-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta’ Ġunju 2013, li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta’ applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013 L 180, p. 96; iktar ’il quddiem id-“Direttiva dwar l-akkoljenza”).

37 Premessi 13 u 14.

38 Premssi 15 u 16.

39 Premessa 19.

40 Premessa 25.

– Fir-rigward tat-trattament ta' persuni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Dublin III, l-Istati Membri huma marbuta bl-obbligi tagħhom taħt strumenti tad-dritt internazzjonali, inkluża l-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [41].

– Ir-Regolament Dublin III jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji li huma rrikonoxxuti, b'mod partikolari, fil-Karta [42].

25. Kif jindika l-Artikolu 1, ir-Regolament Dublin III "jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida ('l-Istat Membru Responsabbli')".

26. Id-definizzjonijiet li ġejjin huma stabbiliti fl-Artikolu 2:

"(a) 'ċittadin ta' pajjiż terz' tfisser kwalunkwe persuna li mhijiex ċittadin tal-Unjoni fit-tifsira tal-Artikolu 20(1) TFUE u li mhijiex ċittadin ta' Stat li jipparteċipa [fir-Regolament Dublin III] permezz ta' ftehim mal-Unjoni Ewropea;

(b) 'applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali' tfisser applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kif definit fl-Artikolu 2(h) tad-[Direttiva dwar il-kwalifika];

(c) 'applikant' tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jkun għamel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li dwarha deċiżjoni finali tkun għadha ma tteħditx;

(d) 'eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali' tfisser kull eżami ta', jew deċiżjoni dwar, applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali mill-awtoritajiet kompetenti skont id-[Direttiva dwar il-proċeduri] u d-[Direttiva dwar il-kwalifika] ħlief għal proċeduri li jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli skont [ir-Regolament Dublin III];

[…]

(l) 'dokument ta' residenza' tfisser kull awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta' Stat Membru li jawtorizza ċittadin ta' pajjiż terz jew persona apolida biex joqgħod fit-territorju tiegħu, inklużi d-dokumenti li jissostanzjaw l-awtorizzazzjoni biex jibqgħu fit-territorju taħt arranġamenti ta' protezzjoni temporanja jew sakemm iċ-ċirkostanzi li jimpedixxu ordni ta' tneħħija milli tkun eżegwita ma japplikawx iktar, ħlief viżas u awtorizzazzjonijiet maħruġa matul il-perjodu rekwiżit biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli kif stabbilit f'dan ir-Regolament jew matul l-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jew applikazzjoni għal permess ta' residenza;

(m) 'viża' tfisser l-awtorizzazzjoni jew deċiżjoni ta' Stat Membru rekwiżita għal transitu jew dħul għal soġġorn intenzjonat f'dak l-Istat Membru jew f'diversi Stati Membri. In-natura tal-viża għandha tkun iddeterminata skont id-definizzjonijiet li ġejjin:

– 'viża għal soġġorn twil' tfisser awtorizzazzjoni jew deċiżjoni maħruġa minn wieħed mill-Istati Membri f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu jew il-liġi tal-Unjoni rekwiżita għal dħul għal soġġorn intenzjonat f'dak l-Istat Membru ta' aktar minn tliet xhur,

41 Premessa 32.

42 Premessa 39.

– ‘viża għal soġġorn qasir’ tfisser awtorizzazzjoni jew deċiżjoni ta’ Stat Membru bil-ħsieb ta’ transitu minn jew soġġorn intenzjonat fit-territorju ta’ Stat Membru wieħed jew aktar jew kollha ta’ tul ta’ mhux aktar minn tliet xhur fi kwalunkwe perijodu ta’ sitt xhur li jibda fid-data tal-ewwel dħul fuq it-territorju tal-Istati Membri;

– ‘viża għal tranżitu f’ajruport’ tfisser viża valida għal transitu miż-żoni ta’ transitu internazzjonali f’ajruport wieħed jew aktar tal-Istati Membri;

[…]”

27. Bis-saħħa tal-Artikolu 3(1) l-Istati Membri għandhom jeżaminaw kull applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali minn ċittadin ta’ pajjiż terz jew persuna apolida li japplikaw fit-territorju ta’ xi wieħed minnhom, inkluż fil-fruntieri jew fiż-żoni ta’ tranżitu. Kull applikazzjoni bħal din għandha tkun eżaminata minn Stat Membru wieħed, li għandu jkun dak li l-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu III jindikaw li huwa responsabbli.

28. L-Artikolu 3(2) jipprovdi:

“Fejn ebda Stat Membru responsabbli ma jkun jista’ jinħatar fuq il-bażi tal-kriterji elenkati f’dan ir-Regolament, l-ewwel Stat Membru li fih l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kienet iddepożitata għandu jkun responsabbli biex jeżaminaha.

Fejn huwa impossibbli li applikant jiġi trasferit għall-Istat Membru primarjament nominat bħala responsabbli għax ikun hemm raġunijiet sostanzjali biex wieħed jemmen li hemm difetti sistemiċi fil-proċedura tal-asil u fil-kondizzjonijiet ta’ akkoljenza għall-applikanti f’dak l-Istat Membru, li jirriżultaw f’riskju ta’ trattament inuman jew degradanti fis-sens tal-Artikolu 4 tal-[Karta], l-Istat Membru determinanti għandu jkompli jeżamina l-kriterji stipulati fil-Kapitolu III sabiex jistabbilixxi jekk Stat Membru ieħor jistax jiġi nominat bħala responsabbli.

Fejn it-trasferiment ma jistax isir skont dan il-paragrafu għal kwalunkwe Stat Membru nominat abbażi tal-kriterji stipulati fil-Kapitolu III jew għall-ewwel Stat Membru li miegħu tkun ġiet iddepożitata l-applikazzjoni, l-Istat Membru determinanti għandu jsir l-Istat Membru responsabbli.”

29. Il-kriterji sabiex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli (għall-finijiet tal-Artikolu 1) huma stabbiliti fil-Kapitolu III (iktar ’il quddiem il-“kriterji tal-Kapitolu III”). L-Artikolu 7(1) jgħid li l-kriterji għandhom jiġu applikati skont il-ġerarkija stabbilita f’dak il-kapitolu. L-Istat Membru responsabbli huwa ddeterminat fuq il-bażi tas-sitwazzjoni eżistenti meta l-applikant l-ewwel ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha għall-protezzjoni internazzjonali ma’ Stat Membru kif ipprovdut fl-Artikolu 7(2). Fil-quċċata tal-ġerarkija hemm il-kriterji li għandhom x’jaqsmu mal-minuri (Artikolu 8) u l-membri tal-familja (Artikoli 9, 10 u 11). Dawn ma huma direttament inkwistjoni fl-ebda waħda mill-kawżi prinċipali [43].

30. Imbagħad fil-ġerarkija hemm l-Artikolu 12, li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-kriterju relatat mal-ħruġ ta’ dokumenti ta’ residenza jew ta’ viżas. Skont l-Artikolu 12(1), fejn applikant ikun fil-pussess ta’ dokument ta’ residenza validu, l-Istat Membru li jkun ħareġ id-dokument għandu jkun responsabbli sabiex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Skont l-Artikolu 12(2), meta applikant ikun fil-pussess ta’ viża valida, l-Istat Membru li jkun ħareġ il-viża għandu jkun

43 Ara l-punt 88 iktar ’il quddiem.

responsabbli sabiex jeżamina l-applikazzjoni għall- protezzjoni internazzjonali, sakemm il-viża ma tkunx inħarġet f'isem Stat Membru ieħor taħt arranġament ta' rappreżentanza kif previst fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 [44]. F'każ bħal dan, l-Istat Membru rrappreżentat għandu jkun responsabbli sabiex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

31. L-Artikolu 13 għandu t-titolu "Dħul u/jew permanenza". L-Artikolu 13(1) jipprovdi:

"Fejn ikun stabbilit, fuq il-bażi ta' prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 22(3) ta' dan ir-Regolament, inklużi d-data li jirreferi għalihom il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 603/2013 [[45]], li applikant ikun qasam b'mod irregolari l-konfini għal ġo Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru wara li jkun ġie minn pajjiż terz, l-Istat Membru hekk ippenetrat għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Dik ir-responsabbilità għandha tieqaf 12-il xahar wara d-data li fiha l-qsim irregolari tal-konfini jkun seħħ."

32. Il-kriterju ta' qabel tal-aħħar, stabbilit fl-Artikolu 14, jirrigwarda "Dħul b'rinunzja għall-viża". Dan jgħid:

"1. Jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida jidħol fit-territorju ta' Stat Membru li fih il-ħtieġa li jkollu viża tkun irrinunzjata, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiegħu.

2. Il-prinċipju stipulat fil-paragrafu 1 ma għandux japplika jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida jiddepożita l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiegħu fi Stat Membru ieħor, li fih il-ħtieġa li jkollu viża għad-dħul fit-territorju tkun ukoll irrinunzjata. F'dak il-każ, dak l-Istat Membru l-ieħor għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali."

33. Il-kriterju finali (Artikolu 15) jikkonċerna applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali li ssir f'żona ta' tranżitu internazzjonali ta' ajruport u ma huwiex rilevanti għar-rinviji preżenti.

34. L-Istati Membri għandhom diskrezzjoni taħt l-Artikolu 17(1) li jidderogaw mill-Artikolu 3(1) tar-Regolament Dublin III u li jiddeċiedu li jeżaminaw applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata minn ċittadin ta' pajjiż terz, anki jekk, skont il-kriterji tal-Kapitolu III, tali eżami ma jkunx ir-responsabbiltà tal-Istat Membru kkonċernat.

35. Il-Kapitolu V fih id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-obbligi tal-"Istat Membru responsabbli". Fi ħdan dak il-kapitolu, l-Artikolu 18 jelenka ċerti obbligi, li jinkludu t-teħid tal-inkarigu ta' applikant li jkun ippreżenta applikazzjoni fi Stat Membru differenti [Artikolu 18(1)(a)] jew it-teħid lura ta' applikant li l-applikazzjoni tiegħu tkun taħt eżami u li jkun għamel applikazzjoni fi Stat Membru ieħor jew li jkun fit-territorju ta' Stat Membru ieħor mingħajr dokument ta' residenza [Artikolu 18(1)(b)].

36. L-Artikolu 20(1) jipprovdi li l-proċess sabiex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli għandu jibda hekk kif applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tkun iddepożitata għall-ewwel darba għand Stat Membru. Applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jitqiesu li ġew ippreżentati meta formola sottomessa mill-applikant jew rapport ippreparat mill-awtoritajiet ikun wasal għand l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, kif previst fl-Artikolu 20(2) [46].

44 Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009, li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (ĠU 2009 L 243, p. 1; iktar 'il quddiem il-"Kodiċi dwar il-Viżi").

45 Regolament Eurodac: ara l-punt 43 iktar 'il quddiem.

46 It-tifsira preċiża ta' din id-dispożizzjoni hija inkwistjoni fil-Kawża C-670/16, Mengesteab, li bħalissa tinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

37. Bis-saħħa tal-Artikolu 21, meta Stat Membru li għandu kienet ippreżentata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jikkunsidra li Stat Membru ieħor huwa responsabbli sabiex jeżamina l-applikazzjoni, huwa jista', kemm jista' jkun malajr u f'kull każ fi żmien tliet xhur mid-data li fiha l-applikazzjoni kienet iddepożitata fit-tifsira tal-Artikolu 20(2), jitlob lill-Istat Membru l-ieħor sabiex jieħu l-inkarigu tal-applikant. Skont l-Artikolu 22(1)[47], l-Istat Membru li tkun saritlu t-talba għandu jagħmel il-kontrolli meħtieġa u għandu jagħti deċiżjoni fuq it-talba sabiex jittieħed inkarigu ta' applikant fi żmien xahrejn mid-data li fiha jirċievi t-talba. L-Artikolu 22(7) jipprovdi li nuqqas ta' azzjoni f'dak il-perijodu jfisser aċċettazzjoni tat-talba[48].

38. Bl-istess mod, talba skont l-Artikolu 23 sabiex jittieħed lura applikant li jippreżenta applikazzjoni ġdida għall-protezzjoni internazzjonali għandha ssir kemm jista' jkun malajr. Skont l-Artikolu 25 l-Istat Membru mitlub għandu jwieġeb malajr kemm jista' jkun – mhux iktar tard minn xahar mid-data li fiha jirċievi t-talba. Skont l-Artikolu 25(2), nuqqas li jagħmel hekk huwa ttrattat bħala aċċettazzjoni tat-talba.

39. Ċerti salvagwardji proċedurali huma stabbiliti fl-Artikoli 26 u 27. Tal-ewwel jipprovdi li meta l-Istat Membru mitlub jaċċetta li jieħu l-inkarigu tal-applikant jew li jieħdu lura, l-Istat Membru rikjedenti għandu jinnotifika lill-persuna kkonċernata bid-deċiżjoni li jiġi ttrasferit lejn l-Istat Membru responsabbli. Dik id-deċiżjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli.

40. Skont l-Artikolu 27(1), l-applikanti għandhom id-dritt għal rimedju effettiv fil-forma ta' appell jew ta' reviżjoni, fil-fatt u fid-dritt, mid-deċiżjoni ta' trasferiment, quddiem qorti jew tribunal.

41. L-Artikolu 29 jipprovdi:

"1. It-trasferiment tal-applikant jew persuna oħra kif imsemmi fil-punti (c) jew (d) tal-Artikolu 18(1) mill-Istat Membru rikjedenti lejn l-Istat Membru responsabbli, għandu jkun eżegwit skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti, wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati, mill-aktar fis li jkun prattikament possibbli, u l-aktar tard fi żmien sitt xhur mill-aċċettazzjoni tat-talba minn Stat Membru ieħor biex jieħu inkarigu ta' jew jieħu lura l-persuna kkonċernata jew tad-deċiżjoni finali wara appell jew reviżjoni fejn ikun hemm effett sospensiv skont l-Artikolu 27(3).

[…]

2. Fejn it-trasferiment ma jsirx fiż-żmien limitu ta' sitt xhur, l-Istat Membru responsabbli għandu jitneħħewlu l-obbligi biex jieħu inkarigu ta' jew jieħu lura l-persuna kkonċernata u r-responsabbiltà għandha tkun trasferita lill-Istat Membru rikjedenti. Dan il-limitu ta' żmien jista' jkun estiż sa massimu ta' sena jekk it-trasferiment ma setax ikun eżegwit minħabba priġunerija tal-persuna kkonċernata jew sa massimu ta' tmintax-il xahar jekk il-persuna kkonċernata tkun ħarbet.

[…]"[49].

47 L-Artikolu 22(3) jawtorizza lill-Kummissjoni sabiex tintroduċi atti ta' implementazzjoni li jistabbilixxu listi li jindikaw l-elementi rilevanti ta' prova u xhieda ċirkustanzjali li jiddeterminaw ir-responsabbiltà għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali bis-saħħa tar-Regolament Dublin III; ara f'iktar dettall il-punt 44 iktar 'il quddiem.

48 Mistoqsijiet dwar l-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet tqajmu bl-istess mod fil-Kawża C-670/16, Mengesteab (pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja).

49 Domandi dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 29 tar-Regolament Dublin III tqajmu fil-Kawża C-201/16, Shiri (pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja).

42. L-Artikolu 33 huwa intitolat "Mekkaniżmu għal twissija bikrija, tħejjija u ġestjoni ta' kriżijiet". L-Artikolu 33(1) jgħid: "Fejn, fuq il-bażi ta', b'mod partikolari, l-informazzjoni miġbura mill-[Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil (EASO)] skont ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 [[50]], il-Kummissjoni tistabbilixxi li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tista' titqiegħed fil-perikolu minħabba jew l-identifikazzjoni ta' riskju ssostanzjat ta' pressjoni partikolari li titpoġġa fuq is-sistema ta' asil ta' Stat Membru u/jew minħabba problemi fil-funzjonament tas-sistema ta' asil ta' Stat Membru, hija għandha, b'kooperazzjoni mal-EASO, tagħmel rakkomandazzjonijiet lil dak l-Istat Membru u tistiednu jfassal pjan ta' azzjoni preventiva.

[…]"

### *Ir-regoli li jimplementaw ir-Regolament Dublin III*

43. Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 [51] stabbilixxa s-sistema Eurodac. L-għan ta' din is-sistema huwa li tassisti sabiex jiġi ddeterminat liema Stat Membru huwa responsabbli skont ir-Regolament Dublin III sabiex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata fi Stat Membru minn ċittadin ta' pajjiż terz.

44. L-Anness II tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 118/2014 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament Dublin III [52] fih żewġ listi li jindikaw il-mezzi ta' prova sabiex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli għall-finijiet tar-Regolament Dublin III. Il-Lista "A" tirreferi għal prova formali li tiddetermina r-responsabbiltà sakemm ma tkunx ikkontradetta bi prova kuntrarja. Il-Lista "B" tirreferi għal evidenza ċirkustanzjali: elementi indikattivi li, għalkemm konfutabbli, jistgħu jkunu suffiċjenti, f'ċerti ċirkustanzi, sabiex jiddeterminaw ir-responsabbiltà.

### *Schengen*

45. Taħt sura jew oħra, il-moviment liberu bejn il-pajjiżi Ewropej ilu jseħħ mill-Medju Evu [53]. Il-Ftehim ta' Schengen, iffirmat fl-14 ta' Ġunju 1985, kopra l-abolizzjoni gradwali tal-fruntieri interni u pprovda kontroll tal-fruntiera esterna tal-Istati firmatarji. Fid-19 ta' Ġunju 1990 ġiet iffirmata l-Konvenzjoni li Timplementa l-Ftehim Schengen [54]. Il-konvenzjoni kopriet kwistjonijiet bħall-organizzazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntiera esterna u l-abolizzjoni ta' kontrolli fuq il-fruntieri interni, il-proċeduri għall-ħruġ ta' viża uniformi u l-operazzjoni ta' database unika għall-membri kollha [is-Servizz ta'

50 Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Mejju 2010, li jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (ĠU 2010 L 132, p. 11).

51 Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2013, dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU 2013 L 180, p. 1; iktar 'il quddiem ir-"Regolament Eurodac"); ara l-Artikolu 1.

52 Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 118/2014, tat-30 ta' Jannar 2014, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1560/2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU 2014 L 39, p. 1; iktar 'il quddiem ir-"Regolament ta' Implementazzjoni ta' Dublin").

53 Ara, pereżempju, il-Lega Anseatika, maħluqa sabiex tipproteġi ċerti interessi kummerċjali u privileġġi diplomatiċi fl-ibliet u fil-pajjiżi affiljati tagħha, u b'hekk iffaċilitat u rregolat il-moviment liberu tal-persuni rrelatat mal-kummerċ. Uffiċjalment imwaqqfa fl-1356, l-oriġini tal-Lega jmorru lura għall-bini mill-ġdid ta' Lübeck fl-1159 minn Neriku l-Iljun. Hija kellha rwol importanti fl-ekonomika, fil-kummerċ u fil-politika fir-reġjun tal-Baħar tat-Tramuntan u fil-Baħar Baltiku għal iktar minn 300 sena.

54 Il-Konvenzjoni li timplementa l-Ftehim ta' Schengen, tal-14 ta' Ġunju 1985, bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija ftit ftit tal-kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 2, p. 3; iktar 'il quddiem il-"KFS"). Il-konvenzjoni għadha fis-seħħ, għalkemm ġiet issostitwita parzjalment mill-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen li ħassar l-Artikoli 2 sa 8. Ara wkoll il-punt 46 iktar 'il quddiem.

Informazzjoni ta' Schengen (iktar 'il quddiem "is-SIS")], kif ukoll tistabbilixxi mezz għall-kooperazzjoni bejn is-servizzi ta' immigrazzjoni tal-membri. Dawn il-kwistjonijiet inġiebu fil-qafas tal-acquis tal-Unjoni bit-Trattat ta' Amsterdam. Mhux it-28 Stat Membru kollha tal-Unjoni jipparteċipaw bis-sħiħ fl-acquis ta' Schengen [55]. Hemm arranġamenti partikolari għall-Irlanda u r-Renju Unit [56].

*Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen*

46. Il-premessi fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen [57] jagħmlu l-istqarrijiet rilevanti li ġejjin. Il-ħolqien ta' żona fejn l-individwi jiċċaqalqu b'mod liberu għandu jkun sostnut minn miżuri oħra, bħal politika komuni ta' qsim tal-fruntieri esterni [58]. F'dak ir-rigward, l-istabbiliment ta' "korp komuni" ta' leġiżlazzjoni huwa wieħed mill-komponenti fundamentali tal-politika komuni dwar il-ġestjoni tal-fruntieri esterni [59]. Il-kontrolli fuq il-fruntieri huma fl-interess mhux biss tal-Istat Membru li fil-fruntieri esterni tiegħu jsiru dawn il-kontrolli, imma tal-Istati Membri kollha li abolixxew il-kontrolli fuq il-fruntieri interni.

47. Il-premessi jkomplu jgħidu li l-kontrolli fuq il-fruntiera għandhom jgħinu fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin u sabiex tkunipprevenuta kwalunkwe theddida għas-sigurtà interna, għall-politika pubblika, għas-saħħa pubblika u għar-relazzjonijiet internazzjonali tal-Istati Membri [60]. Il-kontrolli fuq il-fruntiera għandhom jitwettqu b'mod li tiġi rrispettata għal kollox d-dinjità tal-bniedem. Il-kontrolli fuq il-fruntiera għandhom isiru b'mod professjonali u rispettuż u għandhom ikunu proporzjonat mal-għanijiet segwiti [61]. Il-kontrolli fuq il-fruntieri jikkonsistu mhux biss fil-verifiki fuq persuni f'punti ta' qsim tal-fruntiera u s-sorveljanza bejn dawn il-punti ta' qsim tal-fruntiera, imma wkoll analiżi tar-riskji għas-sigurtà interna u analiżi tat-theddid li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà tal-fruntieri esterni. Għalhekk hemm bżonn li jkunu stabbiliti l-kundizzjonijiet, il-kriterji u r-regoli dettaljati li jirregolaw il-verifiki f'punti ta' qsim u s-sorveljanza [62]. Għandu jiġi pprovdut li jiġu rrilassati kontrolli fuq il-fruntieri esterni fil-każ ta' ċirkustanzi eċċezzjonali u mhux prevedibbli sabiex jiġi evitat ħin ta' stennija eċċessiv f'punti ta' qsim tal-fruntiera. Anki jekk kontrolli fuq il-fruntieri jiġu rrilassati, madankollu, l-ittimbrar sistematiku tad-dokumenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jibqa' obbligatorju. L-ittimbrar jagħmilha possibbli li jkunu stabbiliti, b'ċertezza, id-data u l-post ta' qsim tal-fruntiera, mingħajr ma jiġi stabbilit fil-każijiet kollha li l-miżuri kollha meħtieġa għall-kontroll tad-dokument tal-ivvjaġġar ikunu twettqu [63].

55 Mit-28 Stat Membru tal-Unjoni, 22 jipparteċipaw b'mod sħiħ fl-acquis ta' Schengen, u l-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija huma fil-proċess li jsiru parteċipanti sħaħ. Skont l-Artikolu 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni mal-Unjoni Ewropea tal-Kroazja, ċerti dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen japplikaw diġà fil-Kroazja. Is-SIS II għadha ma tapplikax hemm, iżda bħalissa hemm maħsuba proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill għall-bidla f'dik il-pożizzjoni: Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Kroazja tat-18 ta' Jannar 2017 [(COM (2017) 17 final]. Il-Liechtenstein, l-Islanda, in-Norveġja u l-Isvizzera jipparteċipaw ukoll fl-acquis ta' Schengen skond ftehimiet bilaterali mal-Unjoni Ewropea.

56 Skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll (Nru 19) dwar l-acquis ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea, anness mat-TUE u mat-TFUE, l-Irlanda u r-Renju Unit huma intitolati li jitolbu li jieħdu sehem f'xi wħud jew fil-miżuri kollha ta' Schengen. Ir-Renju Unit huwa intitolat li jeżerċita kontrolli fil-fruntieri fuq persuni li jridu jidħlu fit-territorju tiegħu kif jikkunsidra li jkun meħtieġ [Artikolu 1 tal-Protokoll (Nru 20) TFUE dwar l-applikazzjoni ta' ċerti aspetti tal-Artikolu 26 TFUE għar-Renju Unit u għall-Irlanda, anness mat-TUE u mat-TFUE]. Ir-Renju Unit għandu deroga espressa mill-Artikolu 77 TFUE (li jikkonċerna l-politika tal-Unjoni fuq il-kontroll tal-fruntieri interni u esterni). Għalhekk, it-Trattati jirrikonoxxu li r-Renju Unit jikkontrolla l-fruntieri tiegħu. Bis-saħħa tal-Artikolu 1 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, dak l-Istat Membru ma jipparteċipax fl-adozzjoni mill-Kunsill ta' miżuri proposti skont it-Tielet Parti tat-Titolu V tat-TFUE (Politiki tal-Unjoni u azzjonijiet interni fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja).

57 Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU 2006, L 105, p. 1). Sadanittant dak ir-regolament ġie mħassar u ssostitwit bir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 (ĠU 2016 L 77, p. 1), intitolat ukoll il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Fiż-żmien materjali (jiġifieri, bejn Settembru 2015 u Marzu 2016) kienet il-verżjoni preċedenti tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen li kienet fis-seħħ, kif emendata bir-Regolament (UE) Nru 1051/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2013 (ĠU 2013 L 295 p. 1). Ser nirreferi għal dik il-verżjoni tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen f'dawn il-konklużjonijiet.

58 Premessa 2.

59 Premessa 4.

60 Premessa 6.

61 Premessa 7.

62 Premessa 8.

63 Premessa 9.

48. L-Artikolu 1 effettivament jistabbilixxi għan doppju għall-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. L-ewwel nett, huwa jipprovdi għall-assenza ta' kontrolli fuq il-fruntiera ta' persuni li jaqsmu l-fruntieri bejn l-Istati Membri parteċipanti. It-tieni nett, huwa jistabbilixxi regoli dwar il-kontroll fuq il-fruntiera ta' persuni li jaqsmu l-fruntiera esterna tal-Istati Membri tal-Unjoni.

49. L-Artikolu 2 jistabbilixxi d-definizzjonijiet li ġejjin:

"[...]2. 'fruntieri esterni' tfisser il-fruntieri ta' l-art ta' l-Istati Membri, inklużi l-fruntieri tax-xmajjar u l-lagi, il-fruntieri marittimi u l-ajruporti, il-portijiet tax-xmajjar, tal-baħar u tal-lagi tagħhom, sakemm m'humiex fruntieri interni;

[...]

5. 'persuni li għandhom id-dritt għal moviment liberu taħt il-liġi tal-Unjoni' tfisser:

(a) ċittadini tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 20(1) [TFUE], u ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma membri tal-familja ta' ċittadin ta' l-Unjoni li jeżerċita id-dritt tiegħu għal moviment liberu u li għalihom tapplika d-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [[64]];

(b) ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-membri tal-familja tagħhom, tkun xi tkun iċ-ċittadinanza tagħhom, li skond xi ftehim bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-waħda, u dawk il-pajjiżi terzi min-naħa l-oħra, għandhom id-drittijiet għal moviment liberu ekwivalenti għal dawk ta' ċittadini ta' l-Unjoni;

6. 'ċittadin ta' pajjiż terz' tfisser kwalunkwe persuna li mhix ċittadin ta' l-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 20(1) [TFUE] u li mhix koperta mill-punt 5 [tal-Artikolu 2];

7. 'persuni li għalihom ikun inħareġ allert sabiex ma jitħallewx jidħlu' tfisser kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li għalih ikun inħareġ allert fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen ('SIS') skond u għall-finijiet ta' l-Artikolu 96 [tal-KFS];

8. 'punt ta' qsim tal-fruntiera' tfisser kwalunkwe punt ta' qsim awtorizzat mill-awtoritajiet kompetenti sabiex ikunu jistgħu jinqasmu l-fruntieri esterni;

[...]

9. 'kontroll fuq il-fruntiera' tfisser l-attività mwettqa fuq fruntiera, skond u għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, bħala risposta esklussivament għal xi intenzjoni ta' qsim jew l-att ta' qsim ta' dik il-fruntiera, irrispettivament minn kull konsiderazzjoni oħra, li tikkonsisti f'verifiki fuq il-fruntiera u sorveljanza fuq il-fruntiera;

10. 'verifiki fuq il-fruntiera' tfisser il-verifiki mwettqa f'punti tal-qsim tal-fruntiera, sabiex ikun żgurat li persuni, il-mezzi tat-trasport tagħhom u l-oġġetti fil-pussess tagħhom jitħallew jidħlu fit-territorju ta' l-Istati Membri jew jitilqu minnu;

11. 'sorveljanza fuq il-fruntiera' tfisser is-sorveljanza tal-fruntieri bejn il-punti ta' qsim tal-fruntiera u s-sorveljanza ta' punti ta' qsim tal-fruntiera barra mill-ħinijiet stabbiliti ta' ftuħ, sabiex persuni ma jitħallewx jevitaw il-verifiki fuq il-fruntiera;

[...]

64 Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

13. ‘gwardja tal-fruntiera’ tfisser kull uffiċjal pubbliku assenjat, skond il-liġi nazzjonali, ma’ xi punt ta’ qsim tal-fruntiera jew matul xi fruntiera jew fil-viċinanza immedjata ta’ dik il-fruntiera li jwettaq, skond dan ir-Regolament u l-liġi nazzjonali, xogħol ta’ kontroll ta’ fuq il-fruntiera;

[…]

15. ‘permess ta’ residenza’ tfisser:

(a) il-permessi ta’ residenza kollha maħruġa mill-Istati Membri skont il-format uniformi stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 [[65]] u għall-karti ta’ residenza maħruġa skont id-Direttiva 2004/38/KE;

(b) kull dokument ieħor maħruġ minn Stat Membru lil ċittadin ta’ pajjiż terz li jawtorizzah joqgħod fit-territorju tiegħu, li kien is-suġġett ta’ notifika u pubblikazzjoni sussegwenti skont l-Artikolu 34, bl-eċċezzjoni ta’:

  (i) permessi temporanji maħruġa sakemm tiġi eżaminata l-ewwel applikazzjoni għal permess ta’ residenza kif stipulat fil-punt (a) jew applikazzjoni għal asil u

  (ii) viżi maħruġa mill-Istati Membri fil-format uniformi stipulat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95 […];

  […]” [66]

50. Bis-saħħa tal-Artikolu 3, il-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen ikopri “kull persuna li taqsam il-fruntieri interni jew esterni ta’ l-Istati Membri, mingħajr preġudizzju: (a) għad-drittijiet ta’ persuni li jgawdu mid-dritt għal moviment liberu skont il-liġi tal-Unjoni; u (b) għad-drittijiet ta’ refuġjati u persuni li jitolbu protezzjoni internazzjonali, b’mod partikulari fir-rigward tan-non refoulement”

51. Skont l-Artikolu 3a, l-Istati Membri għandhom jaġixxu inkonformità sħiħa mad-dritt rilevanti tal-Unjoni, inkluża l-Karta, il-Konvenzjoni ta’ Genève u d-drittijiet fundamentali meta japplikaw dan ir-regolament. Dak jinkludi obbligu li jittieħdu deċiżjonijiet fuq bażi individwali.

52. L-Artikolu 5 għandu t-titolu “Kondizzjonijiet ta’ dħul għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi”. Skont l-Artikolu 5(1), il-kundizzjonijiet għal tali persuni li s-soġġorn ippjanat tagħhom ma jkunx ta’ iktar minn 90 jum f’kull perijodu ta’ 180 jum [67] huma dawn li ġejjin: (a) pussess ta’ dokument jew dokumenti validi ta’ vjaġġar li jawtorizzawhom jaqsmu l-fruntiera; (b) pussess ta’ viża valida; (c) ikun hemm ġustifikazzjoni tal-għan u tal-kundizzjonijiet tas-soġġorn li jkunu biħsiebu jagħmlu u jkollhom mezzi biżżejjed ta’ sussistenza, kemm għall-perijodu tas-soġġorn li jkunu biħsiebu jagħmlu kif ukoll għar-ritorn lejn il-pajjiż tal-oriġini tiegħu jew għat-tranżitu lejn pajjiż terz fejn ikunu ċerti li ser jitħallew jidħlu, jew ikunu f’pożizzjoni li jakkwistaw dawn il-mezzi legalment; (d) ma jkunux persuna li għaliha jkun inħareġ allert fis-SIS sabiex jiġi miċħud id-dħul; u (e) ma humiex meqjusa bħala, *inter alia*, theddida għall-politika pubblika jew għas-sigurtà interna [68].

65 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002, tat-13 ta’ Ġunju 2002, li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta’ residenza għaċ-ċittadini ta’ pajjiz terz (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 3).

66 Ara l-punt 58 iktar ’il quddiem.

67 Il-Qorti tal-Ġustizzja tkellmet fil-qosor dwar ir-relazzjoni bejn dawn il-viżi u r-Regolament Dublin III fil-punt 48 tas-sentenza reċenti tagħha tas-7 ta’ Marzu 2017, *X u X*, C-638/16 PPU, EU:C:2017:173.

68 L-Artikolu 5(2) jiddikjara li lista mhux eżawrjenti ta’ dokumenti ta’ sostenn li l-gwardja tal-fruntiera jista’ jitlob minn ċittadin ta’ pajjiż terz sabiex jivverifika l-adempjiment tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(1)(ċ) hija inkluża fl-Anness I.

53. Bħala deroga minn dawk ir-rekwiżiti, l-Artikolu 5(4)(ċ) jipprovdi li "[ċ]ittadin(i) ta' pajjiż terz li ma jissodisfawx xi kondizzjoni waħda jew aktar imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu awtorizzati minn xi Stat Membru biex jidħlu fit-territorju tiegħu għal raġunijiet umanitarji, għal raġunijiet ta' interess nazzjonali jew minħabba obbligi internazzjonali. Meta ċ-ċittadin minn pajjiż terz konċernat ikun soġġett għal xi allert kif imsemmi fil-paragrafu 1 punt (d), l-Istat Membru li jkun qed jawtorizza d-dħul tiegħu/tagħha fit-territorju tiegħu għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra b'dan".

54. L-Artikolu 8 jippermetti lill-gwardji tal-fruntieri li jirrilassaw il-kontrolli li għandhom isiru fil-fruntiera esterna f'ċirkustanzi eċċezzjonali u imprevedibbli. Tali ċirkustanzi eċċezzjonali u imprevedibbli għandhom jitqiesu li huma dawk meta avvenimenti imprevedibbli jwasslu għal traffiku ta' tali intensità li l-ħin ta' stennija fil-fruntieri jsir eċċessiv, u r-riżorsi kollha jkunu ġew eżawriti fir-rigward tal-persunal, tal-faċilitajiet u tal-organizzazzjoni.

55. Madankollu, l-Artikolu 8(3) jgħid li, anki meta l-verifiki jiġu rrilassati, il-gwardja tal-fruntiera għandu madankollu jittimbra d-dokumenti tal-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi kemm mad-dħul kif ukoll mal-ħruġ, skont l-Artikolu 10(1), li jipprovdi li d-dokumenti tal-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jiġu ttimbrati sistematikament mad-dħul u mal-ħruġ. It-timbri għandhom isiru fuq: (a) id-dokumenti li fuqhom ikollhom viża valida, li tippermetti ċittadini minn pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntiera; (b) id-dokumenti li jippermettu lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li favur tagħhom tkun inħarġet viża fil-fruntiera minn Stat Membru sabiex jaqsmu l-fruntiera; u (c) id-dokumenti li jippermettu lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma humiex suġġetti għal ħtieġa ta' viża sabiex jaqsmu l-fruntiera.

56. L-Artikolu 13 jgħid li ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet ta' dħul kollha stabbiliti fl-Artikolu 5(1) u li mhux wieħed mill-kategoriji ta' persuni msemmija fl-Artikolu 5(4) għandu jiġi mċaħħad milli jidħol fit-territorji tal-Istati Membri. Dan għandu jkun bla ħsara għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet speċjali dwar id-dritt tal-ażil u l-protezzjoni internazzjonali jew il-ħruġ ta' viżi għal soġġorn twil.

*Is-SIS*

57. Is-SIS hija essenzjalment sistema ta' informazzjoni li tappoġġja kontroll tal-fruntieri esterni u l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi fl-Istati li huma partijiet fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (iktar 'il quddiem "l-Istati Schengen"). L-għan ewlieni tagħha huwa li tassisti fil-preżervazzjoni tas-sigurtà interna f'dawk l-Istati fl-assenza ta' kontrolli fuq il-fruntieri interni [69]. Dan jiġi żgurat, *inter alia*, permezz ta' proċedura awtomatizzata ta' tiftix li tipprovdi aċċess għal allerti dwar persuni għall-finijiet ta' kontrolli fuq il-fruntieri. Fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (jiġifieri, individwi li ma humiex ċittadini tal-Unjoni jew ċittadini ta' Stati li skont ftehimiet mal-Unjoni Ewropea u l-Istati kkonċernati jgawdu minn drittijiet ta' moviment liberu ekwivalenti għal dawk ta' ċittadini tal-Unjoni) [70], l-Istati Membri għandhom idaħħlu allert fis-SIS meta awtorità kompetenti jew qorti tieħu deċiżjoni li tirrifjuta dħul jew soġġorn, ibbażata fuq theddida għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali li tista' toħloq l-preżenza ta' dak individwu [71]. L-allerti jistgħu jiddaħħlu wkoll meta dawn id-deċiżjonijiet ikunu bbażati fuq il-fatt li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz kien suġġett għal miżura li tinvolvi tkeċċija, ċaħda ta' dħul jew tneħħija li ma ġietx irrevokata jew sospiża [72].

69 Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 2006, dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) (ĠU 2006, L 381, p. 4) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament SIS II"). Dak ir-regolament issostitwixxa l-Artikoli 92 sa 119 tal-KFS.

70 Artikolu 3(d) tar-Regolament SIS II.

71 Artikolu 24(1) u (2) Regolament SIS II. Nikkummenta f'iktar dettall fuq is-sistema ta' allert tas-SIS fil-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża C-255/16, *Ouhrami*, C-225/16, EU:C:2017:398.

72 Artikolu 24(3) tar-Regolament SIS II.

*Ir-Regolament (KE) Nru 1683/95*

58. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95[73] jistabbilixxi format uniformi (sticker) għall-viżi maħruġa mill-Istati Membri li għandhom ikunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet fl-Anness tiegħu. L-ispeċifikazzjonijiet ikopru "karatteristiċi ta' sigurtà", bħal ritratt integrat, marka ottikament varjabbli, logo tal-Istat Membru li jagħmel il-ħruġ, il-kelma "viża", u numru nazzjonali b'disa' ċifri.

*Ir-Regolament (KE) Nru 539/2001*

59. L-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżentati minn dik il-ħtieġa[74]. Dak ir-rekwiżit huwa bla ħsara għall-Ftehim Ewropew dwar l-Abolizzjoni tal-Viżi għal Refuġjati[75]. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi tal-Istati elenkati fl-Anness II huma eżentati minn dan ir-rekwiżit għal viżi għal soġġorni qosra. L-Istati Membri huma intitolati wkoll li jipprevedu eċċezzjoni minn dan ir-rekwiżit għal ċerti kategoriji limitati ta' persuni[76].

*Is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża*

60. Is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (iktar 'il quddiem il-"VIS") ġiet stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE[77]. Bis-saħħa tal-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008[78], il-VIS tippermetti lill-Istati ta' Schengen jiskambjaw data tal-viża dwar applikazzjonijiet għal viżi għal soġġorn qasir u dwar deċiżjonijiet meħuda fir-rigward tagħhom. L-Artikolu 2(f) jgħid li l-għanijiet tal-VIS jinkludu li tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tar-Regolament Dublin II. Skont l-Artikolu 4, "viża" hija ddefinita b'riferiment għas-KFS. Sticker tal-viża tirreferi għall-format uniformi għall-viżi ddefinit fir-Regolament Nru 1683/95. L-espressjoni "dokument tal-ivvjaġġar" tfisser passaport jew dokument ieħor ekwivalenti li jintitola lid-detentur jaqsam il-fruntieri esterni u li miegħu tista' titwaħħal viża.

61. L-Artikolu 21 jipprovdi li għall-iskop uniku tad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli sabiex jeżamina applikazzjoni għall-ażil meta dan jinvolvi li jiġi stabbilit jekk Stat Membru jkunx ħareġ viża jew jekk l-applikant għall-protezzjoni internazzjonali "ikun[x] qasam b'mod irregolari l-konfini għal ġo Stat Membru" (skont dawk li llum huma l-Artikoli 12 u 13 rispettivament tar-Regolament Dublin III), l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom aċċess għal tiftix fid-database mal-marki tas-swaba tal-applikant għall-ażil ikkonċernat.

*Ir-Regolament Nru 810/2009*

62. Kif jgħid l-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 810/2009, dan ir-regolament jistabbilixxi l-proċeduri u l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' viżi għal tranżitu mit-territorju tal-Istati Membri jew soġġorni previsti fihom, li ma jeċċedux id-90 jum fi kwalunkwe perijodu ta' 180 jum. Ir-rekwiżiti japplikaw għal kull ċittadin ta' pajjiż terz li għandu jkollu viża valida meta jaqsam il-fruntieri esterni ta' Stat Membru.

73 Regolament tad-29 ta' Mejju 1995 li jistabbilixxi format uniformi għall-viża (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 1, p. 13).

74 Regolament tal-15 ta' Marzu 2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 1, p. 65).

75 Artikolu 3 tar-Regolament Nru 539/2001.

76 Dawk il-kategoriji huma elenkati fl-Artikolu 4(1): dawn jinkludu, pereżempju, detenturi ta' passaporti diplomatiċi.

77 Deċiżjoni tat-8 ta' Ġunju 2004 li tistabbilixxi s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) (ĠU L 142M, 30.5.2006, p. 60).

78 Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-9 ta' Lulju 2008, dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perijodu qasir (Regolament VIS) (ĠU 2008, L 218, p. 60).

63. L-Artikolu 2 jiddefinixxi ċittadin ta' pajjiż terz bħala kull persuna li ma hijiex ċittadin tal-Unjoni Ewropea. Viża hija l-awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru bil-għan ta' tranżitu jew ta' soġġorn previst fit-territorju tal-Istati Membri, ta' tul ta' mhux iktar minn tliet xhur fuq perijodu ta' sitt xhur li jibda jgħodd mid-data tal-ewwel dħul fit-territorju tal-Istati Membri jew ta' passaġġ miż-żoni ta' tranżitu internazzjonali tal-ajruporti tal-Istati Membri. Sticker tal-viża tfisser il-format uniformi tal-viżi kif imfisser bir-Regolament Nru 1683/95. Dokumenti tal-ivvjaġġar irrikonoxxuti huma dokumenti rrikonoxxuti minn Stat Membru wieħed jew iktar għall-fini ta' twaħħil ta' viżi [79].

### *Id-Direttiva dwar il-proċeduri*

64. Kif jissuġġerixxi t-titolu tagħha, id-Direttiva dwar il-proċeduri tistabbilixxi proċeduri komuni għall-għoti u għall-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali skont id-Direttiva dwar il-kwalifika. L-Artikolu 3 jiddikjara li d-Direttiva dwar il-proċeduri tapplika għal dawn l-applikazzjonijiet kollha magħmula fi ħdan it-territorju tal-Unjoni Ewropea.

65. Skont l-Artikolu 31, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jiġu pproċessati skont il-proċedura ta' eżami stabbilita fid-Direttiva mill-aktar fis possibbli [80]. Ir-regola ġenerali hija li l-proċedura ta' eżami għandha tintemm fi żmien sitt xhur minn meta tiġi ppreżentata applikazzjoni. Madankollu, fejn l-applikazzjonijiet ikunu suġġetti għall-proċedura stabbilita fir-Regolament Dublin III, it-terminu ta' sitt xhur jibda jiddekorri mill-mument li l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni tal-individwu jiġi ddeterminat skont dan ir-regolament [81]. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-proċedura ta' eżami għandha tiġi aċċelerata u/jew imwettqa fuq il-fruntiera jew f'żoni ta' tranżitu jekk applikant, *inter alia*, jidħol fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat "b'mod illegali", jew jirrifjuta li jkollu l-marki tas-swaba' meħudin skont ir-Regolament Eurodac [82].

### *Id-Direttiva dwar ir-ritorn*

66. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2008/115/KE [83] jgħid li din id-direttiva tistabbilixxi standards u proċeduri komuni li għandhom jiġu applikati fl-Istati Membri sabiex jiġu rritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, skont id-drittijiet fundamentali bħala prinċipji ġenerali tal-dritt tal-Unjoni kif ukoll tad-dritt internazzjonali, inkluż il-protezzjoni tar-refuġjati u l-obbligi dwar id-drittijiet tal-bniedem.

67. L-Artikolu 2 jipprovdi li d-Direttiva tapplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin jissoġġornaw illegalment fit-territorju ta' Stat Membru. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx id-Direttiva għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma suġġetti għal ċaħda ta' dħul, skont l-Artikolu 13 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, jew li jkunu arrestati jew interċettati mill-awtoritajiet kompetenti b'konnessjoni mal-qsim irregolari bl-art, bil-baħar jew bl-ajru tal-fruntiera esterna ta' Stat Membru u li ma jkunux sussegwentement kisbu awtorizzazzjoni jew dritt għas-soġġorn f'dak l-Istat Membru.

79 Ara l-Artikolu 2(1), (2), (6) u (7) tal-Kodiċi dwar il-Viżi rispettivament.

80 Artikolu 31(1) u (2).

81 Artikolu 31(3).

82 Artikolu 31(8)(h) u (i) tad-Direttiva dwar il-proċeduri.

83 Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU 2008, L 348, p. 98; iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar ir-ritorn").

68. Skont l-Artikolu 3, ċittadin ta' pajjiż terz tfisser kwalunkwe persuna li ma tkunx ċittadin tal-Unjoni Ewropea u li ma tgawdix drittijiet ta' moviment ħieles kif iddefinit fl-Artikolu 2(5) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. L-espressjoni "soġġorn illegali" hija ddefinita bħala li "tfisser il-preżenza fit-territorju ta' Stat Membru, ta' ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax, jew m'għadux jissodisfa l-kondizzjonijiet ta' dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jew kondizzjonijiet oħrajn għal dħul, soġġorn jew residenza f'dak l-Istat Membru" [84].

## It-talbiet għal deċiżjoni preliminari

69. F'dawn iż-żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tagħti gwida fuq l-interpretazzjoni tar-Regolament Dublin III u tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Il-kawża A.S. [85] hija rinviju mill-Vrhovno sodišče Republike Slovenije (qorti suprema tar-Repubblika tas-Slovenja). Il-kawża Jafari [86] hija rinviju mill-Verwaltungsgerichtshof Wien (qorti amministrattiva suprema, Vjenna, l-Awstrija).

70. Id-domandi magħmula miż-żewġ qrati tar-rinviju huma marbuta u jikkoinċidu b'mod sostanzjali. Jien għalhekk se nittratta ż-żewġ kawżi flimkien f'dawn il-konklużjonijiet. Se nuża l-kelma "migrazzjoni" b'mod ġeneriku sabiex tiddeskrivi l-influss ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bejn Settembru 2015 u Marzu 2016 (iktar 'il quddiem iż-"żmien materjali"). Dak l-influss inkluda kemm nies li kienu refuġjati jew li kellhom il-ħsieb li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni Ewropea u kemm migranti fis-sens iktar ġenerali ta' dik il-kelma [87].

### *Il-Kawża C-490/16, A.S.*

#### *Il-fatti, il-proċedura u d-domandi preliminari*

71. Il-qorti tar-rinviju tindika li A.S., ċittadin Sirjan, telaq mis-Sirja għal-Libanu u, minn hemm, ivvjaġġa lejn it-Turkija, imbagħad il-Greċja, il-FYROM, is-Serbja, il-Kroazja u s-Slovenja. Huwa aċċettat bejn il-partijiet li huwa vvjaġġa fis-Serbja b'mod organizzat permezz ta' dik li hija deskritta bħala "ferrovija tal-migranti", li huwa daħal fil-Kroazja mis-Serbja u li, fil-punt ta' qsim indikat tal-fruntiera nazzjonali, huwa kien akkumpanjat mill-awtoritajiet Statali Serbi. Huwa kien ittrasferit lill-awtoritajiet tal-kontroll tal-fruntieri nazzjonali Kroati. Dawn tal-aħħar ma waqqfuhx milli jidħol fil-Kroazja, ma bdewx proċedura tat-tkeċċija tiegħu mit-territorju Kroat u ma vverifikawx jekk huwa kienx jissodisfa l-kundizzjonijiet għad-dħul legali fil-Kroazja. Pjuttost, l-awtoritajiet Kroati organizzaw trasport lejn il-fruntiera nazzjonali Slovena.

72. Fl-20 ta' Frar 2016 A.S. daħal fis-Slovenja mal-fluss ta' nies fuq il-"ferrovija tal-migranti" fuq il-post ta' fruntiera ta' Dobova, fejn kien irreġistrat. Fil-jum ta' wara (il-21 ta' Frar 2016) huwa flimkien ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi li kienu qed jivvjaġġaw permezz tal-Balkani tal-Punent ittieħdu għand l-awtoritajiet tas-sigurtà Awstrijaċi fuq il-fruntiera Slovena mal-Awstrija, li bagħtuhom lura lejn is-Slovenja. Fit-23 ta' Frar 2016 A.S. ippreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali mal-awtoritajiet Sloveni. Fl-istess jum l-awtoritajiet Sloveni bagħtu ittra lill-awtoritajiet Kroati skont l-Artikolu 2(1) tal-Ftehim bejn iż-żewġ pajjiżi fuq l-estradizzjoni u r-ritorn ta' individwi li daħlu jew issoġġornaw irregolarment fit-territorju Sloven (ftehim internazzjonali). Is-Slovenja talbet lill-Kroazja

84 Artikolu 3(1) u (2) rispettivament tad-Direttiva dwar ir-ritorn.

85 Kawża C-490/16.

86 Kawża C-646/16.

87 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 4.

sabiex tieħu lura 66 persuna, li A.S. kien wieħed minnhom. B'ittra tal-25 ta' Frar 2016 l-awtoritajiet Kroati kkonfermaw li huma kienu se jieħdu dawk il-persuni lura. Fid-19 ta' Marzu 2016 is-Slovenja ressqet talba formali għal teħid lura taħt ir-Regolament Dublin III. Fit-18 ta' Mejju 2016, l-awtoritajiet Kroati kkonfermaw l-aċċettazzjoni tagħhom li l-Kroazja kienet l-Istat Membru responsabbli.

73. Permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Ġunju 2016 il-Ministeru Sloven tal-Intern (iktar 'il quddiem il-"Ministeru Sloven") informa lil A.S. li l-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali ma kinitx se tiġi eżaminata mis-Slovenja u li kien se jiġi ttrasferit lejn il-Kroazja, bħala l-Istat Membru responsabbli (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tal-Ministeru Sloven").

74. Dik id-deċiżjoni kienet ibbażata fuq il-kriterju fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III. Skont dik id-dispożizzjoni, meta ċittadin ta' pajjiż terz ikun qasam b'mod irregolari l-fruntiera ta' Stat Membru, dak l-Istat Membru jkun responsabbli sabiex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Jekk kienx hemm qsim irregolari ta' fruntiera fi kwalunkwe każ partikolari jiġi stabbilit b'riferiment għal prova jew evidenza ċirkustanzjali kif deskritti fiż-żewġ listi fl-Anness II tar-Regolament ta' Implementazzjoni ta' Dublin li jinkludi kull data disponibbli fl-Eurodac.

75. Il-Ministeru Sloven kien tal-fehma li A.S. daħal fil-Kroazja irregolarment matul Frar tal-2016. Huwa kkunsidra wkoll li fit-18 ta' Mejju 2016 l-awtoritajiet Kroati rrispondew b'mod pożittiv għat-talba tal-awtoritajiet Sloveni sabiex jieħdu responsabbiltà għall-applikazzjoni ta' A.S. skont ir-Regolament Dublin III fuq il-bażi tal-kriterju fl-Artikolu 13(1) ta' dak ir-regolament, fis-sens li l-Kroazja hija l-Istat Membru kompetenti sabiex jeżamina l-applikazzjoni ta' A.S.[88]. Is-sistema Eurodac ma pprovdietx tqabbil pożittiv għall-Kroazja għal A.S., imma dan ma huwiex deċiżiv għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III. L-azzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali meta individwi mill-"ferrovija tal-migranti" qasmu l-fruntiera nazzjonali għal ġol-Kroazja kienet l-istess bħal fil-każijiet meta l-migranti kienu ġew irreġistrati fis-sistema Eurodac.

76. Fis-27 ta' Ġunju 2016 A.S. ikkontesta dik id-deċiżjoni quddiem l-Upravno sodišče (qorti amministrattiva, is-Slovenja) fuq il-bażi li l-kriterju tal-Artikolu 13(1) kien ġie applikat b'mod żbaljat. L-aġir tal-awtoritajiet statali Kroati għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa kien daħal fil-Kroazja legalment.

77. Fl-4 ta' Lulju 2016 dik il-kontestazzjoni ġiet miċħuda, iżda A.S. irnexxielu jikseb is-sospensjoni tad-deċiżjoni tal-Ministeru.

78. Huwa appella mid-deċiżjoni tal-ewwel istanza quddiem il-qorti tar-rinviju fis-7 ta' Lulju 2016. Din tal-aħħar hija tal-fehma li sabiex jiġi ddeterminat liema Stat Membru huwa responsabbli sabiex jeżamina l-applikazzjoni ta' A.S. għall-protezzjoni internazzjonali, hija teħtieġ gwida dwar l-interpretazzjoni tal-kundizzjoni fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III li "applikant ikun qasam b'mod irregolari l-konfini għal ġo Stat Membru". Il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf b'mod partikolari jekk il-kliem "qasam b'mod irregolari" għandux jiġi interpretat b'mod awtonomu jew flimkien mal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva dwar ir-ritorn u mal-Artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf ukoll jekk il-fatt li A.S. qasam il-fruntiera mis-Serbja għall-Kroazja taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet Kroati, minkejja li huwa ma kienx jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 5(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (billi ma kellux id-dokumenti meħtieġa, bħalma hija viża valida), huwiex rilevanti sabiex jiġi evalwat jekk id-dħul fit-territorju tal-Unjoni tiegħu kienx irregolari.

88 L-Artikolu 22(3) tar-Regolament Dublin III jipprovdi li jekk kienx hemm qsim irregolari tal-fruntiera għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi ta' prova jew evidenza ċirkustanzjali skont ir-Regolament ta' Implementazzjoni ta' Dublin. L-Upravno sodišče Republike Slovenije (qorti amministrattiva tal-ewwel istanza tar-Repubblika tas-Slovenja) tindika li ċertament fid-dokumenti fil-każ ta' A.S. ma hemm l-ebda prova formali ta' dħul irregolari fil-Kroazja.

79. Il-qorti tar-rinviju trid ukoll gwida dwar l-applikazzjoni ta' ċerti aspetti proċedurali tar-Regolament Dublin III, jiġifieri jekk id-dritt ta' A.S. għal rimedju effettiv skont l-Artikolu 27 ta' dak ir-regolament ikopri x l-evalwazzjoni fil-liġi dwar kif il-kliem "irregolari" jew "dħul illegali" fi Stat Membru fl-Artikolu 13(1) għandhom jiġu applikat. Jekk ir-risposta għal din id-domanda tkun fl-affermattiv, imbagħad ikun meħtieġ li jiġi stabbiliti kif joperaw it-termini fl-Artikoli 13(1) u 29(2) tar-Regolament Dublin III. Essenzjalment il-qorti tar-rinviju trid tkun taf jekk iż-żmien ikomplix jiddekorri meta tiġi ppreżentata kontestazzjoni skont l-Artikolu 27(1), b'mod partikolari meta trasferiment ikun ġie eskluż skont l-Artikolu 27(3).

80. Fit-13 ta' Settembru 2016 il-qorti tar-rinviju għalhekk għamlet id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1. Il-protezzjoni ġudizzjarja skont l-Artikolu 27 tar-[Regolament Dublin III], tirrigwarda wkoll l-interpretazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-kriterju skont l-Artikolu 13(1), fir-rigward ta' deċiżjoni li Stat Membru mhux ser jeżamina t-talba għal protezzjoni internazzjonali, li Stat Membru ieħor diġà assuma r-responsabbiltà sabiex jeżamina t-talba tar-rikorrent fuq l-istess bażi u meta r-rikorrent jikkontesta dan?

2. Il-kundizzjoni ta' qsim b'mod irregolari skont l-Artikolu 13(1) tar-[Regolament Dublin III] għandha tiġi interpretata b'mod awtonomu u indipendenti jew flimkien mal-punt 2 tal-Artikolu 3 tad-[Direttiva dwar ir-ritorn] u l-Artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen li jiddefinixxu l-qsim b'mod irregolari tal-fruntiera u din l-interpretazzjoni għandha tiġi applikata fir-rigward tal-Artikolu 13(1) ta' [dak ir-regolament]?

3. Fid-dawl tar-risposta għat-tieni domanda, il-kunċett ta' qsim b'mod irregolari skont l-Artikolu 13(1) tar-[Regolament Dublin III] fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża għandu jiġi interpretat fis-sens li ma hemmx qsim b'mod irregolari tal-fruntiera meta l-awtoritajiet pubbliċi ta' Stat Membru jorganizzaw il-qsim tal-fruntiera bil-għan ta' tranżitu lejn Stat Membru ieħor tal-UE?

4. Fil-każ li r-risposta għat-tielet domanda tkun pożittiva, l-Artikolu 13(1) tar-[Regolament Dublin III] għandu konsegwentement jiġi interpretat fis-sens li huwa jipprojbixxi t-trasferiment ta' ċittadin ta' Stat terz lejn l-Istat [Membru] fejn huwa daħal inizjalment fit-territorju tal-UE?

5. L-Artikolu 27 tar-[Regolament Dublin III], għandu jiġi interpretat fis-sens li t-termini tal-Artikolu 13(1) u tal-Artikolu 29(2) ma jiddekorrux meta r-rikorrent jeżerċita d-dritt għall-protezzjoni ġudizzjarja, *a fortiori* meta dan jirrigwarda wkoll domanda preliminari jew meta l-qorti nazzjonali tistenna r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għal tali domanda magħmula f'kawża oħra? Sussidjarjament, it-termini jiddekorru f'tali każ, bl-Istat Membru responsabbli madankollu ma jkollux id-dritt li jiċħad l-akkoljenza?"

*Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja*

81. Il-qorti tar-rinviju talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tapplika l-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet din it-talba permezz ta' digriet tas-27 ta' Settembru 2016. Madankollu, il-kawża sussegwentement ingħatat trattament prijoritarju permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Diċembru 2016, peress li tqajjem kwistjonijiet komuni mal-Kawża C-646/16, Jafari, li hija suġġetta għall-proċedura mħaffa.

82. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati minn A.S., mill-Greċja, mill-Ungerija, mis-Slovenja, mir-Renju Unit u mill-Isvizzera, u mill-Kummissjoni Ewropea. Minħabba x-xebh mal-Kawża C-646/16, Jafari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li torganizza seduta konġunta taż-żewġ kawżi [89].

89 Ara wkoll il-punt 99 iktar 'il quddiem dwar l-attendenza waqt is-seduta u s-sottomissjonijiet orali konġunti.

### *Il-Kawża C-646/16, Jafari*

*Il-fatti, il-proċedura u d-domandi preliminari*

83. K. Jafari u Z. Jafari huma ċittadini tal-Afganistan. Huma aħwa. K. Jafari għandha tifel li twieled fl-2014, u Z. Jafari għandha żewġt ibniet li twieldu fl-2011 u fl-2007. It-tfal huma ċittadini Afgani wkoll.

84. Iż-żewġ aħwa flimkien mat-tfal rispettivi tagħhom (iktar 'il quddiem il-"familji Jafari") ħarbu mill-Afganistan, minħabba li żwieġhom rispettivi kienu ttieħdu mit-Talibani u kienu meħtieġa jiġġieldu fl-armata tat-Talibani. Huma rrifjutaw li jagħmlu dan u nqatlu mit-Talibani. Il-missirijiet tar-rispett taż-żewġ nisa aħwa Jafari mbagħad żammew lin-nisa msakkra, fil-magħluq: wieħed minnhom ikkunsidra li ż-żamma ta' bintu tar-rispett maqfula kien xieraq għal raġunijiet reliġjużi; l-ieħor ħaseb li jkun aktar sigur għat-tifla tar-rispett tiegħu li tinżamm maqfula. Missier l-aħwa Jafari rnexxielu jirranġalhom sabiex jaħarbu mill-Afganistan. L-aħwa jibżgħu li jekk imorru lura l-Afganistan jerġgħu jinqaflu mill-familji rispettivi tagħhom u huma wkoll f'riskju li jitħaġġru għall-mewt.

85. Il-familji Jafari ħallew l-Afganistan matul Diċembru 2015. Bl-għajnuna ta' "traffikant tan-nies" dawn l-ewwel ivvjaġġaw lejn l-Iran (fejn qattgħu tliet xhur) imbagħad lejn it-Turkija (fejn qattgħu madwar 20 jum) u mbagħad lejn il-Greċja (fejn qattgħu tlett ijiem). L-awtoritajiet Griegi ħadu data bijometrika mingħand Z. Jafari u ttrażmettew il-marki tas-swaba diġitali tagħha permezz tal-Eurodac. Il-familji Jafari mbagħad ivvjaġġaw mill-FYROM, mis-Serbja, mill-Kroazja u mis-Slovenja, qabel finalment waslu fl-Awstrija. Ma għaddewx iktar minn ħamest ijiem bejn it-tluq tagħhom mill-Greċja u dħul mill-ġdid tagħhom fit-territorju tal-Unjoni.

86. Mit-18 ta' Novembru 2015 'il quddiem, il-Kroazja kienet bdiet tgħarbel l-influss ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Hija ppermettiet biss dawk mill-Afganistan, mill-Iraq u mis-Sirja – li kienu probabbli li jikkwalifikaw għall-istatus ta' refuġjati – sabiex jgħaddu mit-territorju tagħha. Il-familji Jafari ssodisfaw dak it-test. Fil-Kroazja huma talbu aċċess għal tabib sabiex jikkuraw waħda mill-bniet ta' Z. Jafari. Ma ngħatat l-ebda assistenza. Huma damu siegħa jistennew xarabank u mbagħad qasmu l-fruntiera għal ġewwa s-Slovenja.

87. Fil-15 ta' Frar 2016 l-awtoritajiet kompetenti fis-Slovenja fformulaw dokument li rreġistra d-dettalji personali tal-familji Jafari. Dan indika "NEMČIJA/DEU" ("destinazzjoni tal-vjaġġ il-Ġermanja") għal Z. Jafari. Għal K. Jafari, l-ittri "DEU" kienu nqatgħu bl-idejn u mibdula bi "AUT" bl-idejn (għalhekk, "NEMČIJA/AUT" ("destinazzjoni tal-vjaġġ l-Awstrija")[90]. Fl-istess jum l-aħwa qasmu l-fruntiera Awstrijaka flimkien u għamlu l-applikazzjonijiet tagħhom għal protezzjoni internazzjonali għalihom innifishom u għat-tfal tagħhom f'dak l-Istat. L-awtoritajiet Awstrijaċi ddikjaraw li huma kienu oriġinarjament indikaw li xtaqu jivvjaġġaw lejn l-Isvezja. Madankollu, dan huwa kkontestat mill-aħwa.

88. L-awtorità kompetenti Awstrijaka [l-Uffiċċju Federali Awstrijak għall-immigrazzjoni u l-ażil (Bundesamt für Fremdenwesen und Asyl; iktar 'il quddiem l-"Uffiċċju Federali" jew il-"BFA")] ma vverifikatx l-istqarrija tal-aħwa dwar il-fatt li kienu ħarbu mill-Afganistan, għaliex kienet tal-fehma li l-Kroazja kienet l-Istat Membru responsabbli sabiex jeżamina l-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali. Wara li l-ewwel avviċinat lill-awtoritajiet Sloveni, permezz ta' ittra tas-16 ta' April 2016, il-BFA talbet lill-awtorità kompetenti Kroata sabiex tieħu l-inkarigu tal-aħwa u ta' wliedhom skont l-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament Dublin III. Il-BFA affermat li, peress li l-familji Jafari kienu daħlu fit-territorju tal-Istati Membri b'mod irregolari permezz tal-Kroazja, dak l-Istat

90 Sa fejn din il-bidla (miktuba bis-Sloven biss) tidher li saret minn uffiċjal li kien qed jaġixxi mingħajr l-għarfien jew il-kunsens tar-rikorrenti, tali bidla hija indikazzjoni tal-pressjoni li taħtha l-uffiċjali tal-fruntiera kienu qed jaħdmu. Il-firda tal-familja b'dan il-mod tqajjem kwistjonijiet taħt l-Artikoli 7 u 24 tal-Karta dwar id-dritt għall-ħajja tal-familja u d-drittijiet tat-tfal. Li kieku ż-żewġt aħwa, flimkien mal-ulied rispettivi tagħhom, *effettivament* sabu ruħhom fi Stati Membri differenti, setgħu jqumu wkoll kwistjonijiet fir-rigward ta' kriterji oħra tal-Kapitolu III stabbiliti fir-Regolament Dublin III.

Membru kien responsabbli sabiex jeżamina l-applikazzjonijiet tagħhom. L-awtorità kompetenti Kroata ma weġbitx. Għaldaqstant, il-BFA informatha, permezz ta' ittra tat-18 ta' Ġunju 2016, li, skont l-Artikolu 22(7) tar-Regolament Dublin III, ir-responsabbiltà għall-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali issa kienet b'mod irrevokabbli tal-Kroazja.

89. Permezz ta' deċiżjonijiet tal-5 ta' Settembru 2016, l-Uffiċċju Federali ċaħad l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali bħala "inammissibbli", innota li l-Kroazja kienet responsabbli sabiex teżamina l-applikazzjonijiet skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III u ħareġ ordni ta' tkeċċija fis-sens li l-familji Jafari kellhom jiġu rritornati lill-Kroazja. Fid-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tiegħu, l-Uffiċċju Federali pproċeda fuq is-suppożizzjoni li l-aħwa u wliedhom kienu daħlu l-ewwel fit-territorju tal-Unjoni fil-Greċja. Skont il-BFA, huma kienu, madankollu, imbagħad telqu mill-ġdid mit-territorju tal-Unjoni u sussegwentement reġgħu daħlu fit-territorji tal-Istati Membri fil-Kroazja. Id-dħul fil-Greċja u fil-Kroazja ntqal li kien irregolari. Madankollu, fil-Greċja kien hemm nuqqasijiet sistemiċi kontinwi fil-proċedura tal-ażil. Għalhekk, skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III, il-Kroazja kellha titqies bħala l-Istat Membru responsabbli. Intqal li ma kien hemm ebda nuqqas sistemiku fis-sistema tal-ażil hemmhekk. L-aħwa jikkontestaw din il-konklużjoni [91].

90. Kemm l-awtoritajiet amministrattivi kif ukoll il-Bundesverwaltungsgericht (qorti amministrattiva federali, l-Awstrija), li ddeċidew dwar ir-rikors tagħhom kontra d-deċiżjonijiet ikkontestati, ikkunsidraw li l-istqarrija tal-familji Jafari u l-informazzjoni mogħtija dwar il-vjaġġ tagħhom mill-Afganistan kienu plawsibbli. Barra minn hekk, ma hemmx kontestazzjoni li l-odissea tal-familji Jafari seħħet matul l-influss tal-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-Unjoni mill-Balkani tal-Punent bejn Settembru 2015 u Marzu 2016.

91. Permezz ta' deċiżjonijiet tal-10 ta' Ottubru 2016, il-Bundesverwaltungsgericht (qorti amministrattiva federali) ma laqgħetx l-appelli tal-familji Jafari. Meta għamlet hekk hija essenzjalment ikkonfermat il-konstatazzjonijiet tal-BFA. Hija ddeċidiet li meta l-familji Jafari kienu daħlu fil-Kroazja mis-Serbja dawn kienu qasmu l-fruntiera mingħajr viża ta' dħul, għalkemm bħala ċittadini Afgani suppost kellhom waħda. Għalhekk, id-dħul minn dik il-fruntiera kien irregolari. Sa fejn seta' jiġi stabbilit, anki d-dħul fl-Awstrija kien mingħajr viża u għalhekk kien ukoll "irregolari".

92. Iż-żewġ aħwa (iżda mhux it-tfal tagħhom) ikkontestaw dik id-deċiżjoni fl-appell quddiem il-qorti tar-rinviju. Huma jsostnu li ċ-ċirkustanzi partikolari tal-każijiet rispettivi tagħhom għandhom jitqiesu sabiex jiġi stabbilit liema Stat Membru huwa responsabbli sabiex jeżamina l-applikazzjonijiet tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali. Huma jsostnu li daħlu fit-territorju tal-Unjoni skont l-Artikolu 5(4)(ċ) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (jiġifieri, għal raġunijiet umanitarji). Għaldaqstant, il-qsim tal-fruntiera ma kienx "dħul irregolari" għall-finijiet tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III. Dak kien ir-raġunament wara l-Ftehim tat-18 ta' Frar 2016 li jippermetti ċittadini ta' pajjiżi terzi li jidħlu fit-territorju tal-Unjoni sabiex jaqsmu l-Istati Membri sabiex jilħqu l-post fejn xtaqu jitolbu l-ażil [92]. Skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament Dublin III, l-Awstrija hija għalhekk l-Istat Membru responsabbli sabiex jeżamina l-applikazzjonijiet tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali.

93. Il-qorti tar-rinviju kienet taf li kien diġà sar ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari mill-Vrhovno sodišče Republike Slovenije (qorti suprema tar-Repubblika tas-Slovenja) fil-Kawża C-490/16, A.S. Madankollu, hija tal-fehma li ċ-ċirkustanzi sottostanti fil-kawża tal-familji Jafari huma differenti minn dawk fil-kawża A.S. Fil-każ tal-familji Jafari, l-awtorità kompetenti Kroata naqset milli tirrispondi għat-talba sabiex jittieħed l-inkarigu magħmula skont l-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament Dublin III. Il-qorti tar-rinviju tqis li l-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III huwa l-kriterju rilevanti

91 Ara l-punti 231 u 232 iktar 'il quddiem.

92 Huwa possibbli li dan jista' jkun riferiment għall-Istqarrija maħruġa mill-Kapijiet tas-Servizzi tal-Pulizija fit-18 ta' Frar 2016 (ara l-punt 16 iktar 'il fuq). Jista', madankollu, jirreferi għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-istess data. Ma huwiex ċar mid-digriet tar-rinviju liema wieħed minn dawk id-dokumenti qed jiġi invokat.

tal-Kapitolu III li japplika sabiex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli. Dak ir-regolament madankollu ma jiddefinixxix "qsim irregolari" tal-fruntiera. Il-qorti tar-rinviju għalhekk titlob gwida dwar jekk dan il-kunċett għandux jiġi interpretat b'mod awtonomu jew b'riferiment għal dispożizzjonijiet oħra tal-Unjoni li jirregolaw ir-rekwiżiti relatati ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntiera esterna tal-Unjoni, bħal dawk fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Sa fejn l-awtoritajiet Kroati ppermettew lill-familji Jafari li jidħlu f'pajjiżhom u ssorveljaw it-trasport tagħhom lejn il-fruntiera Slovena, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk dan l-aġir huwiex fil-fatt "viża" fis-sens tal-Artikoli 2(m) u 12 tar-Regolament Dublin III.

94. Il-familji Jafari jsostnu li l-kriterju rilevanti tal-Kapitolu III huwa l-Artikolu 14 (rinunzja tar-rekwiżiti tal-viża). Il-qorti tar-rinviju ma hijiex konvinta li dik il-fehma hija korretta. Hija għalhekk tixtieq tkun taf jekk dik id-dispożizzjoni jew l-Artikolu 13(1) humiex il-kriterju xieraq sabiex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli. Fid-dawl tad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi Ghezelbash u Karim[93], il-qorti tar-rinviju tosserva li applikant jista' jistrieħ fuq applikazzjoni żbaljata tal-kriterji ta' Dublin III f'appell minn deċiżjoni ta' trasferiment meħuda fuq il-bażi ta' dak ir-regolament. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi aċċertat liema huwa l-kriterju korrett li għandu jiġi applikat.

95. Il-qorti tar-rinviju għandha dubji wkoll dwar il-pretenzjoni tal-familji Jafari li huma jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 5(4)(ċ) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Hija għalhekk titlob ukoll il-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni korretta ta' dik id-dispożizzjoni.

96. Għalhekk, il-qorti tar-rinviju tagħmel id-domandi li ġejjin:

"1. L-Artikolu 2(m), l-Artikolu 12 u l-Artikolu 13 tar-[Regolament Dublin III] għandhom jiġu interpretati billi jittieħdu inkunsiderazzjoni strumenti legali oħra marbuta mar-Regolament Dublin III, jew dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jingħataw tifsira awtonoma?

2. Fil-każ li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Dublin III għandhom jiġu interpretati b'mod indipendenti minn strumenti legali oħra:

(a) Fiċ-ċirkustanzi tal-kawżi prinċipali, ikkaratterizzati mill-fatt li mmaterjalizzaw fi żmien li fih l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati prinċipalment involuti kienu qegħdin jaffrontaw numru eċċezzjonalment għoli ta' persuni li kienu qegħdin jitolbu jitħallew jgħaddu mit-territorju tagħhom, id-dħul fit-territorju, ittollerat *de facto* minn Stat Membru għall-finijiet biss tat-tranżitu minn dan l-Istat Membru u tat-tressiq ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor, għandu jitqies daqslikieku huwa 'viża' fis-sens tal-Artikolu 2(m) u tal-Artikolu 12 tar-Regolament Dublin III?

Jekk tingħata risposta fl-affermattiv għad-domanda 2(a):

(b) Jekk id-dħul fit-territorju għall-finijiet ta' tranżitu jkun ittollerat *de facto*, il-ħruġ mit-territorju tal-Istat Membru inkwistjoni għandu jitqies li jwassal sabiex il-'viża' ma tibqax valida?

(c) Jekk id-dħul fit-territorju għall-finijiet ta' tranżitu jkun ittollerat *de facto*, għandu jitqies li l-'viża' tibqa' valida meta l-ħruġ mit-territorju tal-Istat Membru inkwistjoni ma jkunx għadu seħħ jew il-'viża' ma tibqax valida, irrispettivament mill-assenza ta' ħruġ mit-territorju, hekk kif l-applikant jabbanduna definittivament kull ħsieb li jmur fi Stat Membru ieħor?

93 Sentenzi tas-7 ta' Ġunju 2016, *Ghezelbash* (C-63/15, EU:C:2016:409), u tas-7 ta' Ġunju 2016, *Karim* (C-155/15, EU:C:2016:410).

(d) Il-fatt li l-applikant jabbanduna kull ħsieb li jmur fl-Istat Membru inizjalment magħżul bħala destinazzjoni jwassal sabiex jitqies li hemm frodi wara l-ħruġ tal-'viża', fis-sens tal-Artikolu 12(5) tar-Regolament Dublin III, b'tali mod li l-Istat Membru li jkun ħareġ il-'viża' ma jkunx responsabbli?

Jekk tingħata risposta negattiva għad-domanda 2(a):

(e) L-espressjoni 'qasam b'mod irregolari l-konfini għal ġo Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru wara li jkun ġie minn pajjiż terz', li tinsab fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III, għandha tinftiehem fis-sens li, fiċ-ċirkustanzi speċjali deskritti tal-kawżi prinċipali, għandu jitqies li ma kienx hemm qsim irregolari tal-fruntiera esterna?

3. Fil-każ li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Dublin III għandhom jiġu interpretati billi jittieħdu inkunsiderazzjoni strumenti legali oħra:

(a) Sabiex jiġi evalwat jekk kienx hemm 'qsim irregolari' tal-fruntiera fis-sens tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III, għandu jitqies b'mod partikolari jekk id-dħul fit-territorju jissodisfax il-kundizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u b'mod partikolari l-Artikolu 5 ta' [dak l-att], dispożizzjoni din li tapplika għall-kawżi prinċipali minħabba d-data tad-dħul fit-territorju?

Jekk tingħata risposta negattiva għad-domanda 3(a):

(b) Liema dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għandhom jittieħdu partikolarment inkunsiderazzjoni sabiex jiġi evalwat jekk ikunx hemm 'qsim irregolari' tal-fruntiera fis-sens tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III?

Jekk tingħata risposta fl-affermattiv għad-domanda 3(a):

(c) Fiċ-ċirkustanzi tal-kawżi prinċipali, ikkaratterizzati mill-fatt li mmaterjalizzaw fi żmien li fih l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati prinċipalment involuti kienu qegħdin jaffrontaw numru eċċezzjonalment għoli ta' persuni li kienu qegħdin jitolbu jitħallew jgħaddu mit-territorju tagħhom, id-dħul fit-territorju, ittollerat *de facto*, mingħajr eżami taċ-ċirkustanzi individwali, minn Stat Membru, għall-finijiet biss tat-tranżitu minn dan l-Istat Membru u tat-tressiq ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru ieħor, għandu jitqies daqslikieku huwa awtorizzazzjoni ta' dħul fit-territorju fis-sens tal-Artikolu 5(4)(ċ) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen?

Jekk tingħata risposta fl-affermattiv għad-domandi 3(a) u 3(c):

(d) L-awtorizzazzjoni ta' dħul fit-territorju taħt l-Artikolu 5(4)(ċ) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen twassal sabiex ikollu jitqies li hemm awtorizzazzjoni ekwivalenti għal viża fis-sens tal-Artikolu 5(1)(b) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u, għaldaqstant, 'viża' li tissodisfa l-Artikolu 2(m) tar-Regolament Dublin III, b'tali mod li jkollhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli taħt ir-Regolament Dublin III billi jittieħed inkunsiderazzjoni ukoll l-Artikolu 12 tiegħu?

Jekk tingħata risposta fl-affermattiv għad-domandi 3(a), 3(c) u 3(d):

(e) Jekk id-dħul fit-territorju għall-finijiet ta' tranżitu jkun ittollerat *de facto*, il-ħruġ mit-territorju tal-Istat Membru inkwistjoni għandu jitqies li jwassal sabiex il-'viża' ma tibqax valida?

(f) Jekk id-dħul fit-territorju għall-finijiet ta' tranżitu jkun ittollerat *de facto*, għandu jitqies li l-'viża' tibqa' valida meta l-ħruġ mit-territorju tal-Istat Membru inkwistjoni ma jkunx għadu seħħ jew il-'viża' ma tibqax valida, irrispettivament mill-assenza ta' ħruġ mit-territorju, hekk kif l-applikant jabbanduna definittivament kull ħsieb li jmur fi Stat Membru ieħor?

(g) Il-fatt li l-applikant jabbanduna kull ħsieb li jmur fl-Istat Membru inizjalment magħżul bħala destinazzjoni jwassal sabiex jitqies li hemm frodi wara l-ħruġ tal-'viża', fis-sens tal-Artikolu 12(5) tar-Regolament Dublin III, b'tali mod li l-Istat Membru li jkun ħareġ il-'viża' ma jkunx responsabbli?

Jekk tingħata risposta fl-affermattiv għad-domandi 3(a) u 3(c) iżda domanda negattiva għad-domanda 3(d):

(h) L-espressjoni 'qasam b'mod irregolari l-konfini għal ġo Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru wara li jkun ġie minn pajjiż terz', li tinsab fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III, għandha tinftiehem fis-sens li, fiċ-ċirkustanzi speċjali deskritti fil-kawżi prinċipali, għandu jitqies li l-qsim tal-fruntiera, li jiġi kklassifikat bħala awtorizzazzjoni ta' dħul fit-territorju fis-sens tal-Artikolu 5(4)(ċ) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, ma għandux jitqies li huwa qsim irregolari tal-fruntiera esterna?"

*Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja*

97. Skont l-Artikolu 105 tar-Regoli tal-Proċedura, il-qorti tar-rinviju talbet li din il-kawża għandha tkun suġġetta għall-proċedura mħaffa. Dik it-talba ntlaqgħet b'digriet tal-President tal-15 ta' Frar 2017.

98. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-familji Jafari, mill-Awstrija, minn Franza, mill-Ungerija, mill-Italja, mill-Isvizzera u mill-Kummissjoni Ewropea.

99. Fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2017 miżmuma flimkien mal-Kawża C-490/16, A.S., skont l-Artikolu 77 tar-Regoli tal-Proċedura, A.S. u l-familji Jafari, kif ukoll l-Awstrija, Franza, il-Greċja, l-Italja, ir-Renju Unit u l-Kummissjoni ressqu l-argumenti orali tagħhom.

## Evalwazzjoni

### *Rimarki preliminari*

*Is-sistema ta' Dublin: ħarsa fil-qosor*

100. Is-sistema ta' Dublin tistabbilixxi proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli sabiex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali [94]. Il-possibbiltà li ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu jistgħu jivvjaġġaw b'mod liberu fiż-żona Schengen [95] ħolqot diffikultajiet potenzjali u tfassal mekkaniżmu sabiex jiġi żgurat li, bħala prinċipju, Stat parteċipant wieħed biss ikun responsabbli sabiex jeżamina kull applikazzjoni għall-ażil. L-għanijiet huma, *inter alia*, li jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli malajr, li jiġi evitat u skoraġġut il-forum shopping [96], li jiġu preklużi u skoraġġuti

94 Artikolu 1 tar-Regolament Dublin III.

95 Ara l-punt 45 iktar 'il fuq.

96 Il-"forum shopping" jirreferi għall-abbuż tal-proċeduri tal-ażil fil-forma ta' applikazzjonijiet multipli għall-ażil magħmula mill-istess persuna f'diversi Stati Membri bl-għan waħdieni li jestendi s-soġġorn tiegħu fl-Istati Membri; ara, pereżempju, il-Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat datata t-3 ta' Diċembru 2008 [KUMM (2008) 820 finali].

movimenti sekondarji[97] u li jiġi evitat il-fenomenu ta' dawk li jfittxu ażil "fl-orbita" – jiġifieri, li tiġi evitata sitwazzjoni fejn kull Stat Membru jsostni li ma għandu l-ebda responsabbiltà għaliex Stat Membru ieħor jikkostitwixxi pajjiż terz sigur u għalhekk għandu jkun responsabbli[98]. Ir-Regolament Eurodac jirfed ir-Regolament Dublin III.

101. L-ewwel sett ta' kriterji fil-Kapitolu III tar-Regolament Dublin III jalloka r-responsabbiltà għall-eżami ta' applikazzjonijiet fuq il-bażi tal-garanzija tar-rispett lejn l-unità tal-familja[99]. Il-kriterji suċċessivi għandhom l-għan li jiddeterminaw liema Stat ikkontribwixxa bl-ikbar mod għad-dħul jew għar-residenza tal-applikant fit-territorju tal-Istati Membri billi ħareġ viża jew permess ta' residenza, billi naqas milli jkun diliġenti fil-kontroll tal-fruntieri tiegħu, jew billi neħħa l-ħtieġa għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat li jkollu viża[100].

*Schengen*

102. Skont il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, l-Istati Membri għandhom obbligu li tinżamm l-integrità tal-fruntiera esterna tal-Unjoni, li għandha tinqasam f'ċerti punti awtorizzati biss. Ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jissodisfaw ċerti rekwiżiti[101]. Ċittadin ta' pajjiż terz li qasam il-fruntiera b'mod irregolari u li ma għandu l-ebda dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat għandu jkun arrestat u għandu jkun suġġett għall-proċeduri ta' ritorn[102]. Fil-prattika, ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaslu fil-fruntieri esterni tal-Istati Membri ħafna drabi ma jixtiqux jitolbu ażil hemmhekk u jirrifjutaw li jittieħdulhom il-marki tas-swaba tagħhom, jekk fil-fatt l-awtoritajiet kompetenti jipprovaw jagħmlu dan[103]. Bħala prinċipju, minn dak il-mument 'il quddiem il-persuni kkonċernati jistgħu jiġu indikati bħala ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jissoġġornaw illegalment u li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 5(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, bis-saħħa tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva dwar ir-ritorn[104].

103. Il-proċedura ppreferuta skont id-Direttiva dwar ir-ritorn hija r-ritorn volontarju. F'każijiet ta' ritorn forzat, l-Istat Membru kkonċernat għandu joħroġ projbizzjoni ta' dħul mal-Unjoni kollha u jista' jqiegħed dik l-informazzjoni fis-SIS.

97 "Movimenti sekondarji" tkopri l-fenomenu tal-migranti, refuġjati u dawk li jfittxu ażil li għal raġunijiet differenti jiċċaqalqu mill-pajjiż li jkunu waslu fih sabiex ifittxu protezzjoni jew ristabbiliment permanenti x'imkien ieħor (ara l-Glossarju "Ażil u Migrazzjoni" tan-Netwerk Ewropew tal-Migrazzjoni).

98 Premessi 2, 3, 4 u 5 tar-Regolament Dublin III.

99 Artikoli 8 sa 11 tar-Regolament Dublin III.

100 Artikoli 12, 13 u 14 tar-Regolament Dublin III. Meta ċittadin ta' pajjiż terz jagħmel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fiż-żona ta' tranżitu internazzjonali ta' ajruport ta' Stat Membru, huwa dak l-Istat li huwa responsabbli sabiex jeżamina applikazzjoni bħal din (Artikolu 15 tar-Regolament Dublin III).

101 Ara l-Artikoli 7 u 5(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

102 Artikolu 12(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Dak l-obbligu huwa bla ħsara għal dawk li qed ifittxu status ta' refuġjat u l-prinċipju ta' non-refoulement. Ara l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-proċeduri fir-rigward tad-dritt li wieħed jibqa' fi Stat Membru matul l-eżami ta' applikazzjoni għall-istatus ta' refuġjat u l-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar ir-ritorn fir-rigward tal-obbligi tal-Istati Membri li jirritornaw ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed joqogħdu illegalment fit-territorju tagħhom.

103 Fil-prattika r-Regolament Eurodac ma jiġix applikat b'mod konsistenti; u l-Kummissjoni bagħtet numru ta' ittri amministrattivi lill-Istati Membri (l-ittra mibgħuta qabel l-ittra ta' intimazzjoni li hija l-prekursur ta' proċeduri ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE). Ara COM (2015) 510 final tal-14 ta' Ottubru 2015; Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill intitolata "Ġestjoni tal-kriżi tar-refuġjati: Sitwazzjoni Attwali tal-Implimentazzjoni tal-Azzjonijiet ta' Prijorità taħt l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni".

104 Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva dwar ir-ritorn. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx id-Direttiva meta d-dħul ikun irrifjutat skont l-Artikolu 13 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jew meta persuna tinqabad jew tiġi interċettata meta tkun qed taqsam fruntiera irregolarment.

104. Is-sistema ta' Dublin, l-acquis ta' Schengen u d-Direttiva dwar ir-ritorn jidhru li jipprovdu pakkett komprensiv ta' miżuri. Madankollu, iż-żewġ każijiet inkwistjoni jesponu l-lakuni u d-diffikultajiet prattiċi fl-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli meta għadd straordinarjament kbir ta' nies jivvjaġġaw bl-art, iktar milli bl-ajru, lejn l-Unjoni fi żmien relattivament qasir ta' żmien sabiex ifittxu l-kenn. Diġà ddeskrivejt iċ-ċirkustanzi li kienu jeżistu bejn Settembru 2015 u Marzu 2016 [105].

*It-temi ġenerali fid-domandi tal-qrati tar-rinviju*

105. Id-domandi magħmula miż-żewġ qrati tar-rinviju jirrigwardaw numru ta' temi komuni.

106. L-ewwel nett, x'metodoloġija ġenerali għandha tiġi applikata għall-interpretazzjoni tal-kriterji fl-Artikoli 12, 13 u 14 tar-Regolament Dublin III? B'mod partikolari, dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jinqraw flimkien mal-acquis ta' Schengen [106]? It-tieni nett, il-kooperazzjoni u l-faċilitajiet mogħtija mill-Istati ta' tranżitu tal-Unjoni (b'mod partikolari, il-Kroazja u s-Slovenja) jammontaw fil-fatt għal viżi fit-tifsira tal-Artikoli 2(m) u 12 ta' dak ir-regolament? (Din il-kwistjoni ma tqajmitx espressament fil-kawża A.S., imma r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja tista' madankollu tkun ta' għajnuna għall-qorti tar-rinviju sabiex tiddeċiedi l-kawża prinċipali) [107]. It-tielet nett, kif għandu jiġi interpretat l-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III? B'mod partikolari, x'inhi t-tifsira tal-frażi "qasam b'mod irregolari l-konfini" u x'inhi r-relazzjoni (jekk hemm) bejn dik id-dispożizzjoni u l-Artikolu 5(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva dwar ir-ritorn? [108] Ir-raba' nett, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li tħallew jidħlu fiż-żona Schengen matul il-kriżi umanitarja fil-Balkani tal-Punent jaqgħu taħt l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 5(4)(ċ) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen għall-kundizzjonijiet ta' dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi [109]? Il-ħames nett, x'jikkostitwixxi "dħul b'rinunzja għall-viża" fis-sens tal-Artikolu 14 tar-Regolament Dublin III?

107. Fil-kawża A.S., il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba wkoll li teżamina ċerti aspetti proċedurali tar-Regolament Dublin III [110]. Finalment, huwa meħtieġ li jiġu evalwati l-konsegwenzi prattiċi tal-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni għaż-żewġ kawżi [111].

108. Dawn id-domandi qed isiru f'kuntest li fih Stat Membru wieħed kien deskritt bħala li ssospenda l-applikazzjoni tar-Regolament Dublin III għal perijodu ta' żmien, filwaqt li oħrajn kienu deskritti bħala li "ssospendew Schengen" billi dawn bnew ilqugħ madwar il-fruntieri interni tagħhom ma' Stati Membri oħra tal-Unjoni li huma wkoll fiż-żona Schengen [112].

109. Il-funzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja hija esklussivament ġudizzjarja: li tiżgura, skont l-Artikolu 19(1) TUE, li "d-dritt ikun rispettat fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tat-Trattati". Huwa evidenti li l-Qorti tal-Ġustizzja *ma għandhiex* tidħol fl-arena politika sabiex tiġi indirizzata l-kwistjoni (ikkumplikata) ta' kif, minħabba l-ġeografija tal-Ewropa, applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jiġu allokati fost l-Istati Membri tal-Unjoni. Iċ-ċirkustanzi mingħajr preċedent li kienu jeżistu fil-Balkani tal-Punent bejn Settembru 2015 u Marzu 2016 poġġew madankollu fid-dieher id-diskrepanza bejn il-ġeografija u l-kriterji elaborati fil-Kapitolu III tar-Regolament Dublin III. Bla tlaqliq jingħad li l-Qorti tal-Ġustizzja issa qed tintalab tipprovdi soluzzjoni legali u tpoġġiha retrospettivament f'sitwazzjoni fattwali li r-regoli legali applikabbli ftit li xejn huma xierqa sabiex jittrattawha. Tkun liema tkun is-soluzzjoni magħżula, din x'aktarx li tkun kontroversjali ma' xi wħud.

105 Ara l-punti 7 sa 18 iktar 'il fuq.

106 Domanda 2 fil-Kawża C-490/16 u Domanda 1 fil-Kawża C-646/16.

107 Domandi 2(a) sa (d) u 3(e), (f) u (g) fil-Kawża C-646/16.

108 Domand 2 fil-Kawża C-490/16 u Domandi 2(e), 3(a) u 3(b) fil-Kawża C-646/16.

109 Domanda 3 fil-Kawża C-490/16 u Domandi 3(a) sa (h) fil-Kawża C-646/16.

110 Domandi 1 u 5.

111 Domanda 4 fil-Kawża C-490/16.

112 Ara l-punti 12 sa 17 u 45 iktar 'il fuq.

### *L-ewwel kwistjoni: il-metodoloġija applikabbli meta jiġu interpretati l-kriterji fl-Artikoli 12, 13 u 14 tar-Regolament Dublin III*

110. Il-qrati tar-rinviju fil-kawżi A.S. u Jafari jixtiequ jaċċertaw jekk huwiex meħtieġ li jiġu kkunsidrati atti oħra tal-Unjoni marbuta mar-Regolament Dublin III jew jekk dak ir-regolament [b'mod partikolari l-Artikoli 2(m), 12, 13 u 14 tiegħu] għandux jiġi interpretat indipendentement minn dawn l-atti. Huwa aċċettat li ġie rranġat tranżitu bil-kooperazzjoni tal-Istati kkonċernati. Għalhekk, tqum neċessarjament il-kwistjoni dwar jekk ir-regoli relatati ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Unjoni jaffettwawx l-interpretazzjoni tar-Regolament Dublin III.

111. Ir-rikorrenti fil-kawża Jafari flimkien mal-Awstrija, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, l-Isvizzera u l-Kummissjoni jsostnu li l-kriterji tal-Kapitolu III għandhom jiġu interpretati flimkien ma' atti oħra, jiġifieri l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u d-Direttiva dwar ir-ritorn.

112. A.S. isostni li l-interpretazzjoni tal-kriterji tal-Kapitolu III ma għandhomx ikunu bbażati fuq ir-regoli nazzjonali jew internazzjonali biss. Tali interpretazzjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni fattwali u l-obbligi tal-Istati ta' tranżitu tal-Unjoni, li aġixxew skont l-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni ta' Genève u l-Artikolu 3 tal-KEDB (il-projbizzjoni kontra t-tortura), kif ukoll l-Artikoli 4(2) u 5(4) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

113. L-Italja tikkunsidra li l-kwistjoni ewlenija ma hijiex jekk l-approċċ ġenerali għall-interpretazzjoni jqisx atti oħra tal-Unjoni jew le. L-ewwel nett l-Italja tgħid li, bejn Settembru 2015 u Marzu 2016 l-Istati ta' tranżitu tal-Unjoni ma ħarġux viżi lil dawk li jgħaddu mit-territorju tagħhom. It-tieni nett, hija tenfasizza li l-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-Konvenzjoni ta' Genève.

114. Fil-fehma tar-Renju Unit il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u d-Direttiva dwar ir-ritorn ma għandhom l-ebda effett legali fuq l-espressjoni "qasam b'mod irregolari" fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III. Għaldaqstant, dan tal-aħħar għandu jiġi interpretat indipendentement minn dawk l-atti.

115. Jiena ma narax l-approċċ għall-interpretazzjoni tal-kriterji tal-Kapitolu III bħala xelta binarja bejn żewġ għażliet: l-interpretazzjoni tar-Regolament Dublin III b'mod iżolat totali, jew l-interpretazzjoni tiegħu b'mod li jirriżulta li t-termini ta' dak ir-regolament jiġu ddefiniti b'riferiment għad-dispożizzjonijiet ta' promulgazzjoni ta' atti oħra tal-Unjoni.

116. Hija ġurisprudenza stabbilita li meta tiġi interpretata dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, huwa meħtieġ li jiġi kkunsidrat mhux biss il-kliem tagħha, imma anki l-kuntest li qiegħda fih u l-għanijiet tar-regoli li minnhom tifforma parti [113]. L-ewwel wieħed mill-"Prinċipji ġenerali" fil-"Gwida konġunta prattika għal persuni involuti fl-abbozzar ta' leġiżlazzjoni" [114] jgħid li l-leġiżlazzjoni għandha tkun ċara, sempliċi u preċiża, b'tali mod li ma tħalli l-ebda inċertezza fil-moħħ tal-qarrej. Meta att jikkondividi definizzjonijiet komuni ma' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, ikun raġonevoli li wieħed jistenna li jsib riferiment reċiproku espress, billi l-kunċett ta' definizzjoni li għandha tiġi inkorporata impliċitament huwa inkonsistenti mal-prinċipju ta' ċertezza legali [115]. La l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u lanqas id-Direttiva dwar ir-ritorn ma jinkludu definizzjonijiet li jagħmlu riferiment reċiproku għall-kriterji tal-Kapitolu III fir-Regolament Dublin III.

113 Sentenza tas-6 ta' Ġunju 2013, *MA* et, C-648/11, EU:C:2013:367, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata.

114 Ftehim interistituzzjonali tat-22 ta' Diċembru 1998 fuq linji gwida komuni għall-kwalità tal-abbozzar ta' leġiżlazzjoni tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 39).

115 Ara b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2007, *Skoma-Lux*, C-161/06, EU:C:2007:773, punt 38.

117. Il-kliem tal-Artikolu 12 tar-Regolament Dublin III huwa differenti mill-Artikoli 13 u 14 sa fejn dan fil-fatt jagħmel espressament riferiment reċiproku għall-Kodiċi dwar il-Viżi li huwa parti mill-acquis ta' Schengen. Dak ir-riferiment huwa ċar, sempliċi u preċiż biżżejjed sabiex jindika li l-Kodiċi dwar il-Viżi huwa rilevanti għall-interpretazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni [116]. B'dan premess, ma jsegwix li l-kelma "viża" fl-Artikolu 12 hija limitata għad-definizzjoni li taqa' fl-ambitu tal-Kodiċi dwar il-Viżi [117].

118. L-ewwel nett, ir-Regolament Dublin III japplika għal Stati Membri li ma humiex parti mill-acquis ta' Schengen, notevolment l-Irlanda u r-Renju Unit. Fir-rigward ta' dawk l-Istati, "viża" għandha tirreferi għal dokument irrikonoxxut bħala tali taħt ir-regoli nazzjonali. It-tieni nett, "viża" tkopri kategoriji ta' dokumenti li ma humiex il-viża għal soġġorn qasir li taqa' fl-ambitu tal-Kodiċi dwar il-Viżi. Huwa ċar mill-kliem tal-Artikolu 2(m) tar-Regolament Dublin III li dan l-att japplika għal tliet tipi differenti ta' viża [118].

119. Dak ir-raġunament japplika ugwalment għall-Artikolu 14 fejn il-kelma "viża" tintuża wkoll. Dak it-terminu għandu jiġi interpretat ukoll bl-istess mod bħall-Artikolu 12 għal finijiet ta' koerenza u ta' konsistenza.

120. Minn dan isegwi li l-acquis ta' Schengen huwa element rilevanti li għandu jiġi kkunsidrat għall-interpretazzjoni tal-kelma "viża", imma ma jiddeterminax it-tifsira għall-finijiet tal-Artikoli 2(m) u 12 tar-Regolament Dublin III.

121. L-Artikolu 13 tar-Regolament Dublin III ma jagħmel ebda riferiment espress għal xi miżura fl-acquis ta' Schengen jew għad-Direttiva dwar ir-ritorn.

122. Madankollu, il-kuntest statutorju jindika li r-Regolament Dublin III huwa parti integrali mis-SEKA li hija bbażata fuq l-applikazzjoni sħiħa u inklużiva tal-Konvenzjoni ta' Genève [119]. Dik il-konvenzjoni tipprovdi l-qafas internazzjonali għall-ħarsien tar-refuġjati u dawk li jfittxu status ta' refuġjat. Skont l-Artikolu 31(2) tal-imsemmija konvenzjoni, l-Istati ma għandhomx, bħala prinċipju, jirrestrinġu l-movimenti tar-refuġjati ġewwa t-territorju tagħhom; u kwalunkwe restrizzjoni li titqies li hija meħtieġa għandha tiġi applikata biss sakemm l-istatus tar-refuġjati jiġi rregolarizzat jew jiġu ammessi f'pajjiż ieħor. L-Istati għandhom jippermettu lir-refuġjati żmien raġonevoli u l-faċilitajiet meħtieġa sabiex jiġu ammessi f'pajjiż ieħor. Hemm bżonn li dik id-dispożizzjoni tiġi kkunsidrata fl-interpretazzjoni tar-Regolament Dublin III [120]. Għaldaqstant, ir-regolament għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-kuntest u tal-iskop tiegħu u b'mod li huwa konsistenti mal-Konvenzjoni ta' Genève. Dan jirriżulta mill-Artikolu 78(1) TFUE. Mill-premessa 39 jirriżulta wkoll li r-Regolament Dublin III għandu jiġi interpretat b'mod konsistenti mad-drittijiet irrikonoxxuti mill-Karta [121].

123. Peress li r-Regolament Dublin III huwa parti integrali tas-SEKA, l-acquis tal-ażil tal-Unjoni huwa fattur rilevanti wkoll [122]. Hemm referenzi espressi għad-Direttiva dwar il-kwalifika, għad-Direttiva dwar l-akkoljenza u għad-Direttiva dwar il-proċeduri [123]. Is-SEKA kienet ikkonċepita f'kuntest fejn kien raġonevoli li wieħed jassumi li l-Istati parteċipanti kollha, kemm jekk Stati Membri kif ukoll Stati

116 Ara l-punti 142 sa 153 iktar 'il quddiem.

117 Ara l-punti 62 u 63 iktar 'il fuq. "Viża" fl-Artikolu 2(m) Dublin III huwa kunċett usa' milli fil-Kodiċi.

118 Ara l-punti 26 iktar 'il fuq.

119 Premessa 3 tar-Regolament Dublin III.

120 Premessa 3 tar-Regolament Dublin III.

121 Ara b'analoġija, is-sentenza tal-1 ta' Marzu 2016, *Kreis Warendorf u Osso*, C-443/14 u C-444/14, EU:C:2016:127, punti 29 u 30.

122 Għalhekk, fil-memorandum ta' spjegazzjoni għall-proposta tagħha COM (2001) 447 final tas-26 ta' Lulju 2001 għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli sabiex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' terz pajjiż, il-Kummissjoni ddeskriviet il-miżura proposta bħala li żżid "ostakolu għall-bini ta' SEKA […]." Ara wkoll, b'analoġija, is-sentenza tas-17 ta' Marzu 2016, *Mirza*, C-695/15 PPU, EU:C:2016:188, punt 41; ara wkoll il-premessi 10 sa 12 tar-Regolament Dublin III.

123 Ara, pereżempju, l-Artikolu 2(b) u 2(d) tar-Regolament Dublin III fir-rigward tad-Direttiva dwar il-kwalifiki u d-Direttiva dwar il-proċeduri, u l-Artikolu 28 dwar id-Direttiva dwar l-akkoljenza.

terzi, jirrispettaw id-drittijiet fundamentali, inklużi d-drittijiet ibbażati fuq il-Konvenzjoni ta' Genève u l-Protokoll tal-1967 u fuq il-KEDB[124], u li l-Istati Membri jistgħu għalhekk ikollhom fiduċja f'xulxin f'dak ir-rigward[125]. "Huwa preċiżament minħabba dan il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka li l-leġiżlatur tal-Unjoni adotta r-Regolament Nru 343/2003 bil-għan li jiġi rrazzjonalizzat l-ipproċessar tat-talbiet għal ażil u li jiġi evitat xogħol żejjed għas-sistema minħabba l-obbligu tal-awtoritajiet statali li jipproċessaw talbiet multipli ppreżentati mill-istess persuna li tkun qegħda tfittex l-ażil, u bil-għan li tiżdied iċ-ċertezza legali fir-rigward tad-determinazzjoni tal-Istat responsabbli għall-ipproċessar tat-talba għal ażil u b'hekk li jiġi evitat 'forum shopping', u dan kollu fid-dawl tal-għan prinċipali li jitħaffef l-ipproċessar tat-talbiet fl-interess kemm tal-persuni li jkunu qegħdin ifittxu l-ażil u kif ukoll fl-interess tal-Istati parteċipanti"[126]. Dawn il-kwistjonijiet jmorru fil-qalba tal-kunċett ta' "spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja"[127] u, b'mod partikolari, is-SEKA, ibbażata fuq il-fiduċja reċiproka u preżunzjoni ta' konformità, minn Stati Membri oħra, mad-dritt tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, id-drittijiet fundamentali[128].

124. L-għanijiet prinċipali tar-Regolament Dublin III jikkonfermaw l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jiġu stabbiliti regoli organizzattivi dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri, fir-rigward tad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli sabiex jeżamina applikazzjoni għall-ażil, eżatt kif kien il-każ għall-Konvenzjoni ta' Dublin ta' qabel[129]. Il-premessi 4, 5 u 7 tar-Regolament Dublin III jirreferu wkoll għall-istabbiliment ta' metodu ċar u li jiffunzjona sabiex jiġi ddeterminat malajr l-Istat Membru responsabbli għall-ipproċessar ta' applikazzjoni għall-ażil sabiex ikun iggarantit aċċess effettiv għall-proċeduri li jiddeterminaw l-istatus ta' refuġjat u sabiex ma jkunx kompromess l-għan tal-ipproċessar b'ħeffa ta' applikazzjonijiet għall-ażil[130].

125. Sa liema punt miżuri li ma humiex tas-SEKA, bħall-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u d-Direttiva dwar ir-ritorn, huma rilevanti għall-interpretazzjoni tal-kriterji tal-Kapitolu III fl-Artikoli 12, 13(1) u 14?

126. Diġà spjegajt li nikkunsidra li l-Artikoli 12 u 14 għandhom jiġu interpretati b'mod awtonomu, għalkemm il-Kodiċi dwar il-Viżi huwa rilevanti għat-tifsira tal-kelma "viża" f'ċerti aspetti[131].

127. Rigward l-interpretazzjoni ta' "qsim irregolari" fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III, ma hemmx terminu korrispondenti fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Għaldaqstant ma hemmx kwistjoni ta' tentattivi għat-traspożizzjoni ta' dak it-terminu mill-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen għar-Regolament Dublin III.

128. Barra minn hekk, il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tar-regoli fil-Kapitolu I tat-Titolu II tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntiera esterna tal-Unjoni ma huwiex l-istess bħal dak tal-Regolament Dublin III. Dan tal-aħħar japplika biss għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali[132]: kategorija ta' persuni li tgawdi minn status speċjali taħt id-dritt internazzjonali bis-saħħa tal-Konvenzjoni ta' Genève.

124 Premessa 32.

125 Sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2011, *N.S.* et, C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:865, punt 78 u 79, u tal-10 ta' Diċembru 2013, *Abdullahi*, C-394/12, EU:C:2013:813, punt 52.

126 Sentenza tal-10 ta' Diċembru 2013, *Abdullahi*, C-394/12, EU:C:2013:813, punt 53.

127 Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, *N.S.* et, C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:865, punt 83.

128 Sentenza tas-6 ta' Ġunju 2013, *MA* et, C-648/11, EU:C:2013:367, punti 56 sa 58. Ara wkoll il-premessi 2, 19 u 39 tar-Regolament Dublin III.

129 Sentenza tal-10 ta' Diċembru 2013, *Abdullahi*, C-394/12, EU:C:2013:813, punt 56.

130 Sentenza tal-10 ta' Diċembru 2013, *Abdullahi*, C-394/12, EU:C:2013:813, punt 59.

131 Ara l-punti 117 sa 120 iktar 'il fuq.

132 Artikolu 2(c) tar-Regolament Dublin III.

129. L-istorja leġiżlattiva turi li l-arranġamenti sabiex tiġi ddeterminata r-responsabbiltà għall-kunsiderazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-ażil li l-Konvenzjoni ta' Dublin issostitwixxiet kienu inizjalment parti mill-Konvenzjoni intergovernattiva ta' Schengen[133], filwaqt li l-oriġini tar-Regolament Dublin III u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen it-tnejn jistgħu jiġu ttraċċati lura għall-KFS. Il-kamp ta' applikazzjoni taż-żewġ atti huwa differenti u l-għanijiet rispettivi tagħhom ma humiex l-istess. Għalhekk, ma għandu jkun hemm l-ebda preżunzjoni li minħabba li hemm rabta storika, iż-żewġ atti għandhom jiġu interpretati bl-istess mod.

130. Ir-Renju Unit jenfasizza li l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u d-Direttiva dwar ir-ritorn ma japplikawx għal ċerti Stati Membri (notevolment għalih stess). Huwa jikkunsidra li għalhekk ikun żbaljat li r-Regolament Dublin III jiġi interpretat b'riferiment għal leġiżlazzjoni li ma testendix mal-Unjoni Ewropea kollha.

131. Huwa veru li l-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni li ma tapplikax għall-Istati Membri kollha ma għandux jiġi estiż fil-konfront tagħhom jekk mhux mill-bieb mit-tieqa. Madankollu, il-ġeometrija varjabbli misjuba fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja bħala riżultat, *inter alia*, tal-pożizzjoni speċjali tar-Renju Unit ma ħolqotx mudell konsistenti. Ir-Renju Unit ipparteċipa f'ċerti elementi tal-acquis ta' Schengen filwaqt li evita oħrajn[134]. Il-fatt li r-Renju Unit ma huwiex marbut bil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jew bid-Direttiva dwar ir-ritorn ma jistax ibiddel in-natura vinkolanti tal-Regolament Dublin III[135]. Lanqas l-assenza tar-Renju Unit minn ċerti strumenti tal-Unjoni ma tista' toħloq restrizzjoni qawwija *de facto* fuq l-interpretazzjoni li għandha loġikament tingħata lill-miżuri li jiffurmaw parti minn pakkett. L-għażliet tar-Renju Unit ma jistgħux jiddettaw lill-Unjoni.

132. B'dan premess, ma hemm l-ebda referenza għad-Direttiva dwar ir-ritorn fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III. Il-leġiżlatur fil-fatt għamel tali referenza fl-Artikolu 24 tal-imsemmi regolament, li jikkonċerna t-tressiq ta' talba ta' teħid lura meta l-ebda applikazzjoni ġdida ma tkun ġiet ippreżentata għand l-Istat Membru rikjedenti. Għalhekk, li kieku l-leġiżlatur xtaq jirreferi espressament għad-Direttiva dwar ir-ritorn fl-Artikolu 13(1), wieħed jista' jimmaġina li huwa seta' u kien jagħmel dik l-għażla.

133. Il-kunċett ta' "soġġorn illegali" fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva dwar ir-ritorn ikopri kategorija usa' ta' nies minn dak li jidħol fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tar-Regolament Dublin III. Din id-direttiva tkopri ċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi (kif iddefiniti). Il-kamp ta' applikazzjoni tagħha ma huwiex limitat għall-kategorija partikolari ta' ċittadini barranin li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali sakemm it-talbiet tagħhom jibqgħu pendenti[136].

134. It-terminu "soġġorn illegali" fid-Direttiva dwar ir-ritorn jittratta sitwazzjoni differenti minn dik ta' "qsim tal-fruntiera irregolari" kif previst fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fis-sentenza Affum[137] li ċittadin ta' pajjiż terz fuq xarabank fi tranżitu fi Stat Membru jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva dwar ir-ritorn, għaliex jekk il-persuna kkonċernata tkun preżenti fit-territorju ta' Stat Membru bi ksur tal-kundizzjonijiet għad-dħul, soġġorn jew residenza, huwa jkun "preżenti hemmhekk illegalment". Dan huwa minnu, imma dan ma huwiex il-kwistjoni li hemm fil-kawżi A.S. jew Jafari. Hawnhekk, il-qrati tar-rinviju jridu jistabbilixxu jekk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati *qasmux* b'mod irregolari l-fruntiera esterna tal-Unjoni.

133 Ara l-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni COM (2008) 820 final. Id-dispożizzjonijiet dwar ir-"Responsabbiltà għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil" kienu fl-Artikoli 28 sa 38 tal-Kapitolu 7 tas-KFS.

134 Ara, pereżempju, id-Direttiva tal-Kunsill 2002/90/KE, tat-28 ta' Novembru 2002, li tiddefinixxi l-iffaċilitar ta' dħul, transitu u residenza mhux awtorizzati (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 64).

135 Ara l-Artikoli 3 u 4a(1) tal-Protokoll (Nru 21) anness mat-TUE u mat-TFUE, u l-premessa 41 tar-Regolament Dublin III.

136 F'każijiet bħal dawn iċ-ċittadin tal-pajjiżi terzi kkonċernat jidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-proċeduri u jibbenefika mill-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 9 tiegħu.

137 Sentenza tas-7 ta' Ġunju 2016, C-47/15, EU:C:2016:408, punt 48.

135. Naturalment, xi kultant jista' jkun hemm sovrappożizzjoni bejn iċ-ċirkustanzi li jagħtu lok għal qsim irregolari tal-fruntiera u għal "soġġorn illegali" għall-iskopijiet tad-Direttiva dwar ir-ritorn, imma ma humiex l-istess ħaġa[138]. Ma jkunx ta' għajnuna għaċ-ċarezza fil-komprensjoni li ż-żewġ kunċetti f'żewġ atti legali differenti jingħaqdu.

136. Barra minn hekk, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, ir-regolamenti huma ta' applikazzjoni ġenerali, jorbtu fl-intier tagħhom u huma direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha. Minħabba n-natura stess tagħhom u minħabba posthom fis-sistema tas-sorsi tad-dritt tal-Unjoni, ir-regolamenti b'hekk joperaw sabiex jagħtu drittijiet lill-individwi li l-qrati nazzjonali għandhom id-dmir li jipproteġu[139]. Minħabba l-ġerarkija tar-regoli, tkun ħaġa stramba li wieħed jinterpreta regolament b'riferiment għal direttiva li lanqas ma tipprovdi definizzjoni preċiża tat-termini użati f'kull miżura minnhom.

137. Għalhekk, jiena ma naċċettax is-sottomissjoni li r-Regolament Dublin III għandu jiġu interpretat b'riferiment għall-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u għall-Artikolu 3(2) tad-Direttiva dwar ir-ritorn.

138. Fl-aħħar nett, filwaqt li r-Regolament Dublin III, il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u d-Direttiva dwar ir-ritorn kollha jaqgħu taħt it-Titolu V tat-TFUE dwar l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, il-bażi legali ma hijiex l-istess għat-tliet atti kollha. In-nuqqas ta' bażi legali komuni tindika li l-kuntest u l-għanijiet tat-tliet atti ma humiex kompletament l-istess[140].

139. B'dan premess, l-Artikoli 77, 78 u 79 TFUE jikkonċernaw politiki li huma parti mill-istess Kapitolu u l-Artikolu 80 TFUE jagħmilha ċara li dawn il-politiki huma rregolati "mill-prinċipju tas-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabbiltà, inkluż l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħha bejn l-Istati Membri". Il-premessa 25 tar-Regolament Dublin III wkoll tiddikjara li l-politiki tal-Unjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u s-soġġorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inklużi sforzi komuni fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni, jagħmluha neċessarja li jintlaħaq bilanċ bejn kriterji ta' responsabbiltà fi spirtu ta' solidarjetà.

140. Minħabba d-direzzjoni ċara fit-TFUE sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni bejn il-politiki differenti tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, ikun b'mod ċar żbaljat li r-Regolament Dublin III jiġi interpretat bħallikieku l-acquis ta' Schengen huwa totalment irrilevanti.

141. Jien għalhekk nikkonkludi li r-Regolament Dublin III għandu jiġi interpretat b'riferiment għall-kliem, il-kuntest u l-għanijiet tal-imsemmi regolament biss, iktar milli flimkien ma' atti oħra tal-Unjoni – inkluż b'mod partikolari l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u d-Direttiva dwar ir-ritorn, minkejja li meta jiġi interpretat ir-Regolament Dublin III id-dispożizzjonijiet ta' dawk l-atti għandhom jitqiesu sa fejn ikun meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn id-diversi politiki fil-Kapitolu 2 tal-Titolu V tat-Trattat FUE.

138 Ara iktar 'il quddiem il-punti 155 *et seq.*

139 Sentenza tal-10 ta' Diċembru 2013, *Abdullahi*, C-394/12, EU:C:2013:813, punt 48.

140 Il-miżuri SEKA għandhom l-istess bażi legali, jiġifieri l-Artikolu 78(2) TFUE [b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-kwalifika, l-Artikolu 78(2)(a) u (b) TFUE; id-Direttiva dwar il-proċeduri, l-Artikolu 78(2)(d) TFUE; u d-Direttiva dwar l-akkoljenza, l-Artikolu 78(2)(f) TFUE]. Il-bażi legali tar-Regolament Dublin III hija naturalment l-Artikolu 78(2)(e) TFUE. L-Artikolu 63(2)(a) u (b) KE huwa ċċitat bħala l-bażi legali tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE, tal-20 ta' Lulju 2001, dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19 Vol. 4, p. 162). Dak l-att għadu ma ġiex aġġornat: il-bażi legali xierqa issa hija l-Artikolu 78(2)(g) mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Il-bażi legali tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen hija l-Artikolu 77 TFUE u dik tad-Direttiva dwar ir-ritorn hija l-Artikolu 79 TFUE.

***It-tieni kwistjoni: l-Artikolu 12 tar-Regolament Dublin III***

142. Bejn Settembru 2015 u Marzu 2016 l-awtoritajiet Kroati u Sloveni, affaċċjati b'influss ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li riedu jgħaddu fi tranżitu mit-territorji tagħhom, ippermettew id-dħul ta' dawk li xtaqu jippreżentaw applikazzjonijiet għall-ażil fi Stat Membru ieħor[141]. Fil-kawża Jafari l-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk il-permess sabiex jgħaddu mit-territorji tagħhom li tawhom dawk l-Istati Membri għandux jitqies bħala "viża" fis-sens tal-Artikoli 2(m) u 12 tar-Regolament Dublin III. Hija tistaqsi wkoll x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi ta' viża bħal dik [Domandi 2(b) sa (d)].

143. Ma hemmx domanda espliċita dwar it-tifsira tal-Artikoli 2(m) u 12 tar-Regolament Dublin III fil-kawża A.S. Madankollu, A.S. ivvjaġġa wkoll matul ir-Rotta tal-Balkani tal-Punent u tħalla jidħol fit-territorju ta' diversi Stati Membri sabiex jasal fid-destinazzjoni tal-għażla tiegħu. Il-kwistjoni ta' jekk l-approċċ tolleranti ("wave through") jammontax għal viża għall-finijiet tal-kriterji tal-Kapitolu III hija għalhekk rilevanti wkoll għas-sitwazzjoni tiegħu u hija impliċita fid-Domanda 3 fil-każ tiegħu. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod konsistenti li l-fatt li domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju tirreferi biss għal ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni ma jfissirx li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tipprovdi lill-qorti nazzjonali bil-gwida kollha fuq elementi ta' interpretazzjoni li jistgħu jkunu ta' assistenza sabiex tingħata deċiżjoni fil-kawża pendenti quddiemha, irrispettivament minn jekk dik il-qorti għamlitx jew le riferiment għalihom fit-test tad-domandi tagħha[142].

144. Ir-rikorrenti fil-kawża Jafari, l-Istati Membri kollha li ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub u l-Kummissjoni jaqblu li r-risposta għad-domanda tal-qorti tar-rinviju għandha tkun "le". L-Artikoli 2(m) u 12 tar-Regolament Dublin III moqrija flimkien ma jfissrux li l-Istati Membri li jippermettu ċittadini minn pajjiżi terzi jidħlu fit-territorju tagħhom u jgħaddu fi triqithom lejn Stat Membru fejn jixtiequ jissottomettu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandhom ikunu kkunsidrati li nħarġulhom viżi. L-Isvizzera ma għamlet l-ebda osservazzjoni bil-miktub fuq dak il-punt.

145. Jiena naqbel ma' dik il-fehma ġenerali.

146. L-aħwa Jafari l-ewwel nett jirrilevaw li huma ma kellhomx permessi ta' residenza validi meta daħlu fit-territorju tal-Unjoni. Għalhekk, l-Artikolu 12(1) tar-Regolament Dublin III ma huwiex rilevanti għalihom.

147. Bħala ċittadini Afgani l-familji Jafari kienu meħtieġa li jkollhom viżi meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni[143]. Huma ma ssodisfawx dik il-kundizzjoni[144]. Il-kwistjoni hija jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-mogħdija tagħhom minn Stati Membri differenti qabel il-wasla tagħhom fis-Slovenja jew fl-Awstrija skont il-każ, huma għandhomx jitqiesu li nħarġulhom viżi fid-dawl tat-termini tal-leġiżlazzjoni applikabbli.

148. Jekk dan huwa hekk, l-Artikolu 12 tar-Regolament Dublin III ikun il-kriterju rilevanti għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli.

149. Ir-regoli dwar il-ħruġ tal-viżi huma kkumplikati u jinvolvu l-konformità ma' numru ta' formalitajiet. Hemm raġunijiet tajbin għal dan. L-iktar fundamentali huwa li jeħtieġu l-kunsinna ta' biċċa karta. Madankollu l-ebda digriet tar-rinviju ma jissuġġerixxi li Stat Membru *ħareġ* viża skont it-tifsira ordinarja ta' dak il-kliem: jiġifieri, li Stat Membru ħa azzjoni billi formalment bagħat jew

141 Il-Ġermanja kienet ġeneralment id-destinazzjoni ppreferuta ta' dawk intervistati fi stħarriġ li sar minn REACH fir-rapport tiegħu "*Migration to Europe through the Western Balkans – Serbia & the Former Yugoslav Republic of Macedonia, December 2015 to May 2016*" (Il-migrazzjoni lejn l-Ewropa permezz tal-Balkani tal-Punent – Is-Serbja u l-FYROM, Diċembru 2015 sa Mejju 2016).

142 Sentenza tas-7 ta' Marzu 2017, *X u X*, C-638/16 PPU, EU:C:2017:173, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata.

143 Anness 1 tar-Regolament Nru 539/2001.

144 L-istess japplika għal A.S., billi s-Sirja hija elenkata fl-Anness 1 tar-Regolament Nru 539/2001 bħala pajjiż terz li ċ-ċittadini tiegħu għandu jkollhom viża meta jaqsmu l-fruntiera esterna tal-UE minn Stat terz.

ikkunsinna viża lil applikant [145]. Huwa aċċettat li ebda waħda mill-kundizzjonijiet tas-soltu ma kienet issodisfatta hawn. Ma kien hemm ebda timbru li jindika li l-applikazzjoni għall-viża kienet ammissibbli, l-ebda perijodu ta' validità u l-ebda sticker tal-viża [146]. Għalhekk, l-ebda rekwiżit stabbilit fir-Regolament Nru 1683/95 ma seta' konċepibbilment jiġi ssodisfatt.

150. Il-formalitajiet huma partikolarment importanti għat-tħaddim xieraq tal-VIS, li tippermetti lill-gwardji tal-fruntieri li jivverifikaw li persuna li tippreżenta viża tkun id-detentur leġittimu tagħha u li jidentifikaw persuni misjuba fiż-żona Schengen b'dokumenti frawdolenti [147].

151. Għaldaqstant, jiena tal-fehma li ċ-ċirkustanzi deskritti mill-qrati tar-rinviju fid-digrieti tar-rinviju rispettivi fil-kawżi A.S. u Jafari ma jistgħux jiġu interpretati bħala li taw lok għall-ħruġ ta' "viża" fis-sens tal-Artikoli 2(m) u 12 tar-Regolament Dublin III.

152. Jekk il-kliem "ħareġ il-viża" fl-Artikolu 12 jiġi interpretat b'mod differenti, dan ikun kuntrarju għat-tifsira naturali tiegħu. Hemm saħħa fl-argument tar-rikorrenti li jekk approċċ tolleranti ("wave through") informali kellu jkun ekwivalenti għal viża jkun impossibbli li jiġu applikati l-Artikolu 12(4) u (5) tar-Regolament Dublin III. Dan ikun inkonsistenti ma' dak ir-regolament. Interpretazzjoni bħal dik toħloq kaos sħiħ fir-regoli elaborati u kumplessi relatati mal-viżi fil-Kodiċi dwar il-Viżi u fl-atti relatati u tiġi mminata l-operazzjoni tal-VIS [148].

153. Għalhekk, fiċ-ċirkustanzi kompletament eċċezzjonali li fihom influss massiv ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi daħlu fl-Unjoni bejn l-aħħar tal-2015 u kmieni fl-2016 u kienu tħallew jaqsmu l-fruntiera esterna tal-Unjoni minn pajjiżi terzi, il-fatt li ċerti Stati Membri ppermettew liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati li jaqsmu l-fruntiera esterna tal-Unjoni u sussegwentement jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra tal-Unjoni sabiex jippreżentaw applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru partikolari ma huwiex ekwivalenti għal ħruġ ta' "viża" għall-għanijiet tal-Artikoli 2(m) u 12 tar-Regolament Nru 604/2013.

154. Fid-dawl tal-konklużjoni li għadni kif għamilt ma hemmx bżonn li nirrispondi d-Domandi 2(b), (c) u (d) fil-kawża Jafari.

### *It-tielet kwistjoni: interpretazzjoni ta' "qasam b'mod irregolari l-konfini għal ġo Stat Membru" fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III*

155. Iż-żewġ qrati tar-rinviju jixtiequ gwida dwar it-tifsira tal-kliem "l-applikant ikun qasam b'mod irregolari l-konfini għal ġo Stat Membru" fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III. Essenzjalment, dawn jixtiequ jkunu jafu jekk is-sitwazzjoni għal kollox eċċezzjonali fiż-żmien materjali li fih l-Istati Membri ppermettew espressament influss ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorji tagħhom sabiex jippermettulhom jgħaddu fi tranżitu sabiex jitolbu protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru tal-Unjoni tal-għażla tagħhom tikkostitwixxix "qsim irregolari" u għalhekk taqax taħt dik id-dispożizzjoni.

156. Franza, il-Greċja, l-Ungerija, is-Slovenja, ir-Renju Unit, l-Isvizzera u l-Kummissjoni jsostnu li l-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III japplika f'ċirkustanzi bħal dawn. L-Awstrija hija tal-fehma li minħabba ċ-ċirkustanzi eżistenti fiż-żmien materjali, l-interpretazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni għandha tiġi kkunsidrata flimkien mal-Artikolu 5(4)(ċ) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, li jippermetti lil ċittadini minn pajjiżi terzi li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti fl-Artikolu 5(1)

145 Ara l-punti 62 u 63 iktar 'il fuq.

146 Kif meħtieġ, rispettivament, mill-Artikoli 20 u 24 tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

147 Ara l-Artikolu 21 tal-Kodiċi dwar il-Viżi; ara wkoll il-punt 60 iktar 'il fuq.

148 Ara l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 767/2008, u l-premessa 31 tar-Regolament Dublin III.

għall-ammissjoni fit-territorju tal-Unjoni sabiex xorta waħda jkunu awtorizzati jidħlu għal raġunijiet umanitarji. L-Italja tqis li ma kienx hemm "qsim irregolari" għall-finijiet tar-Regolament Dublin III, peress li l-kriterji tal-Kapitolu III għandhom jiġu interpretati b'riferiment għall-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Genève.

157. Ir-rikorrenti fiż-żewġ kawżi jenfasizzaw li huma qasmu l-fruntiera esterna tal-Unjoni bl-awtorizzazzjoni u l-assistenza espressa tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti. Għalhekk huma ma qasmux "b'mod irregolari l-konfini" fis-sens tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III.

158. L-isfond għal dawn iż-żewġ talbiet għal deċiżjonijiet preliminari jagħti lok għal kwistjoni kumplessa u kontroversjali [149]. Meta ċittadini minn pajjiżi terzi jaqsmu fruntiera esterna tal-Unjoni b'mod li ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, dak jattiva awtomatikament konsegwenzi fis-sistema ta' Dublin b'tali mod li l-ewwel Stat Membru li fit-territorju tiegħu huma jaqsmu jibqa' responsabbli sabiex jeżamina l-applikazzjonijiet rispettivi tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali? Għalkemm huwa ċar mill-kliem li l-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III japplika meta applikant ikun qasam b'mod irregolari l-fruntiera ta' Stat Membru, xejn ma huwa ċar li l-leġiżlatur ried li dik id-dispożizzjoni tapplika fiċ-ċirkustanzi bla preċedent taż-żewġ kawżi ineżami.

159. Il-Gvern Ungeriż, dak Taljan, dak Sloven u dak Svizzeru josservaw li xi verżjonijiet tat-test jirreferu għal "qsim illegali ta' konfini" [150], filwaqt li oħrajn jitkellmu dwar "qsim irregolari ta' konfini" [151].

160. L-aġġettivi "irregolari" u "illegali" ma jitqisux bħala sinonimi fid-dritt internazzjonali tar-refuġjati partikolarment fil-kuntest tal-moviment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bejn il-fruntieri. Il-kelma "irregolari" hija usa' minn "illegali". Hija għandha wkoll il-mertu li hija inqas tendenzjuża peress li ma għandhiex il-konnotazzjoni jew l-isfumatura ta' kriminalità (impliċita) fir-rigward tal-persuna hekk deskritta [152].

161. B'dan premess, jien naqbel mal-osservazzjoni tal-partijiet li d-differenzi lingwistiċi ma jfissrux li hemm ambigwità fis-sens li dawn neċessarjament jagħtu lok għal interpretazzjonijiet diverġenti tal-kliem "l-applikant qasam b'mod irregolari l-konfini għal ġo Stat Membru" [153]. Id-differenzi identifikati huma r-riżultat ta' traduzzjonijiet differenti tat-test oriġinali. Dik il-fehma hija kkonfermata mill-fatt li t-test Ingliż tal-Anness II tar-Regolament ta' Implementazzjoni ta' Dublin ma huwiex konsistenti mat-test bl-Ingliż tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament ta' Dublin III. Il-punt 7 tal-lista A tal-imsemmi anness huwa intitolat: "Dħul illegali minn fruntiera esterna (Artikolu 13(1))". Dan jistabbilixxi l-elementi probatorji li huma rilevanti f'tali evalwazzjoni (ara l-punt 44 iktar 'il fuq). Dan il-punt jagħmel referenza reċiproka espressa għall-Artikolu 13(1) tar-Regolament ta Dublin III; iżda l-kelma "illegali" tintuża flok "irregolari" [it-terminu li jinsab fl-Artikolu 13(1) innifsu]. Ma huwiex kredibbli li l-leġiżlatur ried li jkun hemm differenza sostanzjali bejn iż-żewġ aġġettivi fiż-żewġ testi.

149 Ara l-punti 1 sa 9 iktar 'il fuq.

150 Il-Ġermaniż u s-Sloven.

151 L-Ingliż u l-Franċiż.

152 Il-Kunsill tal-Ewropa jiddistingwi bejn il-migrazzjoni illegali u migrant irregolari. B'riferiment għar-Riżoluzzjoni 1509 (2006) tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, il-kelma "illegali" hija ppreferuta meta ssir referenza għall-istatus jew proċess, filwaqt li "irregolari" hija ppreferuta meta jsir riferiment għal persuna. Bħala riżultat tal-assoċjazzjoni mal-kriminalità huwa meqjus li t-terminu "migrazzjoni illegali" għandu jiġi evitat, billi l-parti l-kbira tal-migranti irregolari ma humiex kriminali. Li tkun f'pajjiż mingħajr id-dokumenti meħtieġa ma huwiex, f'ħafna pajjiżi, reat kriminali iżda ksur amministrattiv. Il-Kummissjoni iffavorixxiet għal żmien twil it-terminu "immigrazzjoni illegali", iżda iktar reċentement qed tirreferi għal "migrazzjoni irregolari" ukoll, b'"illegali" u "irregolari" jidhru li qed jintużaw b'mod interkambjabbli fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Marzu 2017 "fuq li r-ritorn ikun iktar effettiv fl-implementazzjoni tad-[Direttiva dwar ir-ritorn]" (ĠU 2017, L 66, p. 15).

153 Sentenza tal-1 ta' Marzu 2016, *Kreis Warendorf u Osso*, C-443/14 u C-444/14, EU:C:2016:127.

162. Inżid li l-premessa 12 tgħid li d-Direttiva dwar il-proċeduri tapplika flimkien ma' u bla ħsara għas-salvagwardji proċedurali stabbiliti fir-Regolament Dublin III. L-Artikolu 31(8)(h) ta' dik id-direttiva jipprovdi li applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tista' tiġi eżaminata skont proċedura mgħaġġla u/jew mwettqa fuq il-fruntiera jew f'żoni ta' tranżitu fejn applikant jidħol fit-territorju tal-Istat Membru "illegalment". Il-kelma "illegalment" hija fil-fatt it-tielet aġġettiv applikat mil-leġiżlatur għall-mod li bih iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikun qasam il-fruntiera ta' Stat Membru. Wieħed jimmaġina li dan għandu jinqara b'mod li jkun koerenti mal-kliem "qasam b'mod irregolari" fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III, li huwa wiesa' biżżejjed sabiex jinkludih[154].

163. Ir-Regolament Dublin III ma jiddefinixxix il-kunċett ta' "qsim b'mod irregolari tal-konfini".

164. Ir-riferimenti għall-elementi ta' prova fl-Artikolu 22(3) tar-Regolament Dublin III u r-Regolament ta' Implementazzjoni ta' Dublin jindikaw b'mod ċar li l-kwistjoni ta' *jekk hemmx dħul irregolari fi kwalunkwe każ partikolari hija primarjament kwistjoni ta' fatt* għall-awtoritajiet nazzjonali.

165. Għalhekk, jekk qsim tal-fruntiera huwiex "irregolari" huwa stabbilit b'riferiment għall-Anness II tar-Regolament ta' Implementazzjoni ta' Dublin, li fih żewġ listi ta' kriterji li għandhom jintużaw għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-Istat responsabbli għal applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali[155]. Il-Lista A ssemmi l-elementi rilevanti ta' prova formali. L-elementi indikattivi (jew evidenza ċirkustanzjali) huma fil-lista B[156]. L-evidenza elenkata tinkludi t-"timbru tad-dħul fuq passaport; timbru tal-ħruġ minn pajjiż li jkollu l-fruntiera ma' dik ta' Stat Membru, filwaqt li titqies ir-rotta meħuda mill-applikant u d-data meta nqasmet il-fruntiera; biljetti li b'mod konkludenti jistabbilixxu d-dħul minn fruntiera esterna".

166. L-għan tas-sistema Eurodac huwa wkoll li tgħin fid-determinazzjoni ta' liema Stat Membru għandu jkun responsabbli sabiex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament Dublin III[157]. L-Istati Membri huma meħtieġa jieħdu minnufih il-marki tas-swaba' ta' applikanti li għandhom mill-inqas 14-il sena u jittrażmettuhom (mhux iktar tard minn 72 siegħa wara li tiġi ppreżentata l-applikazzjoni) lis-Sistema Eurodac Ċentrali[158]. L-Istati Membri huma suġġetti għal obbligu simili li jieħdu l-marki tas-swaba' ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinqabdu f'konnessjoni ma' qsim irregolari tal-konfini[159].

167. Ir-Regolament ta' Implementazzjoni ta' Dublin jispeċifika li qbil pożittiv fis-sistema Eurodac joħloq preżunzjoni li kien hemm dħul irregolari[160].

168. Għaż-żona Schengen, il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen huwa wkoll għodda utli sabiex jiġi stabbilit jekk id-dħul ta' ċittadin ta' pajjiż terz fit-territorju tal-Unjoni kienx regolari. Il-kundizzjonijiet għad-dħul huma stabbiliti fl-Artikolu 5(1), filwaqt li l-Artikolu 7 jistabbilixxi r-regoli dwar il-verifiki fuq il-fruntieri. Huwa probabbli li jekk tali kontrolli juru li l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 5(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen ma kinux issodisfatti, tiġi stabbilita l-evidenza probatorja elenkata fil-punt 7 tal-lista A tal-Anness II tar-Regolament ta' Implementazzjoni ta' Dublin jew l-evidenza ċirkustanzjali elenkata fil-punt 7 tal-lista B.

154 It-test Franċiż juża wkoll aġġettiv differenti, jiġifieri l-kelma "irrégulièrement", fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III. Fl-Artikolu 31(8)(h) tad-Direttiva dwar il-proċeduri tintuża l-espressjoni "entré ou a prolongé son séjour illégalement". L-istess jingħad għat-test Ġermaniż li juża "illegali" fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III u "unrechtmäßig" fl-Artikolu 31(8)(h) tad-Direttiva dwar il-proċeduri.

155 L-għan tal-listi huwa li tiġi żgurata l-kontinwità bejn il-Konvenzjoni ta' Dublin u l-atti li ħadu postha: ara l-premessa 2 tar-Regolament ta' Implementazzjoni ta' Dublin.

156 L-Artikolu 22(4) tar-Regolament Dublin III jispeċifika li r-rekwiżit ta' prova ma għandux jeċċedi dak li hu meħtieġ għall-applikazzjoni xierqa tar-regolament: ara wkoll l-Artikolu 22(5).

157 Artikolu 1 tar-Regolament Eurodac.

158 Artikolu 9 tar-Regolament Eurodac.

159 Artikolu 14(1) tar-Regolament Eurodac.

160 L-ewwel inċiż tal-punt 7 fil-lista A fl-Anness II tar-Regolament ta' Implementazzjoni ta' Dublin. Billi l-Istat Membru li jieħu l-marki tas-swaba' mbagħad isir responsabbli, skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III, sabiex tiġi ddeterminata kull applikazzjoni futura għall-protezzjoni internazzjonali, dan jista' fir-realtà jopera bħala diżinċentiv għall-applikazzjoni rigoruża tar-Regolament Eurodac.

169. Għalhekk, f'każijiet fejn kien hemm nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti legali formali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jaqsmu l-fruntiera esterna normalment huwa probabbli li kien hemm qsim irregolari.

170. Huwa aċċettat li l-applikanti fiż-żewġ proċeduri prinċipali ma kkonformawx mal-formalitajiet preskritti mill-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

171. Madankollu, ir-Regolament Dublin III ma kienx ikkonċepit bħala strument sabiex jittratta d-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-protezzjoni internazzjonali fil-każ ta' influss massiv ta' nies [161]. Iċ-ċirkustanzi fiż-żmien materjali jaqgħu f'lakuna fejn ma hemm l-ebda dispożizzjoni legali preċiża fit-Trattati jew leġiżlazzjoni sekondarja.

172. Jistgħu d-dispożizzjonijiet eżistenti jiġu interpretati b'mod li jkopru dawk iċ-ċirkustanzi?

173. Il-Konvenzjoni ta' Genève ma fihiex pjan ġenerali għal sistema sabiex ikun iddeterminat l-Istat responsabbli li jeżamina applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali [162]. Dan l-att (b'differenza mill-acquis tal-Unjoni) huwa bbażat f'sistema separata ta' dritt internazzjonali. Madankollu, jiena naqbel mal-Gvern Taljan li, fid-dawl tal-Artikolu 78(1) TFUE, huwa sew li wieħed jirreferi għall-Artikoli 31 u 33 tal-Konvenzjoni ta' Genève bħala l-punt tat-tluq fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III. Għalhekk, l-Istati li ppermettew lir-rikorrenti jgħaddu mit-territorji tagħhom aġixxew b'mod konsistenti mal-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni ta' Genève meta għamlu hekk.

174. Id-dritt għall-ażil huwa stabbilit fl-Artikolu 18 tal-Karta u l-projbizzjoni kontra t-tortura u t-trattament inuman u degradanti fl-Artikolu 4 għandha tittieħed ukoll inkunsiderazzjoni [163]. Dan tal-aħħar huwa partikolarment rilevanti fir-rigward tal-kwistjoni tar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin ifittxu ażil f'kundizzjonijiet li jiksru l-Artikolu 4 jew taż-żamma tagħhom fil-limbu fil-fruntieri nazzjonali f'kundizzjonijiet li huma degradanti [164].

175. Id-domanda verament diffiċli hija, kif għandu jinżamm bilanċ?

176. Minn naħa, jidher ċar li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-pożizzjoni ta' A.S. u l-familji Jafari mhux probabbli li ssodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 5(1). Għalhekk, ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala li qasmu l-fruntiera esterna tal-Unjoni "b'mod regolari". Min-naħa l-oħra, huwa ugwalment ċar li, fiż-żmien materjali l-awtoritajiet tal-Istati Membri ta' tranżitu tal-Unjoni mhux biss *ittolleraw* il-qsim tal-fruntieri fil-massa, u b'hekk *awtorizzawhom taċitament*, iżda *ffaċilitaw b'mod attiv* kemm id-dħul kif ukoll it-tranżitu fit-territorji tagħhom. Qsim bħal dan huwa "irregolari" fis-sens ordinarju ta' din il-kelma? Żgur li le. Imma kif għandna niddefinixxu dak it-terminu; u dan verament jiddeskrivi bis-sens dak li kien qiegħed jiġri?

161 Il-bażi legali għar-Regolament Dublin III hija l-Artikolu 78(2)(e) TFUE. Ninnota li l-Artikolu 78(2)(c) għandu x'jaqsam ma' sistema komuni ta' protezzjoni temporanja għal persuni spostati fil-każ ta' influss massiv: ara d-Direttiva 2001/55/KE. Peress li dik id-direttiva ġiet adottata qabel it-Trattat ta' Lisbona tal-2009, in-numerazzjoni invokata fil-premessi tal-imsemmi att tirreferi għall-Artikolu 63(a) u (b) KE.

162 Il-UNHCR jiddikjara li r-"Regolament ta' Dublin jikkostitwixxi l-uniku strument reġjonali li jirregola l-allokazzjoni ta' responsabbiltà għall-persuni li jkunu qegħdin ifittxu ażil, u huwa għodda importanti sabiex dawn il-persuni jitlaqqgħu mill-ġdid mal-familja tagħhom fl-Unjoni". Kummenti tal-UNHCR dwar il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida [COM (2016) 270, p. 6].

163 L-Artikolu 3 tal-KEDB huwa d-dritt korrispondenti.

164 Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, *N.S.* et, C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:865, punt 94.

177. L-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III huwa l-iktar kriterju tal-Kapitolu III użat għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli sabiex jeżamina applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali [165]. L-għan ta' dik id-dispożizzjoni huwa li tinkoraġġixxi lill-Istati Membri sabiex ikunu viġilanti fil-garanzija tal-integrità tal-fruntiera esterna tal-Unjoni. Dan jiskoraġġixxi wkoll movimenti sekondarji u forum shopping mill-applikanti [166].

178. Għal mument, nagħmlu pass lura u nagħtu ħarsa l-ewwel lejn is-sitwazzjoni "normali" skont ir-Regolament Dublin III qabel ma nerġgħu lura għaż-żewġ kawżi inkwistjoni.

179. F'ċirkustanzi normali, l-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III jiġi applikat lil individwu li, b'sotterfuġju jew b'mezzi klandestini, daħal fit-territorju ta' Stat Membru mingħajr ma dak id-dħul ikun ġie approvat (proċeduralment u sostantivament) mill-awtoritajiet kompetenti. Id-dħul u s-soġġorn sussegwenti ta' dak l-individwu huma b'mod ċar "irregolari". Hemm sett ta' regoli li kellhom ikunu, iżda ma kinux, osservati. Id-dħul ma kienx permess mill-Istat Membru kkonċernat – iżda dan naqas milli jipprevjeni li d-dħul iseħħ. Forsi kieku l-Istat Membru qagħad iktar attent fid-difiża tal-fruntiera esterna tal-Unjoni, dak l-individwu ma kienx jirnexxielu jidħol baxx baxx fit-territorju tal-Unjoni.

180. F'ċirkustanzi bħal dawn wieħed jista' jifhem għal kollox il-loġika li Stat Membru jinżamm responsabbli skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III għad-determinazzjoni tal-applikazzjoni sussegwenti ta' dak l-individwu għall-protezzjoni internazzjonali.

181. Issa niġu lura għall-kriżi umanitarja li ġrat fil-perijodu bejn Settembru 2015 u Marzu 2016.

182. Hemm mewġa umana ta' nies iddisprati – dawk li qed jaħarbu l-gwerra fis-Sirja jiżdiedu man-numri ta' dawk li terrqu mill-Iraq jew mill-Afganistan. Fil-mijiet u fl-eluf tagħhom dawn jaslu sal-fruntiera Kroata [167]. Ta' fuqhom senduqhom. Jekk ma jitħallewx jidħlu, b'xi mod jagħmlu kampijiet improvviżati, bl-għajnuna internazzjonali – kif u meta tiġi – minn korpi bħall-UNHCR, is-Salib l-Aħmar u l-Médecins Sans Frontières, sabiex jitemgħuhom, jagħtuhom kenn u kura. Se jkun hemm kriżi umanitarja fuq l-għatba tal-Unjoni. Hemm riskju ovvju li l-Istati ġirien Balkani se jkun distabbilizzati, u jinħoloq perikolu reali għall-paċi u s-sigurtà fir-reġjun. Ġejja x-xitwa.

183. Il-ġeografija u mhux l-għażla tiddetta liema Stati Membri tal-Unjoni qegħdin fuq quddiem. Dawk l-Istati Membri – bħall-Istati Membri tal-Unjoni kollha – għandhom obbligi internazzjonali taħt il-Konvenzjoni ta' Genève. Għal raġunijiet umanitarji, huma għandhom idaħħlu dawn il-bnedmin bħalhom li qed isofru ġewwa t-territorju tagħhom. Imma jekk jagħmlu dan, dawk l-Istati Membri mhux se jkunu jistgħu jiggarantixxu kundizzjonijiet xierqa ta' akkoljenza għal kulħadd [168]. U lanqas ma jistgħu jeżaminaw l-applikazzjoni ta' kulħadd għall-protezzjoni internazzjonali malajr jekk l-amministrazzjonijiet tagħhom jingħelbu bin-numru kbir ħafna ta' applikazzjonijiet għall-ipproċessar [169].

165 "*The Reform of the Dublin System*" (Ir-Riforma tas-Sistema ta' Dublin), ippubblikat mid-Direttorat Generali għal Migrazzjoni u Affarijiet Interni tal-Kummissjoni Ewropea.

166 Il-kriterji tal-Kapitolu III li jikkonċernaw il-kundizzjonijiet tad-dħul, b'mod partikolari dak li issa huwa l-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III, ġew żviluppati mill-istess prinċipji li kienu fil-KFS [b'mod partikolari dak li kien l-Artikolu 30(e)], jiġifieri l-idea li, f'qasam li fih il-moviment liberu tal-persuni huwa ggarantit mit-Trattat, kull Stat Membru huwa responsabbli lejn l-oħrajn kollha għall-azzjonijiet tiegħu dwar id-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u għandu jġorr il-konsegwenzi ta' dan fi spirtu ta' solidarjetà u ta' kooperazzjoni ġusta. Ara, fir-rigward tar-Regolament Dublin II, il-memorandum ta' spjegazzjoni għall-proposta tal-Kummissjoni COM (2001) 447. Ara wkoll il-memorandum ta' spjegazzjoni għall-proposta tal-Kummissjoni COM (2008) 820. Ara wkoll il-punt 129 iktar 'il fuq dwar is-sinjifikat tal-oriġini tal-atti ta' Dublin.

167 L-influss inkluda wkoll persuni li ma kinux ċittadini ta' dawn l-Istati, kif ukoll dawk li ma kinux obbligati li jemigraw għal raġunijiet ta' persekuzzjoni; ara b'mod partikolari n-nota ta' qiegħ il-paġna 4 u l-punt 7 iktar 'il fuq.

168 Skont id-Direttiva dwar l-akkoljenza l-Istati Membri huma meħtieġa li jikkonformaw ma' ċerti standards għall-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li jiżguraw standard dinjituż ta' għajxien u kundizzjonijiet ta' għajxien paragunabbli madwar l-Unjoni kollha. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri jkunu marbuta b'obbligi taħt strumenti tad-dritt internazzjonali, bħall-Konvenzjoni ta' Genève u l-KEDB.

169 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 212 iktar 'il quddiem.

184. Minn meta l-Konvenzjoni ta' Dublin ġiet introdotta l-ewwel darba kien hemm tensjoni bejn żewġ għanijiet differenti [170]. Minn naħa, is-sistema ta' Dublin hija intiża li tistabbilixxi sistema li tipprovdi mekkaniżmu interstatali li jippermetti lill-Istati Membri jiddeterminaw malajr il-pajjiż responsabbli sabiex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Fit-twettiq ta' dak l-għan l-Istati Membri jridu jipprevjenu żewġ fenomeni, il-forum shopping u movimenti sekondarji. Il-Kummissjoni reċentement sostniet li l-"aktar importanti, l-Istati Membri kollha jridu jimpenjaw ruħhom biex itemmu l-approċċ tolleranti għal dawk li juru interess f'li japplikaw għall-ażil band'oħra. Il-persuni li jaslu fl-Unjoni jridu jkunu jafu li jekk huma għandhom bżonn ta' protezzjoni dawn se jirċevuha, iżda mhix l-għażla tagħhom li jiddeċiedu fejn" [171]. Min-naħa l-oħra, dak l-approċċ jikkuntrasta mal-għan imħaddan minn ħafna organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-UNHCR, li huwa bbażat fuq allokazzjoni tar-responsabbiltà skont fejn issir applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Dan tal-aħħar qatt ma mexa 'l quddiem minħabba li r-rieda politika sa issa ma kinitx preżenti [172].

185. Ma hemm xejn li jissuġġerixxi li A.S. jew il-familji Jafari biħsiebhom jagħmlu diversi applikazzjonijiet f'ħafna Stati Membri [173]. Bl-istess mod, it-tħassib dwar movimenti sekondarji lanqas ma huwa ġġustifikat f'dawn iż-żewġ każijiet. Id-dħul ta' A.S. u tal-familji Jafari fl-Unjoni kien iddokumentat. Il-vjaġġi rispettivi tagħhom ma kinux illeċiti bil-mod kif tantiċipa l-leġiżlazzjoni [174].

186. Huwa evidenti li l-qsim tal-fruntieri li seħħ f'dawn il-kawżi ma kienx "regolari". Imma jien ma naċċettax li dak il-qsim tal-fruntiera jiġi kklassifikat sewwa bħala "irregolari" fis-sens tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III, klassifikazzjoni li twassal sabiex l-Istat Membru li l-fruntiera tiegħu nqasmet "b'mod irregolari" jsir responsabbli għad-determinazzjoni ta' applikazzjoni sussegwenti għall-protezzjoni internazzjonali.

187. Hawnhekk, ninnota diffikultà oħra dwar l-argumenti mressqa b'mod partikolari minn Franza u mill-Kummissjoni. A.S. u l-familji Jafari daħlu l-ewwel fit-territorju tal-Unjoni minn pajjiż terz meta qasmu l-fruntiera fil-Greċja, li għalhekk huwa l-ewwel Stat Membru tad-dħul. Interpretazzjoni stretta tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III twassal sabiex il-Greċja tkun b'hekk l-Istat Membru responsabbli sabiex jeżamina l-applikazzjonijiet rispettivi tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali. Madankollu, ġie rrikonoxxut mill-2011 li l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali ma jistgħux jintbagħtu lura lejn il-Greċja [175].

188. Bħala parti mill-istess vjaġġ fuq l-art, A.S. u l-familji Jafari mbagħad ħallew għal ftit it-territorju tal-Unjoni qabel ma daħlu *mill-ġdid* billi qasmu l-fruntiera Kroata. Din tal-aħħar hija għalhekk it-*tieni* Stat Membru li huma daħlu fih minn pajjiż terz. Bir-riskju li ngħid l-ovvju, mhux l-Istati Membri kollha tal-Unjoni għandhom fruntieri kontigwi tal-art ma' Stati Membri oħra [176]. Ma hemm xejn fit-test tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III li jappoġġa l-qari li r-responsabbiltà taħt dik id-dispożizzjoni tgħaddi fuq it-*tieni* Stat Membru tad-dħul.

189. Il-verità sempliċi hija li l-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III kien maħsub sabiex jittratta s-sitwazzjoni normali ta' qsim tal-fruntieri individwali u applikazzjonijiet individwali meta ċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat jidħol fi Stat Membru tal-Unjoni b'mod illeċitu minn pajjiż terz. La din id-dispożizzjoni u lanqas ir-Regolament Dublin III b'mod ġenerali ma kienu maħsuba sabiex ikopru

170 Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, *N.S.* et, C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:865, punt 86, issa kkodifikat fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin III.

171 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-Sitwazzjoni Attwali rigward l-Implimentazzjoni tal-Azzjonijiet Prijoritarji fl-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, COM (2016) 85 final.

172 KUMM (2008) 820 finali.

173 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 96 iktar 'il fuq.

174 Fil-każ ta' A.S. huwa daħal fil-Kroazja mis-Serbja fil-punt ta' qsim tal-fruntiera indikat: ara l-punt 71 iktar 'il fuq. Il-familji Jafari daħlu fil-Kroazja mis-Serbja wara li kienu għaddew ċerti kontrolli preliminari sabiex jiġi stabbilit li dawn kienu tabilħaqq ċittadini tal-Afganistan u għalhekk x'aktarx jikkwalifikaw għal protezzjoni internazzjonali: ara l-punt 86 iktar 'il fuq.

175 Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, *N.S.* et, C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:865, punt 94; ara ukoll il-punt 231 sa 242 iktar 'il quddiem.

176 Ara l-punti 1 u 2 iktar 'il fuq.

sitwazzjoni ta' qsim *awtorizzat* tal-fruntieri minn influss massiv ta' applikanti potenzjali għall-protezzjoni internazzjonali. Dan ir-regolament ma huwiex intiż sabiex jiżgura diviżjoni sostenibbli ta' responsabbiltà għall-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni bi tweġiba għal influss tali ta' nies. Madankollu, dan huwa preċiżament l-isfond li fih tressqu r-rinviji għal deċiżjoni preliminari ineżami[177].

190. Għaldaqstant nikkonkludi li l-kliem "applikant ikun qasam b'mod irregolari l-konfini għal ġo Stat Membru" fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III ma jkoprix sitwazzjoni fejn, bħala riżultat ta' influss massiv ta' ċittadini ta' pajjiż terz li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni, l-Istati Membri jippermettu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati li jaqsmu l-fruntiera esterna tal-Unjoni u sussegwentement jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra tal-Unjoni sabiex jippreżentaw applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru partikolari.

***Ir-raba' kwistjoni: l-Artikolu 5(4)(ċ) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen***

191. Il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk l-approċċ tolleranti ("wave through") ifissirx li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ikkonċernati ġewx "awtorizzati" jaqsmu fruntiera esterna tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 5(4)(ċ) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

192. Fid-dawl tal-approċċ li qiegħda nipproponi għall-interpretazzjoni tar-Regolament Dublin III (spjegat fil-punt 141 iktar 'il fuq), strettament ma huwiex meħtieġ li dik id-dispożizzjoni tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen tiġi eżaminata. Madankollu, se nagħmel hekk għal finijiet ta' kompletezza.

193. A.S. u l-familji Jafari inizjalment qasmu l-fruntiera esterna tal-Unjoni fil-Greċja. Huma mbagħad qasmu l-fruntiera esterna ta' pajjiż terz, il-FYROM. Fl-aħħar nett, huma qasmu l-fruntiera esterna tal-Unjoni għat-tieni darba meta daħlu fil-Kroazja mis-Serbja. Jidher li *prima facie* dawn jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen[178].

194. L-Artikolu 5(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' dħul għal "soġġorni qosra" ta' ċittadini ta' pajjiż terz[179]. Ċittadin ta' pajjiż terz (partikolarment, hawnhekk, ċittadin tal-Afganistan jew tas-Sirja) għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin: (i) ikollu dokument tal-ivvjaġġar validu[180]; (ii) ikollu fil-pussess tiegħu viża valida[181]; u (iii) ikun jista' jiġġustifika l-għan u l-kundizzjonijiet tas-soġġorn previst[182]. Iċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat ma għandux ikun ukoll suġġett għal allert SIS u ma għandux jitqies bħala theddida għall-politika pubblika, għas-sigurtà interna, għas-saħħa pubblika jew għar-relazzjonijiet internazzjonali tal-Istat ikkonċernat[183]. Il-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 5(1) huma kumulattivi.

195. Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jipprevedi li l-kontrolli fuq il-fruntieri għandhom jitwettqu skont l-Artikoli 6 u 7 ta' dan il-kodiċi. Hemm maħsub li dawn il-kontrolli jiġu llaxkati f'ċirkustanzi eċċezzjonali u mhux previsti[184]. Id-dokumenti tal-ivvjaġġar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom madankollu jiġu ttimbrati sistematikament mad-dħul u mal-ħruġ skont l-Artikolu 10. L-għan ewlieni tas-sorveljanza tal-fruntieri msemmija fl-Artikolu 12(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen huwa li

177 Ara wkoll il-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni għal "Regolament Dublin IV" – Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida [COM (2016) 270 final, tal-4 ta' Mejju 2016].

178 Artikolu 3 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

179 Jiġifieri, dħul għal perijodu ta' mhux iktar minn 90 jum fi kwalunkwe perijodu ta' 180 jum (ara l-Kodiċi dwar il-Viżi). Ma hemmx regoli għal soġġorni fit-tul fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

180 Ara wkoll l-Artikolu 5(1)(a) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

181 Ara wkoll l-Artikolu 5(1)(b) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

182 Ara wkoll l-Artikolu 5(1)(ċ) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

183 Ara wkoll l-Artikolu 5(1)(d) u (e) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

184 Ara l-punt 54 iktar 'il fuq.

jiġi preklużi qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera, li tiġi missielta l-kriminalità transkonfinali u li jittieħdu miżuri kontra persuni li jkunu qasmu l-fruntiera b'mod "illegali"[185]. Ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet kollha fl-Artikolu 5(1) għandu jiġi rrifjutat id-dħul, sakemm ma tapplikax waħda mill-eċċezzjonijiet fl-Artikolu 5(4).

196. L-ewwel sentenza tal-Artikolu 5(4)(ċ) tippermetti lill-Istati Membri jawtorizzaw id-dħul, *inter alia*, għal raġunijiet umanitarji jew sabiex jikkonformaw ma' obbligi internazzjonali.

197. Franza u l-Kummissjoni huma tal-fehma li l-Artikolu 5(4)(ċ) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen ma japplikax għaż-żewġ kawżi inkwistjoni. Huma jargumentaw li l-Istati Membri huma meħtieġa li jwettqu evalwazzjoni individwali f'kull każ sabiex jiġi stabbilit jekk din id-dispożizzjoni hijiex attivata. Ma saret l-ebda evalwazzjoni bħal din la fil-kawża A.S. u lanqas fil-kawża Jafari. Huma għalhekk jikkonkludu li l-Artikolu 5(4)(ċ) ma jistax jiġi invokat.

198. Jiena ma naqbilx.

199. L-ewwel nett, il-kliem użat fid-deroga fl-Artikolu 5(4)(ċ) huwa simili għal dak użat fl-Artikolu 5(2) tal-KFS. It-tieni subparagrafu tal-imsemmija dispożizzjoni fih il-kliem addizzjonali li ġej: "[d]awn ir-regoli m'għandhomx iwaqqfu l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet speċjali li jirrigwardaw id-dritt għal ażil [...]".

200. L-istorja leġiżlattiva turi li l-proposta tal-Kummissjoni għall-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen spjegat li r-regolament propost ġeneralment irriproduċa l-Artikoli 3 sa 8 tal-Kapitolu 1 tal-KFS[186]. It-test tal-Artikolu 5(2) tal-KFS ġie stabbilit fl-Artikoli 5(6) u 11(1) tal-proposta tal-Kummissjoni. Il-Parlament Ewropew introduċa d-deroga li issa hija l-Artikolu 5(4)(ċ) sabiex jiġu ċċarati r-regoli[187].

201. Jien ma ninterpretax l-assenza ta' referenza speċifika għal "disposizzjonijiet speċjali dwar id-dritt għall-ażil" fis-sens li d-deroga ma tistax tiġi applikata f'ċirkustanzi bħal dawk li kienu jeżistu bejn Settembru 2015 u Marzu 2016. Jista' jkun li l-leġiżlatur ikkunsidra t-test tal-Artikolu 5(4)(ċ), moqri flimkien mal-Artikolu 3a u fid-dawl tal-premessa 7 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, bħala li huwa ċar biżżejjed mingħajr ma jkun meħtieġ li jiġi introdott kliem addizzjonali.

202. It-tieni nett, it-terminu "raġunijiet umanitarji" ma huwiex iddefinit fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. L-Avukat Ġenerali Mengozzi reċentement esprima l-fehma li l-espressjoni hija kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni[188]. Jiena naqbel miegħu. Din hija espressjoni wiesgħa li tkopri l-pożizzjoni ta' persuni li qed jaħarbu mill-persekuzzjoni u li huma suġġetti għall-prinċipju ta' non-refoulement. Barra minn hekk, l-interpretazzjoni ta' dik l-espressjoni fl-Artikolu 5(4)(ċ) għandha tqis l-obbligu fl-Artikolu 3a – li l-Istati Membri huma meħtieġa li jaġixxu f'konformità sħiħa mad-dritt tal-Unjoni rilevanti, inkluż mal-Karta, mal-Konvenzjoni ta' Genève u mad-drittijiet fundamentali.

203. Għalhekk jidhirli li s-sitwazzjonijiet rispettivi ta' A.S. u tal-familji Jafari jaqgħu fi ħdan l-ewwel sentenza tal-Artikolu 5(4)(ċ) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

204. Ma hemm xejn li jindika li evalwazzjoni individwali twettqet fiż-żewġ każijiet. Jidher probabbli ħafna li ma ġarax hekk. Madankollu, din id-dispożizzjoni tapplika?

185 Persuna li qasmet il-fruntiera "illegalment" u li ma jkollha l-ebda dritt li tissoġġorna fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat għandha tiġi arrestata u tkun suġġetta għall-proċeduri ta' ritorn skont id-Direttiva dwar ir-ritorn.

186 Ara l-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jwaqqaf Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw iċ-ċaqliq ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri, tas-26 ta' Mejju 2004, COM(2004) 391 final, p. 8.

187 L-emenda introdotta mill-Parlament Ewropew kienet ikkunsidrata neċessarja sabiex jitqiesu "tħassib umanitarju jew sitwazzjonijiet ta' emerġenza bħala raġunijiet validi għal deroga mid-dispożizzjonijiet bażiċi" [traduzzjoni mhux uffiċjali]: ara r-Rapport tal-Parlament Ewropew li jwaqqaf Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw iċ-ċaqliq ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri, A6-0188/2005 final, p. 71 u 74.

188 Konklużjonijiet fil-kawża *X u X*, C-638/16 PPU, EU:C:2017:93, punt 130, fir-rigward tal-Artikolu 25 tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

205. Jiena ngħid li iva.

206. Huwa veru li t-tieni sentenza tal-Artikolu 5(4)(ċ) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen teħtieġ evalwazzjoni individwali sabiex jiġi stabbilit jekk il-persuna kkonċernata hijiex is-suġġett ta' allert tas-SIS. Madankollu, il-kliem ma jindikax li l-ewwel sentenza ta' dik id-dispożizzjoni tista' tiġi applikata biss jekk il-kundizzjoni fit-tieni sentenza tkun diġà ġiet issodisfatta. Iż-żewġ partijiet tal-Artikolu 5(4)(ċ) huma mingħajr dubju marbutin, imma tal-ewwel tista' jinqara b'mod indipendenti mit-tieni waħda.

207. Jien għalhekk tal-fehma li, anki jekk il-kriterju tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III għandu jinqara flimkien mal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, Stat Membru fuq il-fruntiera kien ikun intitolat li jagħżel li jiddependi fuq id-deroga fl-Artikolu 5(4)(ċ) ta' dan tal-aħħar sabiex ċittadini ta' pajjiżi terzi jiġu awtorizzati jaqsmu l-fruntiera esterna tiegħu mingħajr ma jagħmel evalwazzjoni individwali fiċ-ċirkustanzi li kienu jeżistu fiż-żmien materjali. Filwaqt li Stat Membru bħal dan għandu, jekk possibbli, jipprova jikkonforma wkoll mat-tieni sentenza ta' dik id-dispożizzjoni, l-applikazzjoni tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 5(4)(ċ) ma tiddependix fuq dik il-konformità.

208. Meta Stat Membru jawtorizza ċittadin ta' pajjiż terz sabiex jidħol fit-territorju tiegħu fuq il-bażi tal-Artikolu 5(4)(ċ), il-persuna kkonċernata hija xi ħadd li essenzjalment ma tissodisfax il-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 5(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Sa fejn dawk il-kundizzjonijiet tad-dħul ma jkunux issodisfatti, il-qsim tal-fruntiera esterna miċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu, fis-sens formali, ikun irregolari. Madankollu, id-dħul ta' dik il-persuna huwa *de facto awtorizzat* u l-bażi legali għal dik l-awtorizzazzjoni hija d-deroga fl-Artikolu 5(4)(ċ).

209. Dik l-awtorizzazzjoni ma tistax tiġi injorata għall-finijiet tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III.

210. Għalhekk, nikkonkludi, b'mod sussidjarju, li, meta Stat Membru jawtorizza ċittadin ta' pajjiż terz sabiex jidħol fit-territorju tiegħu fuq il-bażi tal-Artikolu 5(4)(ċ) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat huwa, essenzjalment, xi ħadd li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 5(1) ta' dak ir-regolament. Sa fejn dawk il-kundizzjonijiet ta' dħul ma jkunux ġew issodisfatti, il-qsim tal-fruntiera esterna miċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat għandu jkun, fis-sens formali, irregolari. Madankollu, id-dħul tiegħu jkun ġie awtorizzat *de facto* u l-bażi legali għal dik l-awtorizzazzjoni hija d-deroga fl-Artikolu 5(4)(ċ) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

### *Il-ħames kwistjoni: l-Artikolu 14 tar-Regolament Dublin III*

211. Mill-konklużjonijiet tiegħi fil-punti 152 u 190 iktar 'il fuq isegwi li jiena nikkunsidra li l-kriterji tal-Kapitolu III fl-Artikoli 12 (viżi) u 13 (dħul irregolari) tar-Regolament Dublin III ma japplikawx fiċ-ċirkustanzi fil-Balkani tal-Punent li kienu jeżistu minn Settembru 2015 sa Marzu 2016.

212. Ir-rikorrenti fil-kawża Jafari jsostnu li l-Artikolu 14 tar-Regolament Dublin III (dħul b'rinunzja għall-viża) huwa l-kriterju rilevanti.

213. Ma nikkunsidrax li din il-pożizzjoni hija konvinċenti.

214. L-ewwel nett, ir-Regolament Nru 539/2001 jistabbilixxi regoli li jelenkaw il-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża meta jaqsmu fit-territorju tal-Unjoni mill-fruntieri esterni tagħha. Fejn japplikaw dawk ir-regoli (bħala hawnhekk), iċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat *għandu* jippossjedi l-viża meħtieġa [189]. Ir-regolament jinkludi ċerti eżenzjonijiet minn dak ir-rekwiżit ġenerali, bħal dawk li japplikaw għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi tal-Istati elenkati fl-Anness II tar-Regolament

189 Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 539/2001.

Nru 539/2001 li biħsiebhom jagħmlu "soġġorn qasir" fl-Unjoni [190]. Huwa possibbli wkoll li jsiru eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali meta japplikaw il-kundizzjonijiet fl-Artikolu 4 ta' dak ir-regolament [191]. Madankollu, minbarra dawk l-eċċezzjonijiet espressi għar-regola ġenerali ma hemm ebda ċirkustanzi oħra li fihom ċittadin ta' pajjiż terz jista' jiġi eżentat mir-rekwiżit li jkollu viża.

215. It-tieni nett, fin-nuqqas ta' formulazzjoni espressa fl-Artikolu 14 tar-Regolament Dublin III jidhirli li l-kliem "il-ħtieġa li [ċittadin ta' pajjiż terz li] jkollu viża tkun irrinunzjata" ma jistax jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru jista' b'mod unilaterali ma japplikax, għal raġunijiet oħra jew għal raġunijiet addizzjonali, ir-rekwiżit ġenerali ta' pussess ta' viża kif stabbilit fl-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 539/2001 (moqri mal-Anness I tiegħu għal ċerti pajjiżi terzi). Wara kollox, ir-regolament huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha skont l-Artikolu 288 TFUE. Pjuttost, jiena ninterpreta dak il-kliem bħala li jirreferi primarjament għar-rekwiżiti tal-viża li ma *humiex* irregolati mir-Regolament Nru 539/2001, bħal viżi għal soġġorn fit-tul.

216. It-tielet nett, bħala ċittadini Afgani l-familji Jafari kienu meħtieġa li jkollhom viżi sabiex jidħlu fl-Unjoni [192]. Dak ir-rekwiżit huwa obbligatorju kemm għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz kif ukoll għall-Istat Membru kkonċernat fir-rigward tal-pajjiżi elenkati fl-Anness I tar-Regolament Nru 539/2001. Jidher li huwa aċċettat li l-familji Jafari ma jaqgħux taħt l-eċċezzjonijiet fl-Artikoli 1(2) jew 4 ta' dak ir-regolament [193].

217. Interpretazzjoni alternattiva tal-Artikolu 14 tar-Regolament Dublin III tista' tkun li Stat Membru jista' jwarrab ir-rekwiżit tal-viża f'każ individwali speċifiku, filwaqt li jirrikonoxxi li meta jagħmel hekk ikun qiegħed jieħu fuqu r-responsabbiltà għad-determinazzjoni tal-applikazzjoni ta' dak l-individwu għall-protezzjoni internazzjonali. Imma tali rinunzja tkun, naħseb, teħtieġ evalwazzjoni individwali. L-ebda evalwazzjoni bħal din ma hija rreġistrata bħala li seħħet hawn. Iċ-ċirkustanzi fil-fatt jindikaw il-kuntrarju, jiġifieri li kien hemm politika li ċittadini ta' pajjiżi terzi mill-Afganistan, mill-Iraq u mis-Sirja jiġu awtorizzati jaqsmu l-fruntieri interni tal-Istati Membri mingħajr ebda evalwazzjoni individwali [194].

218. Jien għalhekk ma naċċettax is-sottomissjoni li fiċ-ċirkustanzi tal-każ tal-familji Jafari, l-awtorizzazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jidħlu fit-territorju tal-Istati Membri tal-Unjoni tikkostitwixxi dħul b'rinunzja għall-viża għall-finijiet tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament Dublin III. Lanqas ma naċċetta li l-Artikolu 14(2) japplika fir-rigward tal-pożizzjoni tal-Awstrija (l-Istat Membru fejn ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali). Jidhirli li l-istess raġunament japplika loġikament kemm għall-Artikolu 14(1) u kemm għall-Artikolu 14(2).

### *Applikazzjoni tar-Regolament Dublin III għaż-żewġ każijiet inkwistjoni*

219. Il-kriterji tar-relazzjoni familjari fl-Artikoli 8 sa 11 u l-Artikolu 15 tar-Regolament Dublin III la huma rilevanti għaċ-ċirkustanzi ta' A.S. u lanqas għal dawk tal-familji Jafari.

220. Wasalt għall-fehma li ebda wieħed mill-kriterji tal-Kapitolu III ma japplika għal dawn iż-żewġ każijiet fiċ-ċirkustanzi li kien hemm bejn Settembru 2015 u Marzu 2016 fil-Balkani tal-Punent. Dawn il-kriterji ma jistgħux jiġu interpretati u applikati b'mod li jintlaħaq l-għan deskritt fil-premessa 5 tar-Regolament Dublin III, jiġifieri l-istabbiliment ta' "[m]etodu [...] ibbażat fuq kriterji oġġettivi u

190 Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 539/2001 u l-Anness II. Kampjun każwali tal-pajjiżi elenkati hemmhekk jinkludi l-Albanija, l-Andorra, il-Brażil, il-Kanada, l-Israel u l-Ġappun.

191 Ara l-punt 59 iktar 'il fuq.

192 Ara l-Artikolu 1 u l-Anness I tar-Regolament Nru 539/2001 msemmi fil-punt 59 iktar 'il fuq.

193 A.S. ma jibbażax ruħu fuq l-Artikolu 14 tar-Regolament Dublin III. Madankollu, għall-fini ta' bonordni ninnota li l-pożizzjoni tkun l-istess fil-każ tiegħu: bħala ċittadin Sirjan huwa wkoll meħtieġ li jkollu viża sabiex jidħol fl-Unjoni; ara l-Anness I tar-Regolament Nru 539/2001 u ara wkoll il-punt 194 iktar 'il fuq.

194 Ara l-punt 16 iktar 'il fuq.

ġusti kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-persuni kkonċernati. B'mod partikolari, dan il-metodu għandu jiddetermina minnufih l-Istat Membru responsabbli, biex ikun iggarantit aċċess effettiv għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali u ma jkunx kompromess l-għan tal-ipproċessar bil-ħeffa ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali".

221. Ma hemm l-ebda kriterju fil-Kapitolu III li speċifikament jindirizza s-sitwazzjoni fejn Stat Membru wieħed jew iktar jkunu kkonfrontati b'influss massiv f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. Jidher improbabbli li l-leġiżlatur, meta adotta regolament ġdid li jaġġorna r-Regolament Dublin II u żamm l-approċċ ta' dan tal-aħħar sabiex jiġi identifikat l-Istat Membru responsabbli (ibbażat fuq il-kunsiderazzjoni ta' kull applikazzjoni individwali għall-protezzjoni internazzjonali b'mod iżolat), qatt ippreveda li kienet se tqum sitwazzjoni bħal dik.

222. Huwa veru li l-Artikolu 78(3) TFUE jipprovdi bażi legali għal azzjoni konġunta tal-Unjoni sabiex tiġi ttrattata sitwazzjoni ta' emerġenza bħal din. Huwa wkoll veru li kien hemm ċerti inizjattivi, bħall-miżuri adottati sabiex jiġu rrilokati ċittadini ta' pajjiżi terzi mill-Greċja u l-Italja [195]. Kien hemm ukoll inizjattivi inqas formali, bħall-laqgħa dwar ir-"Rotta ta' migrazzjoni tal-Balkani tal-Punent" li saret fi Brussell fil-25 ta' Ottubru 2015 fuq stedina tal-Kummissjoni li wasslet għal ħruġ ta' dikjarazzjoni immirata għat-titjib tal-kooperazzjoni u tal-konsultazzjoni bejn l-Istati kkonċernati [196]. Il-Kummissjoni ntalbet tissorvelja l-implementazzjoni tad-dikjarazzjoni.

223. B'mod kruċjali, ma kienx hemm kunsens politiku dwar soluzzjoni għall-Balkani tal-Punent [197].

224. Il-pożizzjoni liberali tal-Ġermanja kienet deskritta fl-istampa bħala "il-Ġermanja tissospendi l-Ftehim ta' Dublin fir-rigward tar-refuċjati Sirjani" [198] u r-Regolament Dublin III kien iddikjarat li huwa "miksur". Il-politika inizjali tal-Ġermanja (ara l-punt 12 iktar 'il fuq) li jitħallew jidħlu, mingħajr ebda limitazzjoni, Sirjani li kienu qed ifittxu l-protezzjoni internazzjonali, kienet irrapportata bħala "l-Ġermanja waqfet tuża [Dublin]" [199]. Madankollu, il-Ġermanja ma kinitx l-uniku Stat Membru li ħa inizjattivi fiż-żmien materjali. Stati Membri oħra ħadu approċċ pjuttost differenti [200].

225. Għalhekk, l-Istati Membri aġixxew kultant b'mod unilaterali, kultant bilateralment, u kultant fi gruppi, flimkien ma' jew mingħajr Stati terzi. L-istatus legali preċiż ta' dawn l-arranġamenti fir-rigward tal-qafas legali tal-Unjoni ma huwiex ċar għal kollox, anki jekk id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fit-Titolu V tat-TFUE fil-fatt iħallu lok għal flessibbiltà.

226. Fi kwalunkwe każ baqa' l-fatt li l-ebda kriterju mfassal apposta ma ddaħħal fir-Regolament Dublin III sabiex ikopri s-sitwazzjoni fil-Balkani tal-Punent fiż-żmien materjali. U lanqas kien hemm xi att legali ieħor propost jew adottat sabiex jimla l-vojt.

227. Dak huwa l-isfond li fih il-Qorti tal-Ġustizzja qed tintalab tagħti interpretazzjoni koerenti tar-Regolament Dublin III.

195 Ara l-punti 10 u 11 iktar 'il fuq.

196 Għal-laqgħa attendew mexxejja li jirrappreżentaw l-Albanija, l-Awstrija, il-Bulgarija, il-Kroazja, il-FYROM, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Serbja u s-Slovenja. Id-dikjarazzjoni hija fil-forma ta' "pjan ta' 17-il punt ta' miżuri prammatiċi u operattivi sabiex jiżguraw li n-nies ma jitħallewx ifendu għal rashom waħedhom fix-xita u l-kesħa". Kienet inħarġet bħala Stqarrija għall-Istampa IP/15/5904.

197 Ċerti miżuri li ġew ikkunsidrati bħala atti ta' solidarjetà fit-tifsira tal-Artikolu 80 TFUE ġew introdotti, jiġifieri d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2015/1523 u 2015/1601. Madankollu, l-Artikolu 33 tar-Regolament Dublin III ma kienx attivat.

198 Der Tagespiegel (Andrea Dernbach) tas-26 ta' Awwissu 2015.

199 The Financial Times tal-20 ta' Jannar 2016. Fir-rigward tan-natura korretta jew le ta' din il-konklużjoni, ara l-kumment tiegħi fin-nota ta' qiegħ il-paġna 25 iktar 'il fuq.

200 Ara l-punti 13 sa 17 iktar 'il fuq.

228. Minn naħa (u kuntrarjament għal opinjonijiet li jien esprimejt iktar 'il fuq) Franza u l-Kummissjoni jsostnu li l-Artikolu 5(4)(ċ) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen ma japplikax u li l-kriterju fl-Artikolu 13(1) tal-Kapitolu III huwa rilevanti u għandu jiġi applikat b'mod strett. Minn din is-sottomissjoni jsegwi li ċittadini ta' pajjiżi terzi li qasmu l-fruntiera esterna tal-Unjoni għandhom iressqu talbiet għall-protezzjoni internazzjonali fl-Istati Membri fil-fruntieri li fihom ikunu waslu l-ewwel "b'mod irregolari".

229. Min-naħa l-oħra, jekk il-politika ta' "wave through" tfisser li ċittadini ta' pajjiżi terzi huma intitolati għal tranżitu fi Stat Membru wieħed jew iktar sabiex iressqu t-talbiet tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru sussegwenti tal-għażla tagħhom, dak huwa forsi inkonsistenti mal-għanijiet tar-Regolament Dublin III, jiġifieri l-prevenzjoni ta' movimenti sekondarji u ta' forum shopping?

230. Għal darba oħra din hija kwistjoni ta' fejn għandu jinsab bilanċ bejn iż-żewġ perspettivi opposti[201].

231. Id-diffikultà ewlenija marbuta mal-interpretazzjoni stretta sostnuta minn Franza u l-Kummissjoni hija li ma tqisx b'mod realistiku ċ-ċirkustanzi li kienu jeżistu fil-Balkani tal-Punent fiż-żmien materjali u tinjora l-elementi fattwali dwar il-qsim tal-fruntieri. Bis-saħħa tal-pożizzjoni ġeografika tagħhom, l-Istati Membri tal-fruntiera – b'mod partikolari l-Kroazja u s-Slovenja (li ma tikkonfinax ma' pajjiż terz) imma hija l-ewwel Stat Schengen[202] – kienu jegħrqu bl-għadd ta' applikanti li kellhom jirċievu u n-numru korrispondenti ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali li kienu jkunu obbligati li jipproċessaw. Bejn is-16 ta' Settembru 2015 u l-5 ta' Marzu 2016 total ta' 685 068 persuna daħlu fil-Kroazja. Wasliet ta' kuljum kienu fil-medja ta' madwar 5 500 ċittadin ta' pajjiżi terzi; fis-17 ta' Settembru 2015 iċ-ċifra qabżet għall-11 000[203].

232. Tali eżitu ma jistax jiġi ekwiparat mal-għanijiet li d-determinazzjoni tiġi bbażata fuq "kriterji ġusti kemm għall-Istati Membri kif ukoll l-persuni kkonċernati"[204]. Meta s-sistema tal-ażil nazzjonali ta' Stat Membru tkun mgħobbija żżejjed, dak l-Istat Membru ma jistax jiggarantixxi aċċess effettiv għall-proċeduri tal-għoti ta' protezzjoni internazzjonali; u l-għan tal-ipproċessar malajr ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali stipulat fid-Direttiva dwar il-proċeduri jkun inevitabbilment kompromess. Huwa probabbli li l-Istat Membru kkonċernat se jsibha wkoll diffiċli jekk mhux impossibbli li jikkonforma mar-regoli fid-Direttiva dwar l-akkoljenza li tistabbilixxi standards għall-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali[205].

233. Fis-sentenza N.S. *et*[206], il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li ksur tad-Direttiva dwar il-proċeduri jew tad-Direttiva dwar l-akkoljenza ma huwiex fattur li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli, peress li jekk isir hekk ikun qiegħed jiżdied kriterju, li jgħaddi mit-tieqa minflok mill-bieb, ma' dawk elenkati fil-Kapitolu III tar-Regolament Dublin II[207]. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet tiddeċiedi li "fl-eventwalità li jkun hemm lok għal tħassib serju dwar l-eżistenza ta' nuqqasijiet sistematiċi fil-proċedura tal-ażil u fil-kundizzjonijiet tal-akkoljenza tal-persuni li jkunu qegħdin ifittxu ażil fl-Istat Membru responsabbli, nuqqasijiet li

201 Ara l-punt 175 iktar 'il fuq dwar l-evalwazzjoni tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III.

202 Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 55 iktar 'il fuq.

203 "*At the Gate of Europe*", rapport fuq ir-refuġjati tar-Rotta tal-Balkani tal-Punent minn Senado Šelo Šabić u Sonja Borić, p. 11. Ibbażat fuq iċ-ċifri tal-Eurostat iċċitati f'"*The Balkan route reversed – the return of asylum seekers to Croatia under the Dublin System*", ir-rapport (datat l-15 ta' Diċembru 2016 u ppubblikat mill-Kunsill Ewropew għar-Refuġjati u l-Eżiljati u d-Database tal-Informazzjoni dwar l-Ażil) jgħid li s-sistema ta' akkoljenza u l-proċedura tal-ażil tal-Kroazja għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali ma kinux imfassla bil-għan li jirrispondu għal "popolazzjonijiet imdaqqsa ta' persuni li jfittxu l-ażil".

204 Ara l-premessa 5 tar-Regolament Dublin III; ara wkoll l-Artikolu 31(1) sa (3) tad-Direttiva dwar il-proċeduri.

205 Id-Direttiva dwar l-akkoljenza: ara wkoll il-premessi 10 sa 12 tar-Regolament Dublin III.

206 Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, *N.S.* et, C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:865.

207 Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, *N.S.* et, C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:865, punti 84 u 85.

jimplikaw trattament inuman jew degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta, tal-persuni li jkunu qegħdin ifittxu ażil u li jkunu ttrasferiti lejn it-territorju ta' dan l-Istat Membru, dan it-trasferiment ikun inkompatibbli [mar-Regolament Dublin II]"[208]. Dik il-kawża kienet tikkonċerna l-pożizzjoni fil-Greċja u l-predeċessur tar-Regolament Dublin III.

234. Jiena nipperċepixxi riskju reali li jekk l-Istati Membri tal-fruntiera, bħall-Kroazja, jitqiesu li huma responsabbli għall-aċċettazzjoni u għall-ipproċessar ta' għadd eċċezzjonalment kbir ta' applikanti għall-ażil, dawn se jkunu ffaċċjati b'piż sproporzjonat fir-rigward tal-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li kienu ttollerati jidħlu ("waved through") bejn Settembru 2015 u Marzu 2016. Xi wħud minn dawk l-applikanti, bħal A.S. u l-familji Jafari, sussegwentement saru s-suġġett ta' talbiet għal trasferiment li l-Istat Membru tal-fruntiera kkonċernat għandu mbagħad jipproċessa. Dan l-Istat Membru mbagħad x'aktarx ser ikollu jeżaminaw fil-mertu l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Huwa ċar li ż-żieda fin-numru ta' applikanti għall-ażil mibgħuta lura skont ir-Regolament Dublin III diġà għamlet pressjoni addizzjonali fuq is-sistema tal-ażil Kroata[209]. Huwa kompletament possibbli li l-Kroazja – kif diġà huwa l-każ għall-Greċja – sempliċement mhux ser tkun tista' tlaħħaq mas-sitwazzjoni jekk, barra minn hekk, tkun meħtieġa tirċievi numri kbar ta' applikanti li qabel għaddew fi tranżitu mill-Kroazja.

235. Is-Slovenja kienet affaċċjata b'numru simili ta' persuni li fittxew aċċess għat-territorju tagħha u l-kapaċitajiet amministrattivi tagħha għall-akkoljenza tal-applikanti kienu wkoll iġġebbdu lil hinn mill-kapaċità tagħha[210]. Il-Gvern Sloven iddeskriva l-pożizzjoni bħala li tikkostitwixxi waħda mill-ikbar sfidi umanitarji li kellu quddiemu sa mit-Tieni Gwerra Dinjija[211]. Dan seta' mbagħad ipoġġi lill-Istat Membru f'pożizzjoni wkoll fejn ma jkunx jista' jikkonforma mal-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 4 tal-Karta u taħt l-Artikolu 3 tal-KEDB[212].

236. Jien ma naħsibx li fiż-żmien materjali l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali setgħu raġonevolment ikunu mistennija jew meħtieġa li jagħmlu talba għal protezzjoni internazzjonali fl-ewwel Stat Membru li huma qasmu fih, kif donnha tidher li ssuġġeriet il-Kummissjoni waqt is-seduta. Huwa veru li s-sistema ta' Dublin hija maħsuba sabiex taħdem fuq din il-premessa u li l-marki tas-swaba' ta' applikant individwali jittieħdu u jiddaħħlu fl-Eurodac fuq dik il-bażi. Madankollu, xejn minn dan ma jirrifletti r-realtà tas-sitwazzjoni bejn Settembru 2015 u Marzu 2016, fejn l-awtoritajiet kompetenti kellhom ilaħħqu ma' influss ta' massa ta' nies. Inżid ngħid li n-nies ma jistgħux jiġu sfurzati jagħtu l-marki tas-swaba' taħt ir-regoli kurrenti (possibbilment, minħabba li kemm ir-Regolament Dublin III kif ukoll ir-Regolament Eurodac jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u prattika bħal dik tista' ma tkunx kompatibbli ma' dak għan) – iżda probabbilment dak kien ikun l-uniku mod sabiex jiġi żgurat li jittieħdu l-marki tas-swaba' ta' kulħadd hekk kif jgħaddu.

237. Preċiżament peress li s-sitwazzjoni tant kienet mingħajr preċedent, ma naħsibx li tħassib (leġittimu) dwar movimenti sekondarji u forum shopping jimmaterjalizzaw bl-istess mod bħalma kienu jimmaterjalizzaw f'ċirkustanzi normali. Dawn il-kawżi ma jikkonċernawx individwi li għamlu qsim klandestin għal ġewwa l-fruntieri tat-territorju tal-Unjoni. Il-qsim fiż-żewġ każijiet kienu awtorizzati. Il-persuni kkonċernati għarrfu lill-awtoritajiet bl-intenzjonijiet tagħhom u dawn ġew

208 Sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, *N.S.* et, C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:865, punt 86. Dak il-prinċipju issa ġie kkodifikat fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin III.

209 Fl-2015 kien hemm 943 talba totali taħt Dublin sabiex jittieħed inkarigu ta' jew sabiex jittieħdu lura l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u mhux iktar minn 24 trasferimenti (Eurostat). Mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Novembru 2016 il-Kroazja rċeviet 3 793 talba bħal dawn ġejjin prinċipalment mill-Awstrija, mill-Ġermanja u mill-Isvizzera. Fl-2015 id-dipartiment tal-ażil Kroat kellu biss tliet uffiċjali. Dan tela' għal ħamsa sabiex jipproċessaw il-każijiet Dublin matul l-agħar tal-kriżi. Ara "*The Balkan route reversed – the return of asylum seekers to Croatia under the Dublin System*", ir-rapport iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 201, p. 27.

210 "*At the Gate of Europe*" rapport dwar ir-refuġjati fuq ir-Rotta tal-Balkani tal-Punent minn Senado Šelo Šabić u Sonja Borić, paġni 14 sa 16.

211 Kien hemm mal-447 791 ċittadini ta' pajjiż terz li vvjaġġaw fis-Slovenja bejn l-aħħar tal-2015 u l-bidu tal-2016, imma kienu biss 471 ruħ li ppreżentaw applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali hemmhekk.

212 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, *N.S.* et, C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:865, punti 88 sa 90 u l-ġurisprudenza ċċitata. Ara, iktar reċenti, is-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-4 ta' Novembru 2014, *Tarakhel vs L-Isvizzera* (EC:KEDB:2014:1104JUD 002921712). Sa issa ma hemm l-ebda kostatazzjoni bħal din ta' diffikultajiet sistemiċi fis-sistema tal-ażil fir-rigward tal-Kroazja jew tas-Slovenja.

irreġistrati[213]. Mhux qed nittrattaw hawn movimenti sekondarji illeċiti. Ma hemm xejn fil-materjal quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li jissuġġerixxi li r-rikorrenti xtaqu jagħmlu "forum shopping". Huma sempliċement xtaqu li jagħmlu l-applikazzjonijiet rispettivi tagħhom fi Stati Membri partikolari li kienu wrew xewqa li jirċievu u li jeżaminaw dawk it-talbiet. Is-sitwazzjoni ma taqbilx mal-arketipi eżistenti. Għalhekk, dan ma jfissirx neċessarjament li t-tħassib dwar movimenti sekondarji u forum shopping – tħassib li leġittimament japplika għall-applikant individwali konvenzjonali – huwa rilevanti hawnhekk.

238. Il-kriterji tal-Kapitolu III ma kinux imfassla bl-intenzjoni tas-sitwazzjoni fil-Balkani tal-Punent[214]. L-insistenza fuq l-applikazzjoni rigoruża ta' dawk il-kriterji tmur kontra l-għan iddikjarat ieħor tar-Regolament Dublin III, jiġifieri li jiġi żgurat li l-Istati Membri ma jżommux lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali "fl-orbita"[215].

239. Dan ifisser li r-Regolament Dublin III huwa "miksur"?

240. Ma naħsibx li huwa hekk.

241. L-Artikolu 3 tar-Regolament Dublin III jintroduċi ċerti prinċipji u salvagwardji ġenerali li l-Istati Membri jistgħu jużaw. Ir-regola fl-Artikolu 3(1), li l-applikazzjonijiet għandhom jiġu eżaminati minn Stat Membru wieħed, tkompli tapplika. L-Artikolu 3(2) jipprovdi li f'ċirkustanzi fejn "ebda Stat Membru responsabbli ma jkun jista' jinħatar fuq il-bażi tal-kriterji elenkati f'dan ir-Regolament, l-ewwel Stat Membru li fih l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kienet iddepożitata għandu jkun responsabbli biex jeżaminaha". L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li jużaw il-klawżola diskrezzjonali fl-Artikolu 17(1) li permezz tagħha huma jistgħu jeżaminaw l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentati minn ċittadini ta' pajjiżi terzi, anki jekk eżami bħal dak ma jkunx ir-responsabbiltà tagħhom taħt il-kriterji tal-Kapitolu III.

242. Fid-dawl taċ-ċirkustanzi kompletament eċċezzjonali fil-Balkani tal-Punent fil-perijodu minn Settembru 2015 sa Marzu 2016, l-Istat Membru responsabbli jista' jiġi determinat fuq il-bażi ta' waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Dublin III. Fl-ebda każ bħalissa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma l-Istat Membru kkonċernat volontarjament assuma r-responsabbiltà taħt l-Artikolu 17(1). L-Istat Membru responsabbli għandu, għaldaqstant, jinħatar fuq il-bażi tal-Artikolu 3(2). Dik il-fehma tonora s-salvagwardja fir-rigward tad-drittijiet fundamentali introdotta mil-leġiżlatur tal-Unjoni u hija konsistenti mal-għan ġenerali fil-premessa 7, sa fejn talloka b'mod ċar ir-responsabbiltà sabiex jiġu eżaminati l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali fost l-Istati Membri.

243. Nikkonkludi li l-fatti fil-kawżi prinċipali ma jħallux li kwalunkwe "Stat Membru responsabbli" jinħatar għall-finijiet tal-Kapitolu III tar-Regolament Dublin III. Minn dan isegwi li l-applikazzjonijiet rispettivi għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu eżaminati mill-ewwel Stat Membru li fih dawk l-applikazzjonijiet ikunu ppreżentati skont l-Artikolu 3(2) ta' dak ir-regolament.

*Il-Kawża C-490/16, A.S.*

244. Il-qorti tar-rinviju tqajjem kwistjoni addizzjonali f'dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari li tikkonċerna d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u kif jiġu kkalkolati t-termini.

213 Fir-rigward ta' A.S., ara l-punti 71 u 72 iktar 'il fuq. Fir-rigward tal-familji Jafari, ara l-punti 85 sa 88 iktar 'il fuq.

214 Ara l-punti 186 sa 189 iktar 'il fuq.

215 Gil Mogades, S., "*The discretion of States in the Dublin III system for determining responsibility for examining applications for asylum*", *International Journal of Refugee law*, Vol. 27, Nru 3, paġni 433 sa 456.

245. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk A.S. huwiex intitolat li jikkontesta, skont l-Artikolu 27 tar-Regolament Dublin III, id-deċiżjoni tal-awtoritajiet kompetenti Sloveni li jitolbu li l-Kroazja tieħu r-responsabbiltà sabiex teżamina l-applikazzjoni tiegħu għall-ażil fuq il-bażi tal-Artikolu 13(1) ta' dak ir-regolament.

246. Fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Ghezelbash [216], ir-risposta għal dik id-domanda għandha tkun mingħajr tlaqliq "iva". F'dik is-sentenza l-Qorti tal-Ġustizzja qalet li "l-Artikolu 27(1) tar-Regolament [Dublin III], moqri fid-dawl tal-premessa 19 ta' dan ir-regolament, għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, applikant għall-ażil jista' jinvoka, fil-kuntest ta' appell eżerċitat kontra deċiżjoni ta' trasferiment meħuda fir-rigward tiegħu, l-applikazzjoni żbaljata ta' kriterju ta' responsabbiltà stabbilit fil-Kapitolu III ta' dan ir-regolament [...]" [217].

247. Nikkonkludi li, meta applikant għal protezzjoni internazzjonali jikkontesta deċiżjoni ta' trasferiment fuq il-bażi tal-argument li l-kriterju tal-Artikolu 13(1) kien applikat b'mod żbaljat, l-Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin III għandu jiġi interpretat fis-sens li l-individwu kkonċernat huwa intitolat jinvoka, f'appell mid-deċiżjoni li jiġi ttrasferit, l-applikazzjoni żbaljata ta' dak il-kriterju sabiex tiġi ddeterminata r-responsabbiltà stabbilit fil-Kapitolu III ta' dak ir-regolament.

248. Permezz tal-ħames domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk it-termini fl-Artikoli 13(1) u 29(2) tar-Regolament Dublin III jkomplux jiddekorru meta applikant għall-protezzjoni internazzjonali jikkontesta deċiżjoni ta' trasferiment skont l-Artikolu 27(1).

249. L-Artikolu 13(1) jipprovdi li, f'każijiet fejn id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli sabiex jeżamina talba għall-protezzjoni internazzjonali tkun ibbażata fuq il-fatt li l-applikant qasam b'mod irregolari l-fruntiera u daħal f'dak l-Istat minn pajjiż terz, ir-responsabbiltà sabiex jeżamina l-applikazzjoni tintemm 12-il xahar wara d-data li fiha jkun seħħ il-qsim irregolari tal-fruntiera.

250. Peress li A.S. eżerċita d-dritt tiegħu li jappella mid-deċiżjoni tat-trasferiment, it-terminu fl-Artikolu 13(1) kien ikun skada qabel ma tiġi riżolta l-litigazzjoni. Dan huwa saħansitra iktar evidenti peress li l-proċeduri nazzjonali bħalissa huma sospiżi sakemm tingħata d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

251. Jidhirli, mill-formulazzjoni, li t-terminu fl-Artikolu 13(1) huwa mmirat biss sabiex jiżgura li l-Istat Membru li jitlob it-trasferiment (iktar 'il quddiem l-"Istat Membru rikjedenti") lill-Istat fejn iċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikun qasam l-ewwel il-fruntiera esterna u daħal fit-territorju tal-Unjoni jaġixxi minnufih [218]. Jekk l-Istat rikjedenti jonqos milli jaġixxi fi żmien 12-il xahar, imbagħad huwa jsir awtomatikament l-Istat Membru responsabbli sabiex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Dak it-terminu ma huwiex marbut mad-dritt tal-appell ta' applikant. Jekk dak il-perijodu ta' 12-il xahar jiġi interpretat b'dak il-mod, dan ikun imur kontra l-għan li jiġi stabbilit malajr l-Istat Membru responsabbli fis-sistema ta' Dublin.

252. L-Artikolu 29(2) jipprovdi li, f'każijiet meta t-trasferiment ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali mill-Istat Membru rikjedenti (hawnhekk, is-Slovenja) lill-Istat Membru responsabbli (hawnhekk, il-Kroazja) ma jsirx fi żmien sitt xhur minn meta tkun intlaqgħat it-talba ta' trasferiment, l-Istat Membru responsabbli jinħeles mill-obbligi tiegħu. Skont l-Artikolu 27(3), il-preżentazzjoni ta' appell jew ta' rikors għal stħarriġ ġudizzjarju sabiex tiġi kkontestata deċiżjoni ta' trasferiment għandha effetti ta' sospensjoni għall-applikant. Madankollu, ir-regolament ma jgħid xejn dwar jekk kontestazzjoni ta' dik in-natura tissospendix it-termini stabbiliti fl-Artikolu 29(2) tar-Regolament Dublin III.

216 Sentenza tas-7 ta' Ġunju 2016, *Ghezelbash*, C-63/15, EU:C:2016:409.

217 Sentenza tas-7 ta' Ġunju 2016, *Ghezelbash*, C-63/15, EU:C:2016:409, punt 61.

218 Ara l-Artikolu 18 tar-Regolament Dublin III u l-Artikolu 31 tad-Direttiva dwar il-proċeduri.

253. Fejn kontestazzjonijiet għal deċiżjonijiet ta' trasferiment taħt l-Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin III jkollhom effett ta' sospensjoni fis-sens tal-Artikolu 27(3)(a) u (b), kwalunkwe deċiżjoni ta' trasferiment tiġi sospiża b'mod konformi mal-formulazzjoni espressa ta' dawk id-dispożizzjonijiet. Jidher ċar li f'ċirkustanzi bħal dawk it-terminu fl-Artikolu 29(2) ma jiddekorrix.

254. Il-pożizzjoni hija inqas sempliċi fejn japplika l-Artikolu 27(3)(ċ). F'każ bħal dan, l-Istati Membri għandhom jippermettu applikant l-opportunità li jitlob is-sospensjoni tad-deċiżjoni tat-trasferiment. It-terminu skont l-Artikolu 29(2) ma jistax jiddekorri matul il-perijodu ta' sospensjoni. Jekk l-applikant ma jirnexxilux, madankollu, is-sospensjoni tispiċċa u l-perijodu ta' sitt xhur jibda jiddekorri mill-ġdid.

255. Jidhirli li interpretazzjoni tal-Artikoli 27 u 29 fis-sens li terminu ta' sitt xhur ikompli jiddekorri minkejja kull kontestazzjoni legali għad-deċiżjoni tat-trasferiment tkun inkompatibbli mal-għan u mal-iskema tar-Regolament. Dan ikun ifisser li l-proċess ta' trasferiment jista' jiġi sovvertit minn proċeduri legali fit-tul.

256. Jiena għalhekk tal-fehma li t-terminu ta' sitt xhur previst fl-Artikolu 29(2) tar-Regolament Dublin III ma jibqax jiddekorri meta kontestazzjoni legali skont l-Artikolu 27(1) ikollha effett ta' sospensjoni fis-sens tal-Artikolu 27(3) ta' dak ir-regolament.

257. Ma huwiex ċar preċiżament x'jistgħu jkunu l-implikazzjonijiet għal A.S. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandha l-ebda informazzjoni quddiemha li tindika kif is-Slovenja għażlet li timplementa l-Artikolu 27(3) tar-Regolament Dublin III.

258. Madankollu, huwa aċċettat li l-kundizzjonijiet li fihom A.S. daħal fl-Unjoni kienu bla preċedent. Huwa aċċettat ukoll li huwa kien awtorizzat jidħol fil-Kroazja mill-awtoritajiet Kroati u li huwa b'mod simili kiseb dħul awtorizzat fiż-żona Schengen meta qasam il-fruntiera mill-Kroazja għal ġewwa s-Slovenja. Waqt is-seduta, is-Slovenja indikat li l-awtorizzazzjoni kienet saret fuq il-bażi tal-Artikolu 5(4)(ċ) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. F'dawk iċ-ċirkustanzi jidhirli, kif diġà għidt, li d-dħul ta' A.S. ma kienx "irregolari" għall-finijiet tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III. Huwa kien irreġistrat kif qasam il-fruntiera esterna u ma hemm xejn li jindika li huwa kien is-suġġett ta' allert tas-SIS. Huwa ma jistax jiġi rritornat lejn il-Greċja (il-punt ta' dħul oriġinali tiegħu fl-Unjoni) [219]. Minn dan isegwi li s-Slovenja hija l-Istat Membru responsabbli sabiex teżamina l-applikazzjoni tiegħu għall-protezzjoni internazzjonali bis-saħħa tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin III.

*Il-Kawża C-646/16, Jafari*

259. Mill-punt 243 iktar 'il fuq jirriżulta li jiena nikkunsidra li l-applikazzjonijiet tal-familji Jafari għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu eżaminati mill-awtoritajiet Awstrijaċi fuq il-bażi tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin III. Jiena ma nikkunsidrax li l-politika tolleranti (wave through) tal-Istati tal-Balkani tal-Punent tammonta għal viża għall-finijiet tal-Artikolu 12 tar-Regolament Dublin III. Lanqas ma kien hemm eżenzjoni mill-viża fit-tifsira tal-Artikolu 14 tar-Regolament Dublin III.

219 Ara l-punt 187 iktar 'il fuq.

260. Madankollu, id-dħul fl-Unjoni tal-familji Jafari minn Stat terz kien awtorizzat, kif kien il-qsim sussegwenti tagħhom tal-fruntieri interni tal-Unjoni. Ma huwiex ċar jekk dan kienx espressament fuq il-bażi legali tal-Artikolu 5(4)(ċ) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Huwa inkonfutabbli li dawn tħallew jidħlu u kienu tabilħaqq megħjuna jagħmlu dan mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Fiċ-ċirkustanzi mingħajr preċedent li kien hemm fil-Balkani tal-Punent bejn Settembru 2015 u Marzu 2016, dan huwa biżżejjed sabiex jagħmel inapplikabbli l-kriterju tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament Dublin III.

261. Il-familji Jafari ma jistgħux jiġu rritornati lejn il-Greċja (il-punt ta' dħul oriġinali tagħhom fl-Unjoni)[220]. Minn dan isegwi li l-Awstrija hija l-Istat Membru responsabbli sabiex teżamina l-applikazzjonijiet tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali bis-saħħa tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin III.

## Konklużjoni

262. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jien tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddikjara dan li ġej:

Fir-rigward kemm tal-Kawża C-490/16, A.S., kif ukoll l-Kawża C-646/16, Jafari:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2013, li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, għandu jiġi interpretat b'riferiment għall-kliem, għall-kuntest u għall-għanijiet ta' dak ir-regolament biss, iktar milli flimkien ma' atti oħra tal-Unjoni Ewropea – inkluż b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) u d-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, minkejja li fl-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 604/2013 id-dispożizzjonijiet ta' dawk l-atti għandhom jitqiesu sa fejn ikun meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn id-diversi politiki fil-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat FUE.

(2) F'ċirkustanzi kompletament eċċezzjonali li fihom influss massiv ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi daħlu fl-Unjoni bejn l-aħħar tal-2015 u l-bidu tal-2016 u kienu tħallew jaqsmu l-fruntiera esterna tal-Unjoni minn pajjiżi terzi, il-fatt li ċerti Stati Membri ppermettew liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati jaqsmu l-fruntiera esterna tal-Unjoni u sussegwentement jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra sabiex jippreżentaw applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru partikolari ma huwiex ekwivalenti għall-ħruġ ta' "viża" għall-għanijiet tal-Artikoli 2(m) u 12 tar-Regolament Nru 604/2013.

(3) Il-kliem "applikant ikun qasam b'mod irregolari l-konfini għal ġo Stat Membru" fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament Nru 604/2013 ma jkoprix sitwazzjoni fejn, bħala riżultat ta' influss massiv ta' ċittadini ta' pajjiż terz li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni, l-Istati Membri jippermettu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati jaqsmu l-fruntiera esterna tal-Unjoni u sussegwentement jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra tal-Unjoni sabiex jippreżentaw applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru partikolari.

220 Ara l-punt 187 iktar 'il fuq.

(4) Sussidjarjament, meta Stat Membru jawtorizza ċittadin ta' pajjiż terz jidħol fit-territorju tiegħu fuq il-bażi tal-Artikolu 5(4)(ċ) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikun, essenzjalment, xi ħadd li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet tad-dħul stabbiliti fl-Artikolu 5(1) ta' dak ir-regolament. Sa fejn dawk il-kundizzjonijiet ta' dħul ma jkunux issodisfatti, il-qsim tal-fruntiera esterna miċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat għandu jkun, fis-sens formali, irregolari. Madankollu, id-dħul ikun *de facto* ġie awtorizzat u l-bażi legali għal dik l-awtorizzazzjoni hija d-deroga fl-Artikolu 5(4)(ċ) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

(5) Fiċ-ċirkustanzi li kien hemm fil-Balkani tal-Punent bejn l-aħħar tal-2015 u l-bidu tal-2016, l-awtorizzazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jidħlu fit-territorju tal-Istati Membri tal-Unjoni ma tikkostitwixxix dħul b'rinunzja għall-viża għall-finijiet tal-Artikolu 14(1) tar-Regolament Nru 604/2013.

(6) Il-fatti tal-kawżi fil-kawża prinċipali ma jippermettux li kwalunkwe "Stat Membru responsabbli" jinħatar għall-finijiet tal-Kapitolu III tar-Regolament Nru 604/2013. Minn dan isegwi li l-applikazzjonijiet rispettivi għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu eżaminati mill-ewwel Stat Membru li fih dawk l-applikazzjonijiet kienu ppreżentati skont l-Artikolu 3(2) ta' dak ir-regolament.

Fir-rigward tal-Kawża C-490/16, A.S.:

(7) Meta applikant għal protezzjoni internazzjonali jikkontesta deċiżjoni ta' trasferiment fuq il-bażi li l-kriterju tal-Artikolu 13(1) ġie applikat b'mod żbaljat, l-Artikolu 27(1) tar-Regolament Nru 604/2013 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-individwu kkonċernat huwa intitolat jinvoka, f'appell minn deċiżjoni li jiġi ttrasferit, l-applikazzjoni żbaljata ta' dak il-kriterju għad-determinazzjoni tar-responsabbiltà stabbilit fil-Kapitolu III ta' dak ir-regolament.

(8) It-terminu ta' sitt xhur previst fl-Artikolu 29(2) tar-Regolament Nru 604/2013 ma jibqax jiddekorri meta l-kontestazzjoni legali skont l-Artikolu 27(1) ikollha effett ta' sospensjoni fis-sens tal-Artikolu 27(3) ta' dak ir-regolament.